ECHA
EUROPEAN CHEMICALS AGENCY

# Programm ta' Ħidma 2014

DIKJARAZZJONI TA' ĊAĦDA TA' RESPONSABBILTÀ

L-opinjonijiet jew il-pożizzjonijiet espressi f'dan il-Programm ta' Ħidma ma jirrappreżentawx neċessarjament f'termini legali l-pożizzjoni uffiċjali tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi. L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ma tassumi ebda responsabbiltà għal żbalji jew ineżattezzi li jistgħu jidhru.

Europe Direct huwa servizz biex jgħinek issib tweġibiet għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea.

Numru Freephone (*):
00 800 6 7 8 9 10 11

(*) Ċerti operaturi ta' telefonija ċellulari ma jippermettux aċċess għal numri 00 800 jew dawn it-telefonati jistgħu ikunu bi ħlas.

Aktar informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet (http://europa.eu).
Dejta biblijografika tista' tinsab fi tmiem din il-pubblikazzjoni.

**Programm ta' Ħidma 2014**

Ħelsinki, Settembru 2013
Dok: MB/39/2013 finali



| | |
|---|---|
| **Referenza:** | ED-AH-13-101-MT-N |
| **ISBN:** | 978-92-9244-423-5 |
| **ISSN:** | 1831-7413 |
| **Data tal-pubblikazzjoni:** | Frar 2014 |
| **Lingwa:** | MT |



© L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, 2014

Qoxra © L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata sakemm is-sors ikun kompletament rikonoxxut fil-forma "Sors: L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, http://echa.europa.eu/", u sakemm jingħata avviż bil-miktub lill-Unità ta' Komunikazzjoni tal-ECHA (publications@echa.europa.eu).

Ċaħda ta' reponsabbiltà: Din hija traduzzjoni tax-xogħol ta' dokument ippubblikat oriġinarjament bl-Ingliż. Id-dokument oriġinali huwa disponibbli fuq il-websajt tal-ECHA.

Dan id-dokument ser ikun disponibbli fit-23 lingwa li ġejjin:

*Il-Bulgaru, il-Kroat, iċ-Ċek, id-Daniż, l-Olandiż, l-Ingliż, l-Estonjan, il-Finlandiż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, l-Ungeriż, it-Taljan, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, il-Pollakk, il-Portugiż, ir-Rumen, is-Slovakk, is-Sloven, l-Ispanjol u l-Isvediż*

Jekk għandek mistoqsijiet jew kummenti fir-rigward ta' dan id-dokument jekk jogħġbok ibgħathom (ikkwota r-referenza u d-data tal-ħruġ) billi tuża l-formola biex titlob l-informazzjoni. Il-formola biex titlob l-informazzjoni jista' jkollok aċċess għaliha permezz tal-paġna ta' Kuntatt tal-ECHA f': http://echa.europa.eu/contact

**L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi**

Indirizz Postali: Kaxxa Postali 400, FI-00121 Ħelsinki, Finlandja
Indirizz sekondarju: Annankatu 10, Ħelsinki, Finlandja

# Werrej


**Lista ta' akronimi** 4

**Introduzzjoni** 8

**Il-miri strateġiċi tal-ECHA 2014-2018** 9

**Punti prinċipali tal-2014** 10

**1. L-Implimentazzjoni tal-Proċessi Regolatorji** 12

1.1. Reġistrazzjoni, Kondiviżjoni u Tqassim tad-dejta (Attività 1) 12

1.2. Valutazzjoni (Attività 2) 19

1.3. L-Immaniġġar tar-Riskji (Attività 3) 23

1.4. Klassifikazzjoni u Ttikkettar (C&L) (Attività 4) 28

1.5. Bijoċidi (Attività 16) 31

1.6. PIC (Attività 17) 34

1.7. Pariri u assistenza permezz tal-Gwida u l-Uffiċċju tal-Informazzjoni (Attività 5) 36

1.8. Għodod xjentifiċi tal-IT (Attività 6) 39

1.9. Attivitajiet xjentifiċi u konsulenza teknika lill-Istituzzjonijiet u l-Korpi tal-UE (Attività 7) 42

**2. Korpi tal-ECHA u Attivitajiet għal Tnaqqis** 45

2.1. Kumitati u Forum (Attività 8) 45

2.2. Bord ta' Appell (Attività 9) 51

2.3. Komunikazzjonijiet (Attività 10) 53

2.4. Kooperazzjoni Internazzjonali (Attività 11) 56

**3. It-Tmexxija, l-organizzazzjoni u r-riżorsi** 58

3.1. Tmexxija (Attività 12) 58

3.2. Finanzi, Akkwisti u Kontabilità (Attività 13) 60

3.3. Riżorsi Umani u Servizzi Korporattivi (Attività 14) 62

3.4. Teknoloġija tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni (Attività 15) 65

**4. Riskji tal-Aġenzija** 67

**ANNESS 1: L-Organizzazzjoni tal-ECHA 2014 MB/54/2013 Ħelsinki, 18.12.2013** 68

**ANNESS 2: Assunzjonijiet bażi** 69

**ANNESS 3: Riżorsi stmati għall-2014 MB/54/2013 Ħelsinki, 18.12.2013** 72

**ANNESS 4: Pjan ta' Akkwisti MB/54/2013 Ħelsinki, 18.12.2013** 73

# Lista ta' akronimi

| | |
|---|---|
| BPC | Kumitat dwar il-Prodotti Bijoċidali |
| BPR | Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali |
| C & L | Klassifikazzjoni u Ttikkettar |
| CA | Aġent Kontraenti |
| CG | Grupp ta' Koordinazzjoni |
| Chesar | Il-Valutazzjoni dwar is-sigurtà kimika u għodda ta' rappurtaġġ |
| CLH | Klassifikazzjoni u ttikkettar armonizzati |
| CLP | Klassifikazzjoni, ttikkettar u imballaġġ |
| CMR | Karċinoġenu, mutaġeniku jew tossiku għar-riproduzzjoni |
| CoRAP | Pjan ta' azzjoni rikorrenti Komunitarju |
| CSA | Valutazzjoni dwar is-Sigurtà Kimika |
| CSR | Rapport dwar is-sigurtà kimika |
| DNA | Awtorità nazzjonali Deżinjata |
| eChemPortal | OECD Portal globali għal informazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi |
| ECA | Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri |
| ECHA | L-Aġenzija Ewropea dwar is-Sustanzi Kimiċi |
| ECM | Ġestjoni tal-Kontenut tal-Impriża |
| EDEXIM | Dejtabejż Ewropew dwar l-Esportazzjoni u l-Importazzjoni ta' Sustanzi Kimiċi Perikolużi |
| EFSA | Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà tal-Ikel |
| EIES | Sistema elettronika ta' proċedura ta' skambju ta' informazzjoni |
| ENES | ECHA-Netwerk ta' Skambju tal-Partijiet Interessati dwar Xenarji tal-Espożizzjoni |
| EU | L-Unjoni Ewropea |
| FAQs | Mistoqsijiet Frekwenti |
| Forum | Forum għall-Iskambju ta' Informazzjoni dwar l-Infurzar |
| HelpNet | Netwerk ta' Uffiċċju tal-Informazzjoni REACH u CLP |
| HR | Riżorsi Umani |
| HRMS | Sistema ta' ġestjoni ta' Riżorsi Umani |
| IAS | Servizz ta' Verifika interna tal-Kummissjoni |
| IPA | Strument għal Assistenza qabel l-Adeżjoni |
| IQMS | Sistema Integrata ta' Ġestjoni ta' Kwalità |
| ISO | Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni |
| ICT | Teknoloġija dwar il-Komunikazzjonijiet tal-Informazzjoni |
| IR | Rekwiżiti tal-informazzjoni |
| IT | Teknoloġija tal-Informazzjoni |
| IUCLID | Dejtabejż Internazzjonali Uniformi ta' Informazzjoni Kimika |
| JRC | Iċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea |
| MB | Bord ta' Tmexxija |

| | |
|---|---|
| MS | Stat Membru |
| MSC | Kumitat tal-Istati Membri |
| MSCA | Awtorità Kompetenti tal-Istati Membri |
| OECD | Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku |
| Odyssey | L-għodda tal-ECHA biex issostni kompiti ta' valutazzjoni |
| PBT | Persistenti, bijoakkumulattiv u tossiku |
| PIC | Kunsens Infurmat minn Qabel |
| PPORD | Riċerka u Żvilupp Orjentati lejn Prodotti u Proċessi |
| (Q)SAR | Relazzjoni Struttura-Attività (Kwantitattiva) |
| R4BP 3 | Reġistru għal Prodotti Bijoċidali |
| RAC | Kumitat għall-Istima tar-Riskji |
| REACH | Reġistrazzjoni, Valutazzjoni, Awtorizzazzjoni u Restrizzjoni tas-Sustanzi Kimiċi |
| REACH-IT | REACH-IT hija s-sistema ċentrali tal-IT li tipprovdi sostenn għal REACH |
| RIPE | Portal ta' Informazzjoni għall-Infurzar REACH |
| RMO | Possibbiltà tal-immaniġġjar tar-riskji option |
| SEAC | Kumitat dwar l-Analiżi Soċjo-Ekonomika |
| SIEF | Forum għall-iskambju ta' informazzjoni dwar sustanzi |
| SME | Impriżi żgħar u ta' daqs medju |
| SVHC | Sustanza ta' tħassib serju ħafna |
| TA | Aġent temporanju |
| TP | Proposti ta' ttestjar |
| UN | Nazzjonijiet Uniti |
| UN GHS | Sistema Globalment Armonizzata tan-Nazzjonijiet Uniti ta' klassifikazzjoni u ttikkettar tas-sustanzi kimiċi |
| WP | Programm ta' Ħidma |

# Il-mandat legali tal-ECHA

L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) hija korp tal-Unjoni Ewropea (UE) stabbilit fl-1 ta’ Ġunju 2007 mir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar “ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni tas-Sustanzi Kimiċi (REACH)”.

L-ECHA kienet stabbilita bl-iskop li tmexxi u, f’xi każijiet, twettaq l-aspetti tekniċi, xjentifiċi u amministrattivi tar-Regolament REACH u biex tiżgura konsistenza f’livell tal-UE. Kienet stabbilita wkoll biex timmaniġġa kompiti li jirrelataw għall-klassifikazzjoni u l-ittikkettar tas-sustanzi kimiċi, li, mill-2009, kienu rregolati permezz tar-Regolament dwar “il-Klassifikazzjoni, l-Ittikkettar u l-Imballaġġ ta’ sustanzi u taħlitiet” (Regolament CLP (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill).

Fl-2012, il-mandat tal-ECHA tkabbar permezz tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali – ir-“Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali”.

Ir-riformulazzjoni tar-Regolament “PIC” (ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni tas-sustanzi kimiċi perikolużi) ukoll daħlet fis-seħħ fl-2012. Ċerti kompiti li jirrelataw għal PIC ser jiġu ttrasferiti miċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea lill-ECHA fl-2014.

Dawn l-atti leġiżlattivi huma applikabbli fl-Istati Membri kollha tal-UE (MSs) mingħajr il-ħtieġa ta’ traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali.

## Il-Missjoni, il-Viżjoni u l-Valuri tal-ECHA

<table>
<tr><th>Missjoni</th><th>Valuri</th></tr>
<tr><td>L-ECHA hija l-forza ta' tmexxija fost l-awtoritajiet regolatorji fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni innovattiva tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi għall-benefiċċju tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent kif ukoll għall-innovazzjoni u l-kompetittività.<br><br>L-ECHA tgħin lil kumpaniji biex jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni, tavvanza l-użu sigur tas-sustanzi kimiċi, tipprovdi informazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi u tindirizza sustanzi kimiċi ta' tħassib.</td><td rowspan="3">Transparenti<br>Aħna ninvolvu b'mod attiv lill-imsieħba regolatorji u lill-partijiet interessati tagħna fl-attivitajiet tagħna u aħna trasparenti fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħna. Nagħmluha faċli biex ninftiehmu u biex wieħed jikkomunika magħna.<br>Indipendenti<br>Aħna indipendenti mill-interessi esterni kollha tagħna u imparzjali fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħna. Nikkonsultaw il-membri tal-pubbiku b'mod miftuħ qabel ma nieħdu ħafna mid-deċiżjonijiet tagħna.<br>Affidabbli<br>Id-deċiżonijiet tagħna huma bbażati fuq ix-xjenza u konsistenti. Il-kontabilità u s-sigurtà ta' informazzjoni kunfidenzjali huma l-pilastri tal-azzjonijiet kollha tagħna.<br>Effiċjenti<br>Aħna mmirati, impenjati u dejjem infittxu li nużaw ir-riżorsi tagħna bil-għaqal. Napplikaw standards ta' kwalità għolja u nirrispettaw l-iskadenzi.<br>Impenjati lejn il-benessri<br>Nistimolaw l-użu sigur u sostenibbli tas-sustanzi kimiċi biex intejbu l-kwalità tal-ħajja tal-bniedem fl-Ewropa u biex nipproteġu u ntejbu l-kwalità tal-ambjent.</td></tr>
<tr><td>Viżjoni</td></tr>
<tr><td>L-ECHA taspira li ssir l-awtorità regolatorja prinċipali dwar is-sigurtà tas-sustanzi kimiċi.</td></tr>
</table>

# Introduzzjoni

L-iskop tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi hu li jkun żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, u li tiġi ffaċilitata ċ-ċirkolazzjoni libera tas-sustanzi kimiċi fi ħdan is-suq intern. Barraminnhekk, l-iskop hu li jitjiebu l-kompetittività u l-innovazzjoni, u li jiġu promossi metodi alternattivi għall-ittestjar fuq l-annimali biex jiġu vvalutati l-perikoli tas-sustanzi kimiċi. Is-sistema regolatorja tal-UE hija bbażata fuq il-prinċipju li manifatturi, importaturi u utenti downstream għandhom jiżguraw li jimmanifatturaw, iqiegħdu fis-suq jew jużaw sustanzi li ma jeffettwawx ħażin is-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent. Id-dispożizzjonijiet għandhom bħala bażi l-prinċipju tal-prekawzjoni.

Il-mandat tal-ECHA ikopri kompiti taħt erba' regolamenti: REACH, CLP, Prodotti Bijoċidali u PIC. L-implimentazzjoni b'suċċess ta' dawn ir-regolamenti teħtieġ Aġenzija li tiffunzjona tajjeb, kapaċi li tagħti opinjonijiet b'bażi xjentifiċi indipendenti u ta' kwalità għolja fi ħdan skadenzi legali stretti, kif ukoll li tipprovdi s-sostenn neċessarju lill-partijiet interessati kkonċernati, inklużi l-industrija, fl-implimentazzjoni, biex jiġi żgurat li l-aspetti operazzjonali tal-leġiżlazzjoni jiffunzjonaw kif suppost. Madankollu, l-operazzjoni effiċjenti tar-regolamenti tiddependi wkoll fuq l-imsieħba istituzzjonali tal-ECHA, b'mod partikolari l-Istati Membri tal-UE u l-Kummissjoni Ewropea (hawnhekk iżjed 'il quddiem magħrufa bħala 'l-Kummissjoni') min-naħa waħda, u fuq l-industrija biex timplimenta tajjeb ir-regolamenti, min-naħa l-oħra. Barraminnhekk, huma meħtieġa kontribuzzjonijiet minn distributuri, bejjiegħa bl-imnut u konsumaturi, kif ukoll ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom.

L-ippjanar f'dan il-Programm ta' Ħidma huwa bbażat fuq il-figuri tal-linja bażi ppreżentanti fl-Anness 3, li huma aġġornament tal-estimi tal-Kummissjoni li saru fiż-żmien meta kienu qed jiġu ppreparati r-regolamenti. Wara li għaddiet tliet skadenzi importanti għar-reġistrazzjonijiet REACH u n-notifikazzjonijiet CLP rispettivament, fl-2010/2011 u l-2013, l-ECHA tista' issa tibbaża xi wħud mill-previżjonijiet tagħha fuq dejta reali. Xi partijiet min-numri bażiċi madankollu jibqgħu soġġetti għal grad sinifikanti ta' inċertezza, b'mod partikolari fir-rigward ta' applikazzjonijiet ta' awtorizzazzjoni għal REACH u r-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali. Minħabba li xi estimi ser ikollhom impatt dirett fuq id-dħul mill-ħlas u l-kapaċità tal-ECHA li tirrekluta l-persunal, l-ECHA ser tkun flessibbli biex talloka mill-ġdid il-persunal, fil-każ li l-għadd ta' dossiers deħlin ikun sinifikament aktar baxx milli mistenni f'qasam wieħed jew ieħor.

Il-baġit finali tal-ECHA u l-pjan ta' stabbiliment għar-riżorsi tal-bniedem ser jiġu addottati f'Diċembru 2013 mill-Bord ta' Tmexxija tagħha (MB), wara l-adozzjoni finali tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea mill-Awtorità tal-Baġit (il-Kunsill u l-Parlament Ewropew). F'każ li d-dħul totali jew figuri awtorizzati tal-persunal ivarjaw b'mod sinifikanti mill-estimi preżenti, il-Programm ta' Ħidma jiġi aġġustat kif meħtieġ.

# Il-miri strateġiċi tal-ECHA 2014-2018

Il-miri strateġiċi tal-ECHA ġew definiti fil-Programm ta' Ħidma Multi-Annali 2014–2018 addottat mill-Bord ta' Tmexxija fis-[26 ta' Settembru 2013]. Dan il-Programm ta' Ħidma 2014 huwa bbażat fuq l-erba' miri strateġiċi, li s-suċċessi tagħhom isirilhom monitoraġġ permezz ta' kejl kull sena, li qiegħed jiġi żviluppat u li r-riżultati tiegħu ser jiġu rrappurtati fir-Rapport Ġenerali annwali:

**1. Il-massimizzazzjoni tad-disponibbiltà ta' dejta ta' kwalità għolja biex tippermetti l-manifattura u l-użu sigur ta' sustanzi kimiċi**

Elementi li għandhom jitqiesu:

Aspetti kwantitattivi/kwalitattivi – Il-progress fit-titjib tal-kwalità ta' dossiers billi wieħed iħares lejn id-disponibbiltà tal-informazzjoni (ammont, tip), il-konsistenza tal-informazzjoni, konformità mar-rekwiżiti u l-utilità tal-informazzjoni.

**2. Il-mobilizzazzjoni tal-awtoritajiet biex jużaw id-dejta b'intelliġenza biex jidentifikaw u jindirizzaw sustanzi kimiċi ta' tħassib**

Elementi li għandhom jitqiesu:

Aspetti kwantitattivi – Il-progress li jirrelata għall-attivitajiet ta' skrining u l-miżuri tal-immaniġġjar tar-riskji li jirriżultaw mill-iskrining.

Aspetti kwalitattivi – Wieħed jistaqsi : L-iskrining kien ta' suċċess fis-sens li s-sustanzi tajbin huma magħżula għal RMO u mmaniġġar tar-riskji regolatorja ulterjuri u hija prodotta biżżejjed informazzjoni għal opinjoni u teħid ta' deċiżjoni?

**3. L-indirizzar tal-isfidi xjentifiċi billi sservi bħala l-qalba għall-bini tal-kapaċità xjentifika u regolatorja tal-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u atturi oħra**

Elementi li għandhom jitqiesu:

Aspett kwalitattiv – Wieħed jistaqsi : Il-livell tal-kapaċità xjentifika tal-ECHA jirriżulta fi gwida, konsulenza u kontribuzzjonijiet xjentifiċi oħra, aġġornati?

**4. It-tħaddin tal-kompiti leġiżlattivi preżenti u ġodda b'effiċjenza u b'effettività, filwaqt li jkun hemm addattament għal limiti ġodda fuq ir-riżorsi**

Elementi li għandhom jitqiesu:

Aspetti kwantitattivi/kwalitattivi – L-implimentazzjoni tal-punti kardinali tal-MAWP, progress fl-effiċjenza tal-proċessi, tibdil fil-ġestjoni tal-kapaċità.

# Punti prinċipali tal-2014

Programm ta' Ħidma 2014 – Nibnu għall-ġejjieni

Għalkemm l-2014 hija sena b'ebda skadenzi leġiżlattivi maġġuri, ser tkun ta' sfida b'mod differenti. Il-punt fokali ta' dan il-Programm ta' Ħidma (WP) ser ikun inqas fuq li jiġu sodisfatti miri kwantitattivi u aktar fuq il-kompletazzjoni tal-pedamenti ta' kwalità neċessarji, biex b'hekk - wara li wieħed jieħu kont ta' esperjenzi li kienu ottenuti s'issa – ikun jista' jibni s-suċċess tal-istrateġija ambizzjuża ta' ħames snin. Tirrappreżenta tieqa ta' opportunità fejn l-Aġenzija tista' titgħallem lezzjonijiet mill-imgħoddi u tagħti bidu għal tibdiliet biex tistabbilixxi l-pedamenti għal pjan strateġiku ta' suċċess ta' ħames snin, li ser jidentifika l-istadji neċessarji għall-iskadenza ta' reġistrazzjoni REACH fl-2018, il-miri politiċi dwar l-użu sigur ta' sustanzi kimiċi fl-2020, u proċess ta' awtorizzazzjoni ta' sustanzi ta' tħassib serju ħafna (SVHCs) u sustanzi u prodotti bijoċidali, li jimxi ħarir. L-ECHA ser tiġbed ukoll konklużjonijiet prattiċi mir-reviżjoni ta' REACH tal-Kummissjoni u l-azzjonijiet ta' segwitu tagħha. Il-ħafna miri li jiffurmaw parti minn dan il-programm ta' azzjonijiet jistgħu jintlaħħqu biss permezz ta' kooperazzjoni aktar intensa mal-Istati Membri, il-Kummissjoni Ewropea u l-Organizzazzjonijiet Akkreditati tal-Partijiet Interessati tal-ECHA.

Biex jiġu stabbiliti l-pedamenti għall-ewwel mira strateġika – għat-titjib tal-kwalità tal-informazzjoni – huwa meħtieġ sforz ikkumbinat ta' awtoritajiet u u industrija. L-ECHA ser ikollha tirfina u timplimenta l-approċċi u l-pjanijiet tagħha dwar kif tqajjem konformità u żżid il-kwalità tar-reġistrazzjonijiet. Fir-rigward ta' reġistrazzjonijiet riċevuti għall-iskadenzi tal-2010 u l-2013, din il-mira fit-tul ser tintlaħaq permezz ta' kombinazzjoni ta' azzjonijiet ta' valutazzjoni regolatorji u titjib f'metodi, standards u għodod għas-sigurtà kimika u l-komunikazzjoni tagħha fil-katina tal-provvista. Fir-rigward ta' reġistrazzjonijiet għall-iskadenza tal-2018 fejn ħafna aktar impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) jeħtieġu li jippreparaw ir-reġistrazzjonijiet tagħhom għall-ewwel darba – jew bħala reġistrant prinċipali jew membru – l-ECHA tixtieq li tistabbilixxi ppjanar multiannali biex tirrevedi l-għodod u l-gwida tagħha biex tagħmilhom iktar ċari u faċli biex jintużaw.

L-ECHA ser tenfasizza wkoll miżuri biex tqajjem kuxjenza u tibni l-kapaċità fi ħdan l-industrija u l-Istati Membri biex l-industrija tkun konxja mid-dmirijiet tal-utenti downstream tagħha li jikkomunikaw informazzjoni tul il-katina tal-provvista bi tweġiba għal skedi ta' dejta ta' sigurtà aġġornati b'xenarji tal-espożizzjoni li rriżultaw mit-tieni skadenza tar-reġistrazzjoni. Hemm ukoll ħtieġa għal attivitajiet li jrawwmu kuxjenza fl-Ewropa dwar l-obbligi għal taħlitiet fir-Regolament CLP, li ser isiru obbligatorji f'Ġunju 2015. Fl-aħħar, l-ECHA ser tibda taħdem ukoll fuq il-ġenerazzjoni li jmiss tat-taqsima web ta' tqassim, li għandha tkun aktar faċli biex tintuża mill-utent, kemm għal utenti professjonisti kif ukoll għall-pubbliku in ġenerali.

Biex tistabbilixxi l-pedamenti għat-tieni mira strateġika, l-ECHA ser tibda tqiegħed fil-prattika il-pjan ta' implimentazzjoni tal-mappa direzzjonali ambizzjuża tal-2020, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u tal-Kummissjoni. Dan m'għandux jiffoka biss fuq SVHCs magħrufa iżda wkoll fuq dawk li jibqgħu mhux magħrufa. L-identifikazzjoni ta' dawn tal-aħħar ser tkun ibbażata fuq skrining intelliġenti tad-dejtabejż ta' reġistrazzjoni. L-adozzjoni kif meħtieġa tal-ewwel opinjonijiet u deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar applikazzjonijiet tal-awtorizzazzjoni ser jgħinu biex jegħlbu t-tħassib li jirrelata għal iskrizzjonijiet fil-listi Kandidati u ta' Awtorizzazzjoni u jibnu kunfidenza fil-funzjonament ibbilanċjat tas-sistema.

Biex tilħaq it-tielet mira strateġika, l-ECHA ser ikollha taġġorna u tkompli timplimenta l-pjan ta' ħidma tagħha dwar nanomaterjali skont il-konklużjonijiet u l-proposti tal-Kummissjoni biex REACH isir aħjar għar-reġistrazzjoni ta' nanomaterjali u l-użijiet tagħhom. L-ECHA ser ikollha wkoll tħejji grupp espert għas-sostenn tal-identifikazzjoni

ta’ dawk is-sustanzi li jħarbtu l-endokrina. L-Aġenzija barraminnhekk ser tistabbilixxi l-qafas għal żvilupp tal-kompetenza xjentifika, li jippermettilha tiżvolġi r-rwol tagħha fl-iżvilupp tax-xjenza regolatorja u li tipprovdi parir xjentifiku lil-leġiżlatur dwar kwistjonijiet regolatorji ulterjuri dwar suġġetti topiċi li jirrelataw għas-sigurtà kimika.

Biex tistabbilixxi l-bażi biex tilħaq ir-raba’ mira strateġika, l-ECHA ser ikollha tissimplifika l-proċessi regolatorji tagħha taħt REACH u CLP u ssir iktar effiċjenti u effettiva. Dan jgħin biex jiġi assorbit it-tnaqqis inevitabbli fir-riżorsi riżervati għal dawn il-leġiżlazzjonijiet. L-ECHA ser ikollha wkoll titgħallem mill-esperjenzi tagħha taħt dawn il-leġiżlazzjonijiet biex tistabbilixxi proċessi aktar enerġetiċi u speċifiċi għar-regolamenti dwar il-prodotti bijoċidali u PIC. L-aċċelerazzjoni tal-programm ta’ reviżjoni ser tiddetermina s-suċċess tar-reġim ta’ approvazzjoni tal-UE għal sustanzi attivi.

# 1. L-Implimentazzjoni tal-Proċessi Regolatorji

## 1.1. Reġistrazzjoni, Kondiviżjoni u Tqassim tad-dejta (Attività 1)

Ir-Reġistrazzjoni hija waħda mill-pilastri ta' REACH, ladarba hija l-ewwel pass biex jiġu żgurati l-manifattura jew l-importazzjoni u l-użu siguri tas-sustanzi kimiċi. Il-kumpaniji li jimmanifatturaw jew jimportaw sustanza fi jew f'aktar minn tunnellata metrika waħda kull sena, jeħtieġu li jiddokumentaw il-karatteristiċi u l-użijiet tas-sustanzi tagħhom u juru li s-sustanzi jistgħu jintużaw b'mod sigur f'dossier tar-reġistrazzjoni ppreżentat lill-ECHA. Qabel ma tattribwixxi n-numru tar-reġistrazzjoni, l-ECHA tivverifika l-kompletezza tal-informazzjoni u l-ħlas tar-reġistrazzjoni. Ħafna mill-informazzjoni hija mbagħad imqassma lill-pubbliku permezz tal-websajt tal-ECHA.

Minħabba l-proċess ta' reġistrazzjoni, l-ECHA għandha dejtabejż uniku dwar is-sustanzi kimiċi, li jista' jiġi utilizzat b'mod effiċjenti fi proċessi regolatorji ulterjuri, speċjalment fl-identifikazzjoni ta' jekk ċerti sustanzi kimiċi jixirqilhomx miżuri tal-immaniġġjar tar-riskji applikabbli fl-UE kollha u fl-infurmar lill-pubbliku ġenerali. L-informazzjoni tar-reġistrazzjoni hija wkoll il-punt ta' tluq għall-kumpaniji biex jiżviluppaw l-iskedi ta' dejta ta' sigurtà tagħhom fejn huma jikkomunikaw il-kondizzjonijiet tal-użu sigur aktar 'l isfel fil-katina tal-provvista u jagħmlu l-użu sigur tas-sustanzi kimiċi realtà għal eghxieren ta' eluf ta' utenti downstream u l-klijenti tagħhom.

Fl-2014, dawn l-iskedi estiżi ta' dejta ta' sigurtà ser jidhru fil-katina tal-provvista għal sustanzi rreġistrati sat-tieni skadenza tar-reġistrazzjoni tal-2013. L-esperjenza prattika li qiegħda ssir dejjem aktar disponibbli eż. permezz tan-Netwerk ta' Skambju tal-Partijiet Interessati tal-ECHA dwar Xenarji tal-Espożizzjoni (ENES), ser ittejjeb dawn l-iskedi estiżi ġodda ta' dejta ta' sigurtà kif ukoll dawk għal sustanzi rreġistrati fl-2010. Huwa, għaldaqstant, kruċjali li l-informazzjoni tar-reġistrazzjoni fil-quċċata ta' din il-katina ta' komunikazzjoni, tkun ta' kwalità adegwata biex jiġi żgurat li jintlaħħqu l-miri prinċipali ta' REACH. Fil-prattika, dan ifisser li l-informazzjoni tkun konformi mar-regolamenti, tajba għall-iskop u faċilment aċċessibbli għall-partijiet kollha. Pereżempju, l-awtoritajiet u l-utenti downtream li jirċievu x-xenrji tal-espożizzjoni bħala parti mir-rapport dwar is-sigurtŕ kimika jew l-iskeda ta' dejta ta' sigurtŕ rispettivament, ikunu jistgħu jifhmu l-użu(ijiet) li huwa kopert(huma koperti) u l-kondizzjonijiet dwar l-użu sigur.

### 1. Punti prinċipali tas-sena

***Reġistrazzjoni u preżentazzjonijiet tad-dossier***

**Reġistrazzjoni**

Il-ħidma tal-ECHA fil-qasam tar-reġistrazzjoni ser tiffoka fuq żewġ oqsma primarji fl-2014: fuq attivitajiet li tiżdied il-kwalità tad-dossier u fuq il-preparazzjoni tal-pedament għall-iskadenza tar-reġistrazzjoni tal-2018. Barraminnhekk, l-aġġornamenti li jaslu fl-2014 ser jgħaddu minnufih mill-kontrolli amministrattivi u regolatorji neċessarji wkoll.

Fir-rigward ta' azzjonijiet li jirrelataw għall-kwalità tad-dossier, il-pedament diġà ġie stabbilit fis-snin preċedenti bl-iżvilupp ta' metodoloġija u għodod għal skrining ta' dejta kif ukoll l-identifikazzjoni tal-aħjar metodu ta' azzjoni, li jista' jkun li jkun minn komunikazzjoni sempliċi lir-reġistranti fejn jiġu mistiedna jikkoreġu d-dossiers tagħhom sal-introduzzjoni ta' kontrolli ta' konformità. Fl-2014, l-ECHA ser tkompli tuża din l-esperjenza għall-verifika tad-dossiers irreġistrati sal-iskadenza tal-2013 bi tliet prijoritajiet ewlenin: 1) il-kontroll tal-validità tad-dossiers riċevuti għal sustanzi rreġistrati bħala sustanzi intermedjari biex jiġi verifikat jekk l-użijiet speċifikati humiex

skont id-definizzjonijiet ta' użu intermedju u kondizzjonijiet ikkontrollati b'mod strett; 2) il-verifika tal-informazzjoni dwar l-identità tas-sustanzi (ara d-dettall hawn taħt); u 3) l-kisba ta' tagħrif dwar il-livell tal-kwalità tad-dossiers, inklużi punti finali ta' livell ogħla, u l-identifikazzjoni ta' dawk li jeħtieġu azzjonijiet regolatorji ulterjuri.

Ir-riżultati mill-iskrining, flimkien mal-pariri tal-aħjar prattika dwar kif ittejjeb il-kwalità, ser jiġu kkomunikati lir-reġistranti bl-iskop li jistimolaw aġġornamenti spontanji biex b'hekk inaqqsu l-ħtieġa għal azzjoni regolatorja. Dan għandu jwassal għal titjib kontinwu tad-dossiers tar-reġistrazzjoni bħala kumpliment għall-aġġornamenti obbligatorji istigati minn deċiżjonijiet ta' valutazzjoni. L-impatt ta' dawn it-tipi ta' attivitajiet diġà ġie ppruvat li huwa effettiv fl-eżerċizzju fuq skala kbira mwettaq fl-2012 fuq sustanzi rreġistrati bħala sustanzi intermedji.

Minħabba li l-mezz l-aktar effiċjenti biex titjieb il-kwalità tad-dossier hu li r-reġistranti jiġu effettwati fil-fażi meta jkunu qegħdin jippreparaw id-dossiers, l-ECHA qiegħda tippjana għadd ta' attivitajiet f'dan il-qasam għall-2014. L-ewwel, l-ECHA ser tiżviluppa aktar l-'Assistent tal-Kwalità tad-Dossier' l-ewwel rilaxxat fl-2013 biex jgħin lil reġistranti, qabel il-preżentazzjoni, biex jivverifikaw in-nuqqasijiet l-aktar komuni li l-ECHA issib fid-dossiers fl-attivitajiet ta' skrining tagħha. Wara li tindirizza l-identifikazzjoni tas-sustanzi u l-kwistjonijiet ta' deskrizzjoni tal-użu fl-ewwel rilaxx tagħha, fl-2014 l-ECHA ser timmira d-dejta ta' perikolu. It-tieni, l-ECHA ser tirrevedi l-proċess tal-kontroll ta' kompletezza ibbażat fuq l-esperjenza tal-ewwel żewġ skadenzi tar-reġistrazzjoni u l-eżitu tal-attivitajiet ta' skrining u valutazzjoni. Ir-reviżjoni ser tindirizza jekk għandhiex tiġi vverifikata aktar informazzjoni u/jekk l-informazzjoni fid-dossier għandhiex tiġi ppreżentata b'mod differenti. Fuq il-bażi tal-eżitu ta' din il-ħidma, jiġi ppreparat pjan għall-aġġornament tal-proċess ta' kontroll tekniku ta' kompletezza, kif meħtieġ.

Fl-2014, l-ECHA ser tibda preparamenti għall-iskadenza tar-reġistrazzjoni tal-2018. Huwa mistenni li din l-iskadenza tkun kemmxejn differenti mit-tnejn preċedenti, b'ħafna aktar reġistrazzjonijiet (fil-firxa ta' 70 000, jiġifieri kważi tliet darbiet il-figuri tal-2010) ippreparati minn multitudni ta' forums għall-iskambju ta' informazzjoni dwar sustanzi (SIEFs) jew reġistranti individwali, u li jikkonċernaw ħafna aktar SMEs minn qabel. Dan ifisser li l-ECHA, f'kooperazzjoni mal-partijiet interessati, għandha tiżviluppa approċċi differenti biex tilħaq lir-reġistranti u biex tirrevedi s-sostenn tagħha u l-għodod għar-reġistranti. Barraminnhekk, l-ECHA teħtieġ li ttejjeb is-sistemi u r-riżorsi tal-preżentazzjoni biex tkun tista' titratta dossiers f'numri kbar fil-qafas taż-żmien legali.

Hekk kif l-industrija indikat li ser tibda tippreżenta r-reġistrazzjonijiet tagħha anke fl-2016 biex ixxerred il-ħidma tul diversi snin minħabba l-volum ta' dossiers, l-attivitajiet preparatorji ser ikollhom jibdew fl-2014. F'kollaborazzjoni mal-partijiet interessati, l-ECHA għandha l-intenzjoni li tistabbilixxi pjan direzzjonali għas-snin 2015-2018, biex taddatta u tissimplifika l-proċeduri, l-għodod tal-IT u s-sostenn għar-reġistranti. Il-pjan direzzjonali ser ikun iħaddan ukoll kif għandek tindirizza rakkmandazzjonijiet mogħtija mill-Kummissjoni fir-rapport dwar ir-reviżjoni ta' REACH ippubblikat fl-2013, b'attenzjoni speċjali li tingħata lill-ħtiġiet speċifiċi ta' SMEs. L-iskop hu li jiġu identifikati f'waqthom kwalunkwe ostakoli prattiċi potenzjali li jistgħu jipprevjenu lill-SMEs minn parteċipazzjoni b'suċċess u effettiva fis-SIEFs jew milli jkunu parti minn preżentazzjonijiet konġunti (ara l-kondiviżjoni tad-dejta hawn taħt).

Fl-aħħar, fl-2014 l-ECHA ser tipprovdi sostenn lill-Kroati fid-dmir li għandhom l-ewwel skadenza tar-reġistrazzjoni tagħhom għal sustanzi CMR li huma jimmanifatturaw/ jimportaw fi kwantitajiet ta' tunnellata metrika waħda jew aktar kull sena u kwalunkwe sustanzi oħra ta' introduzzjoni gradwali li huma jimmanifatturaw/jimportaw fi kwantitajiet ta' 100 tunnellata metrika jew aktar kull sena fl-1 ta' Lulju 2014.

### Tipi oħra ta' preżentazzjonijiet ta' dossiers, li jinkludu dossiers tal-bijoċidi u notifikazzjonijiet PIC

Bl-iskop li tkun stimolata l-innovazzjoni Ewropea, il-kumpaniji jistgħu jitolbu eżenzjoni temporanja mill-obbligi tar-reġistrazzjoni għal sustanzi wżati f'riċerka u żvilupp orjentati lejn prodotti u proċessi ('notifikazzjonjiet PPORD'). L-ECHA ser iżżid l-isforzi tagħha biex iżżid kuxjenza dwar l-eżenzjoni PPORD, speċjalment fost SMEs. Minn punt operazzjonali, l-ewwel eżenzjonijiet PPORD bdew jiskadu f'Ġunju 2013 u talbiet għal estensjoni mistennija jidħlu b'ritmu sod tul l-2014. Dan ser jagħmel l-2014 l-ewwel sena kompleta fejn l-ECHA ser topera d-dispożizzjonijiet PPORD kollha taħt REACH.

Konformi mal-ideja li r-regolament dwar is-sustanzi kimiċi jsir effiċjenti fl-Ewropa, l-ECHA ingħatat l-inkarigu li titratta preżentazzjonijiet regolatorji għal żewġ leġiżlazzjonijiet ġodda, jiġifieri r-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali u r-Regolament dwar Kunsens Infurmat minn Qabel minbarra dawk ta' REACH u CLP. Fl-2014, fuq il-bażi tal-ewwel esperjenzi tat-trattament tal-preżentazzjonijiet tal-bijoċidi fl-aħħar kwart tal-2013, l-ECHA ser tfittex li tissimplifika u tawtomatizza l-proċessi dwar il-preżentazzjoni tal-bijoċidi biex tagħmilha aktar effiċjenti għal awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri (MSCAs), l-industrija u l-ECHA. In-notifikazzjonijiet PIC ser jiġu l-ewwel amministrati bl-użu tad-Dejtabejż Ewropew eżistenti tas-sistema tal-Esportazzjoni u l-Importazzjoni ta' Sustanzi Kimiċi Perikolużi (EDEXIM), b'tranżizzjoni għall-ġenerazzjoni ġdida tas-sistema ta' preżentazzjoni IT aktar tard fis-sena. Aktar dettalji dwar il-ħidma tal-ECHA fir-rigward tal-Bijoċidi u PIC jingħataw fl-Attivitajiet 16 u 17, rispettivament.

L-ECHA ser tkompli wkoll tirċievi rapporti ta' utenti downstream, notifikazzjonjiet dwar sustanzi f'oġġetti, applikazzjonjiet għal awtorizzazzjoni, talbiet għal ismijiet alternattivi u notifikazzjonijiet lill-inventarju CLP, u ser ikollha tittratthom b'mod xieraq.

### *Programm ta' Żvilupp tal-Valutazzjoni dwar is-Sigurtà Kimika (CSA)*

L-ECHA hija impenjata li taġixxi mal-partijiet interessati tagħha lejn il-massimizzazzjoni tal-implimentazzjoni u l-impatt tal-komunikazzjoni ta' pariri dwar l-immaniġġjar tar-riskji fil-katina tal-provvista. L-azzjonijiet l-aktar prominenti lejn dik il-mira ġew dokumentati fil-Pjan Direzzjonali CSR/ES[1] fl-2013, li jservi ta' eku għar-rakkmandazzjonijiet mir-Reviżjoni REACH biex jitjiebu l-kompilazzjoni, il-komunikazzjoni u l-użu ta' skedi estiżi ta' dejta ta' sigurtà. L-ECHA, flimkien mal-partijiet interessati, ser taħdem lejn l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet tal-pjan direzzjonali. L-ECHA ser tkompli wkoll timmaniġġja n-Netwerk ta' Skambju tal-Partijiet Interessati dwar Xenarji tal-Espożizzjoni (ENES) bħala pjattaforma biex tiffaċilita l-implimentazzjoni prattika u l-komunikazzjoni tar-riżultati ta' dawn l-azzjonijiet. Il-fażi inizjali għall-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali CSA/ES ser tkun relattivament intensiva fir-rigward tar-riżorsi, ġustifikata mill-benefiċċji pożittivi maġġuri prevedibbli li l-azzjonijiet tal-pjan direzzjonali ser ikollhom fuq l-użu sigur ta' sustanzi kimiċi fl-Ewropa.

Fl-2014, l-ECHA ser tieħu azzjonijiet biex twessa' l-ambitu tas-sustanzi li għalihom hija disponibbli metodoloġija CSA fl-għodod IT tagħha. Fuq il-bażi tal-analiżi mwettqa fl-2013 dwar id-disponibbiltà ta' metodoloġiji għal każijiet CSA mhux standard, ser jiġu żviluppati aktar speċifikazzjonijiet għall-Valutazzjoni dwar is-Sigurtà Kimika u l-għodda ta' Rappurtaġġ (Chesar) u Dejtabejż Internazzjonali Uniformi ta' Informazzjoni Kimika (IUCLID) biex jakkomodaw metodoloġiji eżistenti għalihom. F'kollaborazzjoni mill-qrib mal-partijiet interessati, l-ECHA ser tkompli wkoll il-proċessi ta' żvilupp għal format elettroniku strutturat tar-rapport dwar is-sigurtà kimika (CSR) kif ukoll l-

[1] Pjan Direzzjonali lejn informazzjoni ta' kwalità tajba dwar l-użu sigur ta' sustanzi kimiċi fir-rapport dwar is-sigurtà kimika REACH u l-iskeda estiża ta' dejta ta' sigurtà

eżemplifikazzjoni li tirrelata għal xenarji tal-espożizzjoni fejn tkun meħtieġa aktar konsulenza.

Biex ikun żgurat it-titjib kontinwu fl-użu sigur ta’ sustanzi kimiċi fil-katina tal-provvista, l-ECHA ser iżżid is-sostenn tagħha u, meta rilevanti, tiżviluppa jew ittejjeb għodod eżistenti għal utenti downstream biex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom. Dan ikun jinkludi sostenn għal reġistranti biex jiżviluppaw xenarji tal-espożizzjoni ċari u preċiżi għal kwistjonijiet ta’ komunikazzjoni u ta’ kjarifikazzjoni li jirrelataw għat-twettieq ta’ CSR tal-utent downstream u li jagħtu konsulenza dwar l-użu sigur ta’ taħlitiet. L-ECHA ser tagħmel ukoll sforz speċifiku biex iżżid kuntatt mas-setturi tal-utent downstream barra l-industrija kimika, li madankollu għandhom obbligi taħt REACH.

Fl-aħħar, fuq il-bażi tad-definizzjoni tal-ambitu li sar fl-2013, l-ECHA ser tirrevedi wkoll il-materjal ta' sostenn eżistenti tagħha għal stima tal-espożizzjoni u tipproponi strateġija għar-reviżjoni tagħha pass pass u titjib fid-dawl tal-għarfien dejjem jiżdied dwar metodoloġiji eżistenti u żviluppanti ta' CSA.

### *Il-kondiviżjoni tad-dejta u l-identifikazzjoni tas-sustanzi*

Jeżistu żewġ rotot separati previsti għall-kondiviżjoni tad-dejta: l-istabbiliment ta' forum għall-iskambju ta' informazzjoni dwar sustanzi (SIEF) għal sustanzi prereġistrati ta’ introduzzjoni gradwali u l-proċess ta’ domanda għal sustanzi oħra, fejn kumpaniji jitolbu lill-ECHA tikkuntattja lil reġistranti oħra tal-istess sustanza. L-ECHA għandha rwol ta’ arbitru biex issolvi argumenti potenzjali dwar il-kondiviżjoni tad-dejta. Fl-2014, it-tagħbija tax-xogħol għall-ipproċessar ta’ dossiers ta’ domanda, inkluża l-provviżjoni ta’ dejta ta’ aktar minn 12-il sena lil reġistranti potenzjali hi mistennija tibqa’ f’livell kemmxejn għoli, fuq il-bażi ta’ esperjenza ottenuta tul l-aħħar snin. L-għadd ta' disputazzjonijiet dwar il-kondiviżjoni tad-dejta ppreżentati lill-ECHA mistenni jinżel mil-livell tal-2013 fejn ġiet osservata quċċata dovuta għat-tieni skadenza tar-reġistrazzjoni.

Kondiviżjoni tad-dejta li tirnexxi hija possibbli biss jekk il-partijiet kollha jkollhom għarfien ċar tal-identifikazzjoni tas-sustanzi. Barraminnhekk, l-identità tas-sustanzi hija l-pedament tal-proċessi regolatorji kollha li l-ECHA timmaniġġa, minħabba li l-identifikazzjoni mingħajr ambigwità biss, tas-sustanza, tiggarantixxi l-funzjonament tajjeb tal-qafas sħiħ. Għaldaqstant, it-titjib tal-kwalità tal-identifikazzjoni tas-sustanza huwa wieħed mill-ħsibijiet ta’ prijorità tal-ECHA u t-tagħbija tax-xogħol f’dan il-qasam mistennija tibqa’ għolja ħafna fl-2014. L-azzjonijiet mibdija fl-2013 biex jindirizzaw sistematikament kwistjonijiet dwar l-identifikazzjoni tas-sustanzi f’dossiers tar-reġistrazzjoni ser jilħqu l-quċċata fl-2014. B’mod partikolari, l-ECHA ser issegwi l-ewwel ittri mibgħuta wara l-iskadenza tal-2013 lir-reġistranti li d-dossiers tagħhom kienu mmarkati awtomatikament għal nuqqasijiet potenzjali f’dan il-qasam. Dan jista’ jinkludi kontrolli ta’ konformità li jimmiraw l-identità tas-sustanza fuq dawk id-dossiers fejn ir-reġistranti naqsu li jirreaġixxu għall-osservazzjonijiet preliminari tal-ECHA u ma kkoreġewx kwistjonijiet ta’ nuqqas ta’ konformità. L-iskop hu li ssir bidla pass pass fil-kwalità ġenerali tal-informazzjoni dwar l-identifikazzjoni tas-sustanzi fir-reġistrazzjoniiet preżenti. L-esperjenza ottenuta f’din l-attività ser titqies fil-preparazzjoni ta’ pjan, bħala parti mill-pjan direzzjonali tal-2018, biex jintlaħaq il-livell mixtieq ta’ kwalità fir-reġistrazzjonijiet tal-2018.

Bi preparazzjoni għall-aġġornament tal-gwida għall-identifikazzjoni u l-għoti ta’ ismijiet lil sustanzi, l-ECHA ser tkompli fuq ix-xogħol li nbeda fl-2013 biex tikkjarifika metodoloġija u kriterji fuq li tiġi stabbilita s-similarità tas-sustanzi. Elementi importanti biex wieħed jibni fuqhom ser ikunu l-eżitu taż-żewġ workshops tal-2013 dwar l-identifikazzjoni tas-sustanzi kif ukoll l-aġġornament tal-Anness VI ta’ REACH – li l-Kummissjoni Ewropea mistennija tipproponi sal-aħħar tal-2013 – biex taddatta ċerti rekwiżiti għal sustanzi fil-forma nano.

Qasam ieħor ta' attività ser ikun li wieħed jibni fuq ir-rapport 'Reviżjoni ta' REACH', li kkonkluda li aktar gwida jew sostenn għandhom jiġu pprovduti speċjalment għal SMEs fir-rigward ta' proċessi regolatorji, b'mod partikolari biex jinnegozjaw fis-SIEF għall-aċċess għal dejta u għall-preżentazzjoni konġunta. L-ECHA ser taħdem fi sħubija mal-Kummissjoni u ma' partijiet interessati oħrajn biex tidentifika soluzzjonijiet possibbli u tagħmel monitoraġġ tal-effettività tagħhom.

### *It-tqassim – aċċess elettroniku tal-informazzjoni għall-pubbliku*

It-tqassim tal-informazzjoni mid-dossiers tar-reġistrazzjoni iservi żewġ skopijiet importanti. L-ewwel, jippermetti liċ-ċittadini kollha Ewropej aċċess mingħajr ħlas għal informazzjoni dwar sustanzi li jistgħu ikunu esposti għalihom, u jippermettilhom jagħmlu deċiżjonijiet infurmati dwar l-użu tagħhom ta' sustanzi kimiċi. It-tieni, li l-informazzjoni tkun magħmula trasparenti fuq il-websajt tal-ECHA jipprovdi inċentiv biex kumpaniji jipprovdu dejta affidabbli, xjentifikament tajba u li tinftiehem, minħabba li l-ECHA tippubblika l-informazzjoni hekk kif hi tirċeviha, mingħajr ma tivvalidaha.

Biex il-pubbliku ġenerali u s-soċjetà ċivili jitħallew aċċess massimu għall-informazzjoni fid-dejtabejż uniku tal-ECHA, l-Aġenzija tippjana li tippubblika d-dossiers tar-reġistrazzjoni li fadal, ippreżentati għall-iskadenza tal-2013 fl-2014. L-ECHA ser tkompli wkoll taġġorna l-inventarju tal-Klassifikazzjoni u l-Ittikkettar (C&L) f'intervalli regolari matul is-sena (ara l-Attività 4). Fir-rigward ta' dossiers dwar il-bijoċidi, il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar sustanzi attivi approvati u prodotti awtorizzati, li diġà bdiet fl-2013, ser titħaffef aktar fl-2014 bl-aġġornament ta' sistemi ta' tqassim eżistenti biex dawn it-tipi ġodda ta' dossier ikunu jistgħu jiġu pproċessati f'waqthom. L-informazzjoni kollha ser tkun marbuta mal-eChemPortal tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OECD) biex tottjeni viżibiltà globali.

Fl-2014, l-ECHA ser tqis ukoll żewġ studji kkompletati fl-2013: l-istudju tal-involviment tal-partijiet interessati dwar kemm jista' jintuża l-portal ta' tqassim tagħha u r-reviżjoni arkitettonika tal-IT (ara l-Attività 6). Dawn ser ikunu l-bażi għall-iżvilupp tal-ġenerazzjoni ta' tqassim li jmiss, prevista li tkun onlajn fl-2015, li ser turi 'punt ċentrali ta' aċċess' li jorbot l-informazzjoni kollha dwar is-sustanzi kimiċi ppubblikata fuq il-websajt, ikun xi jkun il-proċessi regolatorju (REACH, CLP jew Bijoċidi), u tippermetti l-adattament tal-preżentazzjoni tad-dejta għal udjenzi differenti, pereżempju billi tippubblika taqsimiet jew sommarji mmirati. Dan hu mistenni li jtejjeb ħafna l-funzjonalità u l-leġġibbiltà.

Biex jiġu protetti l-interessi kummerċjali tagħhom, il-kumpaniji jitħallew jitolbu li ċerta informazzjoni fid-dossiers tar-reġistrazzjoni tagħhom ma titqassamx. L-ECHA tivvaluta jekk dawn it-talbiet ikunux ġustifikati u validi. L-għadd ta' talbiet fid-dossiers ippreżentati għall-iskadenza tal-2013 kien f'livell li jista' jippermetti li wieħed jimxi għall-verifika tagħhom fl-2014. Ser tingħata prijorità biex jiġu konklużi l-każijiet mibdija fl-2013 u, fir-rigward ta' talbiet ġodda, lil dawk li jikkonċernaw ismijiet IUPAC, speċjalment f'dossiers li jikkontjenu proposti ta' ttestjar li jinvolvu annimali vertebrati biex jiġu assoċjati ma' identità tas-sustanza ċara fil-ħin tal-konsultazzjoni pubblika. L-ECHA ser tivverifika wkoll li l-isem pubbliku propost jirrivela biżżejjed mill-karatteristiċi intrinsiċi tas-sustanza anke jekk jaħbi l-identità kimika kollha tagħha.

## 2. Miri u indikaturi

Miri

1. Id-dossiers kollha REACH, tal-bijoċidi u PIC, domandi u disputazzjonijiet dwar il-kondiviżjoni tad-dejta jgħaddu mill-kontrolli meħtieġa u jittieħdu d-deċiżjonijiet rispettivi, u jiġu vvalutati l-kljems għal kunfidenzjalità, skont il-proċeduri standard, biex b'hekk tkun żgurata identifikazzjoni f'waqtha tad-dossiers problematiċi biex jiġu stimolati l-aġġornamenti tagħhom u jkollhom impatt fuq il-kwalità tad-dejta, u fi ħdan l-iskadenzi legali jew il-miri interni stabbiliti.

2. Deċiżjonijiet huma ġustifikati tajjeb u ta' kwalità teknika u xjentifika għolja.

3. Il-partijiet interessati u l-pubbliku għandhom aċċess faċli għal informazzjoni mid-dossiers kollha ta' sustanzi rreġistrati u notifikazzjonijiet C&L, kif ukoll minn dossiers dwar il-bijoċidi fi żmien raġjonevoli wara r-reġistrazzjoni/l-preżentazzjoni ta' notifikazzjonijiet.

Indikaturi u miri ta' prestazzjoni

| Indikatur | Mira fl-2014 | Mezz u frekwenza tal-verifika |
|---|---|---|
| Perċentwal ta' reġistrazzjonijiet, notifikazzjonijiet PPORD, applikazzjonijiet tal-bijoċidi u notifikazzjonijiet PIC ipproċessati fil-qafas taż-żmien legali. | 100% | Żmien irreġistrat f'REACH-IT. Rappurtaġġ kull xahar. |
| Perċentwal ta' domandi konklużi fil-qafas ta' żmien intern (20 jum utli). | 80% | Żmien irreġistrat f'REACH-IT. Rappurtaġġ kull xahar. |
| Perċentwal ta' disputazzjonijiet dwar il-kondiviżjoni tad-dejta konkluż fil-qafas ta' żmien legali/intern. | 100% | Żmien ta' stima rreġistrat. Monitoraġġ kull xahar. |
| Firxa tal-pubblikazzjoni ta' dossiers tar-reġistrazzjoni ppreżentati b'suċċess sal-iskadenza tar-reġistrazzjoni tal-31 ta' Mejju 2013. | 98% | Rata ta' pubblikazjzoni rreġistrata. Monitoraġġ kull xahar |
| Livell ta' sodisfazzjon tal-partijiet interessati bil-preżentazzjoni tad-dossier u bl-attivitajiet ta' tqassim tal-ECHA, kif ukoll bl-attivitajiet tal-ECHA dwar it-titjib tal-kwalità ta' CSRs u x-xenarji tal-espożizzjoni għal komunikazzjoni. | Għolja | Inkjesta kull sena |

## 3. Riżultati prinċipali

*Reġistrazzjoni u preżentazzjonijiet ta' dossiers*

- Bejn wieħed u ieħor, 6 000 dossier tar-reġistrazzjoni (l-aktar aġġornamenti) u 300 notifikazzjoni PPORD (inklużi talbiet għal estensjoni) jgħaddu mill-kontroll tal-kompletezza u huma attribwiti numru tar-reġistrazzjoni jew notifikazzjoni PPORD, meta rilevanti.

- Sa 40 deċiżjoni dwar PPORDs.

- Sa 30 applikazzjoni dwar il-bijoċidi (applikazzjonijiet għal sustanzi attivi ġodda, tiġdid jew reviżjoni, awtorizzazzjonijiet ta' prodotti, tal-Unjoni) huma pproċessati u mibgħuta lill-Istati Membri.
- Bejn wieħed u ieħor huma pproċessati 4 000 notifikazzjoni PIC.
- Pjan direzzjonali għall-iskadenza tar-reġistrazzjoni tal-2018.

*Kwalità tad-dossier*

- Pjan għall-aġġornament tal-kontroll ta' kompletezza.
- Aġġornament tal-Assistent ta' Kwalità tad-Dossier.
- Dossiers għal sustanzi rreġistrati bħala sustanzi intermedji fl-2013 huma verifikati u r-reġistranti huma infurmati bin-nuqqasijiet identifikati.
- L-identifikazzjoni tas-sustanzi għal dossiers ippreżentati għall-iskadenza tal-2013 u, meta rilevanti, l-iskadenza tal-2010 hija verifikata u r-reġistranti huma infurmati bin-nuqqasijiet identifikati, fuq il-bażi tal-istrateġija definita fl-2013.
- Pjan biex tiġi indirizzata l-kwalità tal-identifikazzjoni tas-sustanzi f'reġistrazzjonijiet tal-2018.
- Qafas ta' għodod ta' skrining/prijoritizzazzjoni fis-seħħ.

*Programm CSA*

- Il-pubblikazzjoni ta' Gwida Prattika riveduta għal utenti Downstream dwar kif jitrattaw xenarji tal-espożizzjoni, inklużi eżempji ġodda ta' xenarji tal-espożizzjoni 'tajbin'.
- Il-pubblikazzjoni ta' eżempji illustrattivi dwar CSR ta' utent downstream.
- Proposta għal dejta CSR strutturata.

*Identifikazzjoni tas-sustanzi u kondiviżjoni tad-dejta*

- Bejn wieħed u ieħor, ser jiġu konklużi 1 300 domanda ġdida fil-qafas ta' żmien immirat u, meta aċċettati, jingħataw numru tad-domanda.
- Bejn wieħed u ieħor, ser jiġu riżolti seba' disputazzjonijiet ta' kondiviżjoni tad-dejta ġodda u pendenti.

*Tqassim*

- Sa 750 klejm għal kunfidenzjalità mill-2013 jgħaddu minn stima inizjali.
- Informazzjoni mir-reġistrazzjoni, l-inventarju C&L u dossiers dwar il-bijoċidi ppubblikata fuq il-websajt tal-ECHA u marbuta mal-eChemPortal tal-OECD.

## 1.2. Valutazzjoni (Attività 2)

Il-valutazzjoni tad-dossier tinkludi kemm l-eżaminazzjoni ta' proposti ta' ttestjar kif ukoll kontrolli ta' konformità. L-iskop tal-kontroll ta' konformità hu li jeżamina jekk id-dossiers tar-reġistrazzjoni humiex konformi mar-rekwiżiti tal-informazzjoni tar-Regolament REACH, filwaqt li l-eżaminazzjoni tal-proposti ta' ttestjar timmira li tiżgura li l-ġenerazzjoni ta' informazzjoni dwar sustanza partikolari tkun maħsuba għal ħtiġiet ta' informazzjoni reali u li jiġi evitat l-ittestjar mhux neċessarju fuq l-annimali.

Il-valutazzjoni tas-sustanzi għandha l-iskop li tiġbor informazzjoni biex tikkjarifika jekk sustanza tikkostitwix tħassib għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent. Il-valutazzjonijiet tas-sustanzi jitwettqu mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri (MSCAs) u jinvolvu valutazzjoni tal-informazzjoni kollha disponibbli u talbiet għal aktar informazzjoni minn reġistranti, jekk xieraq. Il-punt ta' tluq għall-valutazzjoni tas-sustanzi huwa l-pjan ta' azzjoni rikorrenti Komunitarju (CoRAP) għal sustanzi soġġetti għall-valutazzjoni tas-sustanzi. Il-valutazzjoni tas-sustanzi isservi ta' pont effettiv bejn il-mira strateġika tal-ECHA li titjieb il-kwalità tad-dossiers tar-reġistrazzjoni u mira strateġika oħra, li jiġi żgurat l-użu intelliġenti għal ġestjoni regolatorja effettiva tas-sustanzi kimiċi.

### 1. Punti prinċipali tas-sena

***Valutazzjoni tad-dossiers***

Taħt kontroll ta' konformità, l-ECHA ser tkompli timmira elementi magħżula fid-dossiers li huma partikolarment importanti għall-użu sigur ta' sustanza. L-ECHA ser tkompli wkoll teżamina l-konformità ta' dossiers sħaħ – fuq il-bażi jew ta' għażla saltwarja jew bl-użu ta' kriterji bbażati fuq it-tħassib. Jiġi pprovdut lill-industrija feedback effettiv dwar ir-riżultati b'enfasi fuq li jiġu nkoraġġiti aġġornamenti volontarji mill-industrija jiġifieri permezz tar-rapport ta' valutazzjoni annwali u l-webinars. L-għodod tal-IT żviluppati fl-2013 għal oqsma ta' tħassib u kontrolli ta' konformità mmirati issa ser jintużaw kompletament għal skrining effiċjenti tad-dejta ta' perikolu kif ukoll għall-prijoritizzazzjoni u għall-għażla ta' dossiers għal kontroll ta' konformità. L-għażla ser tqis ukoll il-ħtiġiet kemm tal-valutazzjoni tas-sustanzi kif ukoll ta' proċessi regolatorji tal-immaniġġar tar-riskji.

Wara li tikber l-esperjenza fl-implimentazzjoni tal-approċċ aktar immirat ta' kontroll ta' konformità għall-miri tal-2013, l-effiċjenza u l-effettività tal-approċċ magħżul ser jiġu riveduti fl-2014 biex jiġi żgurat li jissodisfaw ukoll l-istennijiet tal-ECHA u tal-partijiet interessati tagħha għas-snin li ġejjin. Barraminnhekk, ser jiġi finalizzat pjan għal approċċ sistematiku għal kontroll ta' konformità fuq CSRs. Għal dawn l-iskopijiet, l-ECHA ser tkompli b'mod partikolari d-djalogu mill-qrib tagħha mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri (MSCAs) u l-Kummissjoni.

Wara li laħqet il-mira li tikkonkludi kontrolli ta' konformità fuq 5% taż-żewġ dossiers tal-ogħla limitu ta' tunnellaġġ mill-iskadenza tar-reġistrazzjoni tal-2010, fl-2014 il-punt fokali tal-ECHA ser jibda jimxi għad-dossiers tar-reġistrazzjoni mill-iskadenza tal-2013. Madankollu, bl-iskop li tuża l-għodod tal-IT biex isir skrining fuq id-dossiers kollha tal-2010 għal konformità u li jiġu indirizzati l-parti l-kbira ta' dossiers li ma jikkonformawx b'mod sinifikanti, l-ECHA ser tkompli tagħżel dossiers ta' volum kbir tal-2010 għal kontroll ta' konformità.

Fir-rigward tal-eżaminazzjoni ta' proposti ta' ttestjar, l-ECHA ser tkompli tikkonkludi dwar il-proposti b'mod sistematiku. L-iskop hu li tikkonkludi għall-inqas terz wieħed mit-

376 dossier bi proposti ta' ttestjar ippreżentati sal-iskadenza tar-reġistrazzjoni tal-2013, filwaqt li tagħti prijorità lil proposti dwar sustanzi li għandhom jew jista' jkollhom karatteristiċi persistenti, bijoakkumulattivi u tossiċi (PBT), vPvB, sensitizzanti jew CMR, jew li huma kklassifikati bħala perikolużi b'użijiet li jirriżultaw f'espożizzjoni wiesgħa u diffuża.

Parti importanti mir-riżorsi ser ikollha tiġi allokata għall-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet dwar deċiżjonijiet ta' abbozz maħruġa fl-2013 u anke fl-2012. L-għadd kbir ta' każijiet iqiegħed pressjoni kbira fuq l-MSCAs u wkoll fuq il-Kumitat tal-Istati Membri jekk l-MSCAs ikomplu jippreżentaw proposti għal emendi fuq proporzjon kbir ta' deċiżjonijiet ta' abbozz.

Parti dejjem tiżdied tar-riżorsi tal-valutazzjoni tad-dossier ser ikollha tiġi allokata għall-eżaminazzjonijiet ta' segwitu tal-informazzjoni pprovduta bi tweġiba għad-deċiżjonijiet ta' valutazzjoni tad-dossiers tal-ECHA u biex tiġi żgurata provvIżjoni ta' bażi solida għall-awtoritajiet tal-infurzar nazzjonali biex jieħdu azzjoni fuq dossiers li ma jikkonformawx.

L-ECHA ser ittejjeb kontinwament il-proċessi tagħha biex tiżgura użu effiċjenti tar-riżorsi u riżultati effettivi. L-ECHA tistenna wkoll li tilħaq titjib maġġuri fil-kapaċità tagħha li tindirizza b'mod effettiv kwistjonijiet ta' valutazzjoni li huma ta' sfida xjentifika, bħat-tossiċità riproduttiva, dossiers ibbażati fuq approċċi ta' read-across jew tal-kategorija, nanomaterjali u sustanzi li jħarbtu l-endokrina. Dan ikun jeħtieġ li jkun hemm, għad-dispożizzjoni ta' dawn il-kwistjonijiet, żmien u riżorsi.

### *Il-valutazzjoni tas-sustanzi*

L-ECHA tkompli tiżgura li l-proċess ta' valutazzjoni tas-sustanzi talimenta b'mod effiċjenti il-proċessi tal-immaniġġjar tar-riskji billi tagħżel sustanzi kandidati ulterjuri CoRAP li jeħtieġu kjarifikazzjoni ta' riskji rilevanti għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent jew aktar informazzjoni li ma tistax tkun mitluba taħt il-valutazzjoni tad-dossier. Waħda mill-prerekwiżiti għal dan hija l-interazzjoni u l-involviment ta' suċċess, tal-MSCAs, f'approċċ pass pass lejn il-preparazzjoni tar-raba' aġġornament annwali tal-CoRAP (2015-2017) qabel il-preżentazzjoni formali lill-Istati Membri u l-MSC. Dan jimplika li l-MSCAs jingħataw il-possibbiltà li jinnotifikaw sustanzi ta' interess u li jikkummentaw dwar proposti tal-ECHA qabel ma jiġi formalment ippreżentat lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni l-abbozz tal-aġġornament annwali tal-CORAP. L-intenzjoni hija wkoll li tiġi żgurata distribuzzjoni aktar ġusta ta' parteċipazzjoni mill-MSCAs fil-Valutazzjoni tas-Sustanzi.

Il-kriterji għall-prijoritizzazzjoni tas-sustanzi għall-valutazzjoni tas-sustanzi maqbula fl-2011 ser jiġu riveduti u possibilment maħsuba mill-ġdid, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-ewwel esperjenzi fil-proċess tal-valutazzjoni tas-sustanzi u kwalunkwe tibdil potenzjali fl-annessi REACH. Element importanti fl-iżvilupp ulterjuri tal-CoRAP hu li jiġi żgurat approċċ effettiv u effiċjenti għall-valutazzjoni ta' sustanzi strutturalment relatati. Din l-attività ser tiġi allinjata ma' attivitajiet ta' skrining previsti taħt il-pjan direzzjonali SVHC tal-2020 (ara l-Attività 3), fejn huma eżaminati gruppi ta' sustanzi.

Wara t-tieni ronda ta' valutazzjonijiet tas-sustanzi, l-ECHA għandha timmaniġġa l-ipproċessar ta' għadd dejjem jiżdied ta' valutazzjonijiet u deċiżjonijiet ta' abbozz u finali ġġenerati mill-MSCAs. L-isfida tal-ECHA hi li tiżgura l-armonizzazzjoni, il-konsistenza u l-kontenut legalment ġust ta' deċiżjonijiet, rapporti ta' valutazzjoni u konklużjonijiet ippreparati mill-MSCAs filwaqt li jkollha rwol limitat biss, u ta' koordinazzjoni fil-valutazzjonijiet attwali. L-ECHA timmira li tiżgura koordinazzjoni effettiva tal-valutazzjoni tas-sustanzi mal-proċessi kontinwi tal-valutazzjoni tad-dossiers u l-attivitajiet regolatorji tal-immaniġġar tar-riskji fir-rigward tal-istess sustanzi u ser tippubblika verżjonijiet

mhux kunfidenzjali ta' deċiżjonijiet u rapporti dwar il-valutazzjoni tas-sustanzi. Flimkien mal-MSCAs u l-Kummissjoni, l-ECHA ser tesplora aktar kif l-aħjar tallinea l-konklużjonijiet dwar il-valutazzjoni tas-sustanzi u l-analiżi tal-possibbiltà tal-immaniġġar tar-riskji (RMO) fil-qafas tal-Pjan Direzzjonali tal-SVHC.

L-ECHA ser tkompli tappoġġa u tinteraġixxi mal-MSCAs li qegħdin jaħdmu fuq il-valutazzjoni tas-sustanzi billi torganizza workshops u laqgħat tekniċi, toħroġ gwidi prattiċi, u billi twettaq skrining ta' konsistenza fuq deċiżjonijiet ta' abbozz. Prattiki amministrattivi effiċjenti huma prerekwiżit biex jinżamm u jiġi sostnut il-proċess ta' valutazzjoni tas-sustanzi.

***Rappurtaġġ***

Ir-rapport ta' Valutazzjoni[2] tal-ECHA ser jiġi ppubblikat sal-aħħar ta' Frar b'rakkmandazzjonijiet lil reġistranti potenzjali biex itejbu l-kwalità ta' reġistrazzjonijiet fil-ġejjieni. Barraminnhekk, l-ECHA ser tippreżenta t-tieni rapport dwar l–istatus tal-implimentazzjoni u l-użu ta' metodi ta' ttestjar mhux fuq l-annimali u strateġiji ta' ttestjar lill-Kummissjoni.[3]

## 2. Miri u indikaturi

Miri

1. Deċiżjonijiet ta' abbozz u finali xjentifikament u legalment tajbin, dwar il-valutazzjoni tad-dossier, huma ppreparati, f'konformità mar-rekwiżiti legali u skont l-ippjanar multiannali mmexxi mill-approċċ strateġiku tal-ECHA.

2. Il-valutazzjonijiet kollha tas-sustanzi huma ppjanati fil-CoRAP, ippreparati u pproċessati bi grad għoli ta' kwalità xjentifika, teknika u legali skont l-approċċi u l-proċeduri standard maqbula u fi żmien l-iskadenzi legali.

3. Il-konformità mad-deċiżjonijiet tad-dossiers u tal-valutazzjoni tas-sustanzi hija segwita mingħajr dewmien wara li tkun għaddiet l-iskadenza mogħtija fid-deċiżjoni u l-awtoritajiet tal-Istati Membri jiġu infurmati bl-eżitu u bil-każijiet li jeħtieġu l-azzjoni tagħhom.

Indikaturi u miri ta' prestazzjoni

| Indikatur | Mira fl-2014 | Mezz u frekwenza tal-verifika |
|---|---|---|
| Perċentwal ta' valutazzjonijiet tad-dossier u tas-sustanzi trattat fil-qafas ta' żmien legali. | 100 % | Rapport intern kull xahar. |
| Perċentwal ta' eżaminazzjonijiet ta' proposti ta' ttestjar konklużi għal dossiers riċevuti sal-iskadenza tal-2013 biex jintlaħaq ir-rekwiżit legali li tiġi ppreparata deċiżjoni ta' abbozz sal-iskadenza tal-1 ta' Ġunju 2016. | 33 % | Rapport intern kull xahar. |

[2] REACH Art. 54.

[3] REACH Art. 117 (3).

| | | |
|---|---|---|
| Perċentwal ta' kontrolli ta' konformità konklużi biex tintlaħaq il-mira ta' 5 % għad-dossiers ippreżentati sal-2013. | 20 % | Rapport intern kull xahar. |
| Perċentwal tal-valutazzjonijiet ta' segwitu, dovuti fis-sena partikolari, mwettqa fi żmien sitt xhur wara l-iskadenza stabbilita fid-deċiżjoni finali tal-valutazzjoni tad-dossier. | 75 % | Rapport intern kull kwart. |
| Livell ta' sodisfazzjoni tal-MSCAs bis-sostenn tal-ECHA għall-valutazzjoni tas-sustanza. | Għolja | Inkjesta kull sena. |

## 3. Riżultati prinċipali

- Aktar minn 300 deċiżjoni finali dwar il-valutazzjoni tad-dossiers, li joriġinaw mill-2012 u 2013, ipproċessati fit-teħid tad-deċiżjoni u addottati.
- 275 kontroll ta' konformità konklużi, li jwasslu għal madwar 150 deċiżjoni ta' abbozz ġdida.
- Mhux inqas minn 200 eżaminazzjoni ta' proposti ta' ttestjar konklużi b'deċiżjoni ta' abbozz.
- Pjan għal approċċ sostemiku għal kontroll tal-konformità fuq CSRs.
- It-tieni aġġornament tal-CoRAP sa tmiem Marzu 2014 u t-tielet aġġornament ta' abbozz ippreżentat lill-Kumitat tal-Istati Membri sa l-aħħar ta' Ottubru 2014.
- Mhux anqas minn 35 deċiżjoni finali li jitolbu aktar informazzjoni jew konklużjonijiet taħt il-valutazzjoni tas-sustanzi.
- 300 eżaminazzjoni ta' segwitu ta' valutazzjonijiet tad-dossiers.
- Rapport ta' valutazzjoni kull sena (Artikolu 54) u komunikazzjonijiet relatati.
- Sostenn xjentifiku, amministrattiv u legali lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għall-kompiti tagħhom dwar il-valutazzjoni.
- Għall-inqas workshop wieħed dwar il-valutazzjoni tas-sustanzi u l-valutazzjoni tad-dossiers.
- Ir-reviżjoni tal-istrateġija tal-valutazzjoni tad-dossier ikkompletata u miftiehem l-ippjanar biex tintlaħaq il-mira ta' 5% għal kontrolli ta' konformità għal dossiers tal-2013.

## 1.3. L-Immaniġġar tar-Riskji (Attività 3)

Il-kompiti tal-ECHA li jirrelataw għall-immaniġġar tar-riskji jinkludu l-aġġornament tal-Lista tal-Kandidati ta' sustanzi ta' tħassib serju ħafna (SVHCs), il-preparazzjoni regolari ta' rakkmandazzjoni lill-Kummissjoni dwar sustanzi mil-Lista tal-Kandidati li għandhom jiġu inklużi fil-Lista tal-Awtorizzazzjoni – il-lista ta' sustanzi soġġetti għal awtorizzazzjoni (l-Anness XIV ma' REACH) – u t-trattament tal-applikazzjonijiet tal-awtorizzazzjoni. Sustanzi ta' tħassib li jimponu riskji inaċċettabbli f'livell tal-UE jistgħu jiġu pprojbiti għal kollox jew ristretti għal użijiet partikolari (Titolu VIII ta' REACH). L-ECHA tista' tiġi mitluba mill-Kummissjoni biex tipprepara proposti għal restrizzjonijiet jew tirrevedi dawk eżistenti. L-Istati Membri jistgħu jippreżentaw ukoll proposti għal restrizzjonijiet, li huma verifikati għal konformità u mressqa lir-RAC u lis-SEAC għal teħid ta' opinjoni.

### 1. Punti prinċipali tas-sena

#### *L-identifikazzjoni ta' ħtiġiet għall-Immaniġġar tar-Riskji*

Is-sena 2014 ser tkun l-ewwel sena kompleta fejn l-ECHA, flimkien mal-Istati Membri u l-Kummissjoni, ser jaħdmu fuq l-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali SVHC lejn l-2020[4]. Dan ix-xogħol huwa bbażat fuq il-Pjan tal-Implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali li kien żviluppat fl-2013 u ser jiffoka fuq ħames gruppi ewlenin ta' sustanzi: CMRs, sustanzi li jħarbtu l-endokrina, sensitizzanti (respiratorji), PBTs/vPvBs u flussi tal-pitrolju. Biex tintlaħaq il-mira tal-politika għall-2020 – inklużjoni fil-Lista tal-Kandidati tal-SVHCs kollha rilevanti magħrufa fil-preżent – u biex tkun żgurata bażi tajba għal xogħol ulterjuri fuq immaniġġar tar-riskji tar-regolatorju lil hinn mill-2020, hemm il-ħtieġa li jiġi konsolidat għarfien komuni dwar l-attivitajiet neċessarji għal u l-metodi wżati fl-implimentazzjoni ta' dan il-pjan direzzjonali. Barraminnhekk, ser isiru aktar sforzi biex jinvolvu lil aktar Stati Membri f'din l-attività biex ikun żgurat li t-tagħbija għolja tax-xogħol tkun kondiviża b'mod suffiċjenti fost l-imsieħba kollha. Dan huwa partikolarment ta' sfida minħabba l-mira intermedja inkluża fil-pjan direzzjonali li jitwettqu analiżi RMO għal 80 sustanza sal-aħħar tal-2014.

L-ECHA ser tkun ta' sostenn partikolari għall-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni, inkluż ix-xogħol ta' koordinazzjoni speċifika u gruppi esperti u l-laqgħat tal-Esperti tal-Immaniġġar tar-Riskji (RiME). Grupp esperti għas-sostenn tal-iskrining u l-identifikazzjoni ta' sustanzi (potenzjali) li jħarbtu l-endokrina ser jibdew ix-xogħol fl-2014. Ser jibda xogħol biex jiġi żviluppat approċċ biex jindirizza sustanzi ta' fluss tal-pitrolju u tal-faħam. L-ECHA ser tkompli wkoll tiżviluppa aktar l-analiżi RMO bħala għodda u sostenn għad-deċiżjoni dwar l-istrument regolatorju l-aktar xieraq li minbarra l-awtorizzazzjoni jista' ikun ukoll restrizzjonijiet, armonizzazzjoni ta' klassifikazzjoni u ttikkettar jew strumenti regolatorji oħra tal-UE. Għad hemm inċertezza dwar l-għadd ta' proposti biex jiġu identifikati sustanzi bħala SVHCs minħabba li dan ikun jiddependi fuq l-għadd ta' RMOs ippreparati u t-tip ta' konklużjonijiet miġbura. L-ECHA ser tikkontribwixxi għal dan ix-xogħol billi ssostni lill-Kummissjoni biex tipprepara analiżi RMO u, meta rilevanti, proposti għal miżuri tal-immaniġġar tar-riskji għal sa ħames sustanzi.

Il-kontribuzzjoni proprja tal-ECHA ser tikkonċentra fuq l-iskrining ta' sustanzi, tiżgura li dawn huma koordinati ma' attivitajiet ta' skrining għal proċessi oħra REACH bħall-valutazzjoni tas-sustanzi, u fuq li tipprovdi ideat ġenerali dwar l-istatus regolatorju ta' gruppi ta' sustanzi differenti. Id-dejta ta' reġistrazzjoni tal-2013, kif ukoll informazzjoni ġġenerata mill-kontrolli ta' konformità u aġġornamenti spontanji, ser isirilhom skrining biex jiġu identifikati aktar ħtiġiet tal-informazzjoni u/jew ħtiġiet għal azzjonijiet

---

[4] Pjan direzzjonali għall-identifikazzjoni ta' SVHCs u l-implimentazzjoni ta' miżuri tal-Immaniġġar tar-Riskji REACH minn issa sal-2020.

regolatorji.

Il-ħtieġa għal komunikazzjoni miftuħa u trasparenti madwar l-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali ġiet rikonoxxuta b'mod ċar mill-awtoritajiet involuti. Għaldaqstant, il-pjan ta' komunikazzjoni, li huwa wieħed mill-partijiet kruċjali tal-Pjan għall-Implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali, ser ikun jeħtieġ attenzjoni speċifika matul din l-ewwel sena tal-implimentazzjoni. Element importanti tal-komunikazzjoni ser ikun l-ewwel rapport ta' progress tas-sena.

### *Awtorizzazzjoni*

### L-Identifikazzjoni ta' SVHCs u rakkmandazzjonijiet tal-Anness XIV

L-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali tal-2020 ser issostni t-tkabbir kontinwu tal-Lista tal-Kandidati b'sustanzi li għandhom jiġu sostitwiti fi żmien qasir jew twil. Ix-xogħol tal-PBT u tal-gruppi esperti dwar sustanzi li jħarbtu l-endokrina hu mistenni li jidentifika kandidati potenzjali għal inklużjoni fil-Lista tal-Kandidati. Madankollu, fil-preżent jidher probabbli li, f'ħafna każijiet, aktar informazzjoni hija meħtieġa permezz ta' deċiżjonijiet dwar id-dossiers jew il-valutazzjoni tas-sustanzi għas-sostenn tal-identifikazzjoni.

L-ECHA ser tkompli bl-iżvilupp ta' rakkmandazzjoni waħda għall-inklużjoni ta' sustanzi fil-Lista tal-Awtorizzazzjoni, kull sena. Il-Lista tal-Kandidati dejjem tikber tista' tkun teħtieġ adattament tal-approċċ ta' prijoritizzazzjoni tal-Anness XIV biex tirrifletti kompletament l-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali tal-SVHC.

### Applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni

Fil-ħin tal-adozzjoni ta' dan il-WP, l-ECHA kienet irċeviet l-ewwel applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni u oħrajn kienu tħabbru mill-industrija. L-ECHA bdiet ukoll il-proċess ta' sfida tal-iżvilupp tal-opinjoni fil-Kumitat għall-Istima tar-Riskji (RAC) u l-Kumitat għall-Analiżi Soċjo-Ekonomika (SEAC) li ser jiġi finalizzat fl-2014. L-ECHA, inklużi l-Kumitati tagħha, ser jimmiraw li jimmaniġġaw l-ewwel applikazzjonijiet u jiżviluppaw opinjonijiet ta' kwalità għolja b'mod trasparenti u effiċjenti li jista' jsostni b'mod effettiv it-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-għoti jew ir-rifjut ta' awtorizzazzjoni. L-ECHA tippjana li tippromwovi b'mod attiv il-parteċipazzjoni ta' partijiet terzi fil-proċess ta' konsultazzjoni għal kull applikazzjoni biex tiżgura li informazzjoni xierqa dwar sustanzi jew tekniki alternattivi, jekk disponibbli, tintuża fil-proċess tal-iffurmar tal-opinjoni.

L-indikazzjonijiet huma li l-industrija qiegħda tippjana li tipprepara għadd simili ta' dossiers ta' applikazzjoni għal preżentazzjoni fl-2014 bħal fl-2013. Għaldaqstant, l-ECHA qiegħda tipprepara biex tirċievi sa 20 applikazzjoni ġdida għal awtorizzazzjoni. L-ECHA ser ttimmonitorja b'attenzjoni il-proċess biex taddatta, jekk neċessarju, l-operazzjonijiet tagħha u tal-kumitat tagħha fil-ħin qabel iż-żieda f'daqqa mistennija fl-għadd ta' applikazzjonijiet li ser jaslu fl-2015. Sfida partikolari hija li jkollha l-għodod biex tikkomunika b'mod effettiv mal-applikanti, il-partijiet terzi u l-membri tal-kumitat, operazzjonali u ttestjati.

Fuq il-bażi tan-notifikazzjonijiet ta' intenzjoni tal-applikanti li jippreżentaw applikazzjonijiet, l-ECHA ser tkompli tipprovdi lill-applikanti bl-opportunità li jitolbu sessjoni tal-informazzjoni. Dawn is-sessjonijiet urew li kienu xierqa biex jikkjarifikaw kwalunkwe kwistjonijiet tekniċi rimanenti li jirrelataw għall-preparazzjoni u l-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet.

Fl-2014, sfida speċifika hi li jiġi żgurat li utenti downstream (inklużi SMEs) ikunu konxji mill-ħtieġa li jkollhom jew japplikaw għal awtorizzazzjoni u li jkunu jafu kif jagħmlu dan fil-prattika. Biex tiżdied kuxjenza ġenerali fost il-partijiet interessati kollha, l-ECHA ser tkompli torganizza seminars għal applikanti potenzjali kif ukoll torganizza, possibilment, workshop speċifiku għas-sustanzi, għall-kumitati.

L-ECHA ser tkompli tivverifika l-istatus intermedju tal-użijiet irreġistrati ta' sustanzi inklużi fil-Lista tal-Kandidati minħabba li dan jista' jkollu effett immedjat fuq il-prijorititzzazzjoni għall-Anness XIV u jipprovdi ċarezza lill-industrija dwar jekk għandhiex tipprepara ruħa biex tapplika għall-awtorizzazzjoni.

### *Restrizzjonijiet*

Kull dossier ta' restrizzjoni huwa kemmxejn uniku f'termini ta' ambitu, u aspetti xjentifiċi u tekniċi li jeħtieġ li jiġu vvalutati. Minħabba din l-eteroġeneità, jibqa' ta' sfida għall-ECHA – u b'mod partikolari l-kumitati tagħha – li jifformulaw l-opinjonijiet tagħhom u li jiżguraw li dawn huma pproċessati bi grad għoli ta' kwalità xjentifika, teknika u legali biex b'hekk tiġi pprovduta bażi tajba għal deċiżjoni mill-Kummissjoni.

L-ECHA ser issostni lil rapportaturi RAC u SEAC fil-preparazzjoni ta' opinjonijiet dwar dossiers ta' restrizzjoni. L-għadd ta' opinjonijiet fl-2014 ser ikun jiddependi fuq l-għadd ta' dossiers ta' restrizzjoni tal-Anness XV riċevuti fl-2013 u kmieni fl-2014[5]. Is-Segretarjat tal-ECHA ser ikompli jipprovdi sostenn ta' kwalità għolja u f'waqtu lil RAC, SEAC u l-Forum hekk kif jiżviluppaw dawn l-opinjonijiet. Ser jipprovdi wkoll assistenza lil Stati Membri meta jippreparaw dossiers ta' restrizzjoni tal-Anness XV, eż. permezz ta' workshops u feedback speċifiku, jekk mitlub. L-ECHA ser tipprovdi wkoll mezzi aktar faċli biex jintużaw mill-utent biex jinqara l-Anness XVII fuq il-websajt tagħha u tkompli twieġeb mistoqsijiet li jirrelataw għall-interpretazzjoni u l-infurzar tar-restrizzjonijiet.

L-ECHA ser issostni lill-Kummissjoni biex tidentifika s-sustanzi l-aktar addattati li għalihom l-Aġenzija ser tipprepara dossiers ta' restrizzjoni. Fuq it-talba tal-Kummissjoni, l-ECHA ser tipprepara sa tliet dossiers ta' restrizzjoni tal-Anness XV jew tirrevedi restrizzjonijiet eżistenti fl-2014. Sa fejn tista', l-ECHA ser tkompli tagħti pariri u servizzi esperti dwar talbiet speċifiċi mill-Kummissjoni, per eżempju fil-kuntest tar-reviżjoni ta' restrizzjonijiet eżistenti fl-Anness XVII. Jekk mitluba, l-ECHA tipprovdi sostenn tekniku lill-Kummissjoni fl-adozzjoni ta' deċiżjonijiet dwar id-dossiers ta' restrizzjoni, li għalihom tressqu l-opinjonijiet ta' RAC u SEAC lill-Kummissjoni fl-2013-14.

Fir-rigward tas-sustanzi inklużi fl-Anness XIV, l-ECHA għandha obbligu speċifiku li tikkunsira, wara d-data ta' terminazzjoni, jekk l-użu tas-sustanza fl-oġġetti jimponix riskju li mhuwiex ikkontrollat biżżejjed. Jekk dan ikun il-każ, għandha tipprepara dossier li jikkonforma mar-rekwiżiti tal-Anness XV. Minħabba li fl-2014 id-dati tat-terminazzjoni ser ikunu għaddew għal żewġ sustanzi, l-ECHA ser ikollha tiddokumenta l-konklużjonijiet tal-analiżi tagħha dwar jekk hijiex meħtieġa restrizzjoni fuq is-sustanzi f'dawn l-oġġetti.

### *Attivitajiet oħra li jirrelataw għall-immaniġġar tar-riskji*

L-ECHA ser tkompli l-isforzi tagħha biex iżżid l-għarfien dwar l-applikazzjoni prattika tal-Analiżi Soċjo-Ekonomika (SEA). Ir-riżultati ta' studju dwar il-valutazzjoni tas-saħħa biex jiġu evitati effetti negattivi fuq is-saħħa ser isiru disponibbli tard fl-2013 jew kmieni fl-2014. Għaldaqstant, il-valuri ta' referenza għall-interess fi ħlas għall-ewwel sett ta' punti finali tas-saħħa tal-bniedem ser ikunu disponibbli u kondiviżi għal diskussjoni mal-partijiet interessati rilevanti. L-ECHA ser tkompli tiżviluppa metodoloġiji biex tistma' l-ispejjeż tal-implimentazzjoni u l-infurzar li jirrelataw għal immaniġġar regolatorju tar-riskji. L-ECHA ser tkompli tappoġġa workshops relatati għall-SEA permezz tan-"Netwerk

---

[5] Fil-ħin tal-kitba, l-Isvezja infurmat dwar l-intenzjoni tagħha li tippreżenta rapport ta' restrizzjoni tal-Anness XV dwar in-nonilfenol(etossilati) fit-tessili, Franza dwar il-Bisfenol-A f'karta termali u l-Kummissjoni indikat li tkun qiegħda titlob lill-ECHA tipprepara rapporti ta' restrizzjoni tal-Anness XV dwar il-kadmju u l-komposti tiegħu f'żebgħa u plastiks, dwar il-krisotil fid-djaframmi u dwar id-dekabromodifenileter.

ta' Analiżi Soċjo-ekonomika REACH u l-Analiżi ta' Prattikanti Alternattivi" (NeRSAP) ma' partijiet interessati fir-rigward ta' applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni u mal-MSCAs fir-rigward tar-restrizzjonijiet.

Flimkien ma' istituzzjonijiet oħra tal-UE, l-awtoritajiet nazzjonali u l-organizzazzjonijiet tas-settur, l-ECHA ser tkompli tqanqal il-kuxjenza ta' importaturi u produtturi ta' oġġetti dwar l-obbligi tagħhom li jirrelataw għal SVHCs f'oġġetti.

## 2. Miri u indikaturi

Miri

1. Id-dossiers kollha li jirrelataw għall-proċessi ta' awtorizzazzjoni u restrizzjoni huma ppreparati u pproċessati bi grad għoli ta' kwalità xjentifika, teknika u legali skont l-approċċi u l-proċeduri standard addottati mill-ECHA u fi żmien l-iskadenzi legali jew il-miri stabbiliti. [Sostenn lill-Kummissjoni].

2. L-industrija, l-Istati Membri u l-Kummissjoni huma pprovduti bl-aħjar sostenn xjentifiku u tekniki possibbli u b'konsulenza biex jidentifikaw sustanzi li jeħtieġu aktar immaniġġar tar-riskji u biex jiddefinixxu l-aħjar approċċ tal-immaniġġar tar-riskji, inkluż aktar żvilupp dwar l-użu ta' xenarji tal-espożizzjoni.

Indikaturi u miri ta' prestazzjoni

| Indikatur | Mira fl-2014 | Mezz u frekwenza tal-verifika |
|---|---|---|
| Perċentwal ta' sustanzi rreġistrati skrinjati preliminarjament għal aktar immaniġġar tar-riskju regolatorju. | 25 % | Rapport intern kull sena |
| Perċentwal ta' SVHCs, dossiers ta' restrizzjoni u applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni trattati fil–qafas ta' żmien legali. | 100 % | Rapport intern kull xahar |
| Livell ta' sodisfazzjon tal-Kummissjoni, l-MSCAs, il-Kumitati tal-ECHA, l-industrija, l-NGOs u partijiet interessati oħra bil-kwalità tas-sostenn xjentifiku, tekniku u amministrattiv ipprovdut. | Għolja | Inkjesta kull sena |

## 3. Riżultati prinċipali

- L-ewwel rapport ta' progress kull sena dwar il-Pjan ta' Implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali SVHC tal-2020.
- Analiżi preliminari tad-dejta tar-reġistrazzjoni 2013 għal immaniġġar regolatorju tar-riskji potenzjali.
- Fuq talba mill-Kummissjoni, sa ħames analiżi RMO ippreparati.
- Ippubblikati minn wieħed sa żewġ aġġornamenti tal-Lista tal-Kandidati.

- L-iżvilupp ta' rakkmandazzjoni ġdida għal inklużjoni ta' SVHCs fil-Lista tal-Awtorizzazzjoni (l-Anness XIV).
- Disponibbli dejtabejż dwar l-istatus regolatorju ta' CMRs.
- Sostenn xjentifiku, amministrattiv u legali kemm għal dawk li jippreżentaw proposti għal restrizzjonijiet kif ukoll għar-RAC u s-SEAC, u għar-rapportaturi tiegħu għall-iżvilupp tagħhom ta' opinjonijiet dwar ir-restrizzjonijiet u applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni.
- Ippreparati sa tliet dossiers ta' restrizzjoni tal-Anness XV (inklużi, meta rilevanti, dossiers jew rapporti li jirrelataw għal reviżjonijiet ta' restrizzjonijiet eżistenti).
- Dokumentazzjoni tal-konklużjonijiet dwar jekk hemmx ħtieġa għal restrizzjoni fuq sustanzi tal-Anness XIV f'oġġetti wara d-dati ta' terminazzjoni.
- Sa żewġ avvenimenti ta' taħriġ, workshops u pariri mogħtija lill-Istati Membri biex jgħinuhom jissodisfaw il-kompiti tagħhom fil-preparazzjoni ta' dossiers tar-restrizzjoni tal-Anness XV, inkluża s-SEA.
- Għall-inqas kampanja waħda ta' komunikazzjoni għall-importaturi ta' oġġetti.
- Għall-inqas seminar wieħed organizzat dwar applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, inkluża SEA, mal-industrija u partijiet oħra interessati.
- Għall-inqas workshop/seminar wieħed relatat għas-SEA permezz tan-NeRSAP.
- Valuri ta' referenza għad-'dispożizzjoni għall-ħlas' għall-ewwel sett ta' punti finali tas-saħħa tal-bniedem.
- Workshop dwar interkonnessjonijiet bejn REACH u leġiżlazzjoni oħra tal-UE.

## 1.4. Klassifikazzjoni u Ttikkettar (C&L) (Attività 4)

Il-klassifikazzjoni u ttikkettar ta' sustanzi u taħlitiet jippermettu l-manifattura u l-użu sigur ta' sustanzi kimiċi. Huwa l-obbligu tal-manifatturi, l-importaturi u l-utenti downstream li jikklassifikaw u jittikkettaw is-sustanzi u t-taħlitiet skont ir-rekwiżiti legali u li jinnotifikaw il-klassifikazzjoni ta' sustanzi perikolużi. L-ECHA iżżomm dejtabejż ta' dawn in-notifikazzjonijiet kollha fl-Inventarju C&L. F'ċerti każijiet, l-Istati Membri jew l-industrija jistgħu jipproponu l-armonizzazzjoni tal-klassifikazzjoni ta' sustanza fl-UE, biex b'hekk jobbligaw lill-manifatturi u l-importaturi jew l-utenti downstream kollha biex jikklassifikaw dik is-sustanza skont il-klassifikazzjoni armonizzata. L-ECHA tappoġġa lill-Istati Membri u lir-rapportaturi RAC matul il-preparazzjoni ta' proposti għal din l-armonizzazzjoni u l-iżvilupp tal-opinjonijiet minn RAC. Dan isir normalment għal sustanzi karċinoġeni, mutaġeni u reprotossiċi (CMR), kif ukoll għal sensitizzanti respiratorji, iżda klassijiet oħra ta' perikolu jistgħu jiġu armonizzati jekk ikun hemm il-ħtieġa.

### 1. Il-punti prinċipali tas-sena

***It-trattament ta' proposti għall-Klassifikazzjoni u l-Ittikkettar armonizzati (CLH)***

Is-sustanzi attivi kollha għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (PPPs) u l-prodotti bijoċidali (BPs) huma normalment soġġetti għal klassifikazzjoni armonizzata. L-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà tal-Ikel (EFSA) tivvaluta r-riskju ta' dawn is-sustanzi attivi, filwaqt li l-ECHA hija responsabbli biex tivvaluta l-perikoli li jistigaw il-klassifikazzjoni tagħhom. Madankollu, kif stabbilit fir-Regolament 1107/2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (PPPs), il-konsegwenza ta' klassifikazzjoni fil-kategorija 1A jew 1B għal karċinoġeni, mutaġeni u tossiċi għar-riproduzzjoni (CMR) hija li s-sustanza in ġenerali ma tiġix approvata għall-użu bħala sustanza attiva f'PPPs. L-ipproċessar parallel ta' sustanzi attivi f'PPPs jimponi sfidi biex jiġi evitat ir-riskju ta' opinjonijiet diverġenti u biex jiġu aġġustati l-proċessi għall-oqfsa ta' żmien legali rispettivi għat-teħid tad-deċiżonijiet, filwaqt li jtejjeb aktar l-effiċjenza. F'kuntatt mill-qrib mal-EFSA u l-Kummissjoni, l-ECHA timpenja ruħha lejn l-allinjament ta' dawn il-proċessi f'termini taż-żmien tagħhom, l-iskambju ta' informazzjoni rilevanti kif ukoll soluzzjonijiet proattivi għal kwistjonijiet kontenzjużi identifikati matul il-valutazzjoni tal-perikli minn RAC, l-EFSA u l-esperti tal-Istati Membri.

Diġà fl-2013, sustanzi attivi għal PPPs u BPs iffurmaw il-maġġoranza tad-dossiers għal CLH. Huwa mistenni li dan ikun ukoll il-każ fl-2014, għalkemm l-għadd ta' proposti CLH għal sustanzi kimiċi industrijali mill-industrija hu mistenni jiżdied. L-għadd kbir ta' dossiers fil-proċess (madwar 100 fl-2013) f'kombinazzjoni mar-rekwiżiti għal allinjament mar-regolamenti għal PPPs u BPs jippreżenta sfida reali għas-Segretarjat tal-ECHA. Biex jiġi sodisfatt il-livell għoli ta' domanda, ser isiru sforzi kontinwi biex jiġu ssimplifikati prattiki u proċeduri ta' ħidma (pereżempju permezz ta' laqgħat esperti, attivitajiet biex titqanqal kuxjenza, kriterji biex tiġi trattata informazzjoni ġdida riċevuta tul il-proċess). Is-Segretarjat tal-ECHA huwa impenjat lejn li jżid is-sostenn tiegħu lill-Istati Membri fil-preparazzjoni tal-proposti u lir-rapportaturi RAC, biex jiżgura li l-iffurmar tal-opinjoni RAC ikollu bażi adegwata u li l-opinjonijiet li jirriżultaw isostnu d-deċiżjoni finali mill-Kummissjoni.

***L-inventarju tal-Klassifikazzjoni u l-Ittikkettar (l-Inventarju C&L)***

L-inventarju C&L huwa dejtabejż uniku tal-klassifikazzjoni u l-ittikkettar ta' kważi s-sustanzi kollha fis-suq tal-UE. Dan it-tip ta' għarfien dettaljat ma hu disponibbli mkien

ieħor fid-dinja. Għalkemm l-inventarju ilu disponibbli mill-2012, il-manutenzjoni u l-aġġornament tiegħu ser jibqa' kompitu importanti fl-2014. Ser ikun hemm aktar azzjoni biex tiżdied il-faċilità biex l-għodda tintuża mill-utent.

Id-dejta ta' notifikazzjoni fl-inventarju, f'kombinazzjoni ma' dejtabejżis oħra disponibbli, ser tintuża dejjem aktar biex issostni lill-Istati Membri biex jimmiraw sustanzi li jkunu jeħtieġu prijorità għal immaniġġar tar-riskju ulterjuri.

Fl-2013, madwar 25% tas-sustanzi kellhom klassifikazzjonijiet differenti notifikati. Biex l-industrija tkun tista' tissodisfa l-obbligu tagħha biex tasal għal ftehim dwar l-iskrizzjonijiet, l-ECHA stabbiliet pjattaforma IT li tippermetti lil notifikaturi tal-istess sustanza li jiddiskutu l-iskrizzjonijiet tagħhom fl-inventarju mingħajr ma jirrivelaw l-identità tagħhom. L-ECHA ser tkompli diskussjonijiet mal-organizzazzjonijiet tal-industrija biex tikkunsidra azzjonijiet possibbli biex l-industrija tiġi nkoraġġita tagħmel użu ottimu mill-għodod ipprovduti.

***Ismijiet kimiċi alternattivi***

F'ċerti każijiet, il-manifatturi, l-importaturi u l-utenti downstream jistgħu jitolbu l-użu ta' isem kimiku alternattiv biex iżommu l-isem preċiż ta' ċerti ingredjenti fit-taħlitiet tagħhom, kunfidenzjali. Sa Ġunju 2015, l-industrija tista' titlob isem kimiku alternattiv jew mill-Istati Membri jew mill-ECHA. Wara din id-data, l-ECHA biss ser titratta dawn l-applikazzjonijiet.

Il-proċess biex jintalbu ismijiet kimiċi alternattivi ġie introdott fl-2011. Il-proċess kien maħsub biex ikun effiċjenti u flessibbli biex jiġu trattati għadd kbir ta' talbiet fil-qafas ta' żmien legali – biex ilaħħqu mal-ammonti kbar ta' talbiet. L–għadd ta' talbiet kull sena lill-ECHA qiegħed bil-mod jikber lejn l-għadd mistenni ta' bejn wieħed u ieħor 100.

## 2. Miri u indikaturi

Miri

1. Id-dossiers kollha li jirrelataw għal C&L armonizzat huma trattati fi proċess trasparenti u prevedibbli bi grad għoli ta' kwalità xjentifika, teknika u legali, skont l-approċċi u l-proċeduri standard addottati mill-ECHA u fi żmien l-iskadenzi legali jew il-miri stabbiliti.

2. Kwalunkwe talba għall-użu ta' isem kimiku alternattiv hija konkluż fil-qafas ta' żmien legali.

3. L-Inventarju tal-Klassifikazzjoni u l-Ittikkettar u l-pjattaforma ta' komunikazzjoni C&L jinżammu aġġornati u l-funzjonalitajiet u faċilità ta' użu mill-utent, jitjiebu aktar.

Indikaturi u miri ta' prestazzjoni

| Indikatur | Mira fl-2014 | Mezz u frekwenza tal-verifika |
|---|---|---|
| Perċentwal ta' proposti għal C&L armonizzat u talbiet għall-użu ta' isem kimiku alternattiv ipproċessati fil-qafas ta' żmien legali. | 100 % | Rapport intern kull kwart |
| Livell ta' sodisfazzjon tal-Kummissjoni, l-MSCAs, RAC u l- | Għolja | Inkjesta kull sena |

| | | |
|---|---|---|
| industrija bil-kwalità tas-sostenn xjentifiku, tekniku u amministrattiv ipprovdut. | | |

## 3. Riżultati prinċipali

- Sostenn xjentifiku, amministrattiv u legali kemm lil dawk li jippreżentaw proposti għal C&L armonizzat, lil RAC u lir-rapportaturi tiegħu għall-iżvilupp tagħhom ta' opinjonijiet u dokumenti tal-isfond kif ukoll lill-Kummissjoni għas-sostenn tal-ipproċessar ulterjuri fuq talba tagħhom.
- Inventarju C&L aġġornat u miżmum tajjeb.
- Pjattaforma ta' komunikazzjoni għal notifikaturi u reġistranti miżmuma aġġornata u, jekk neċessarju, mtejjba.
- Sa 100 deċiżjoni legalment u xjentifikament tajba dwar l-użu ta' ismijiet kimiċi alternattivi.
- Analiżi ta' dejtabejżis bl-iskop li jipprovdu informazzjoni lill-Istati Membri u lill-industrija biex jiġu identifikati sustanzi ta' prijorità għal klassifikazzjoni armonizzata.

## 1.5. Bijoċidi (Attività 16)

Ir-Regolament ġdid dwar il-Prodotti Bijoċidali (BPR) daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2013. Dan ir-regolament jestendi l-mandat regolatorju tal-ECHA fir-rigward tal-kompiti amministrattivi, tekniċi u xjentifiċi li jirrelataw għall-impimentazzjoni tal-BPR, b'mod partikolari dwar l-approvazzjoni ta' sustanzi attivi u l-awtorizzazzjoni tal-Unjoni ta' prodotti bijoċidali. Ir-regolament il-ġdid jintroduċi ħafna titjib u elementi ġodda meta pparagunat mad-Direttiva preċedenti dwar il-Prodotti Bijoċidali. Dawn jinkludu, pereżempju, proċeduri simplifikati għal proċessi ta' approvazzjoni u awtorizzazzjoni, attenzjoni speċjali biex jiġu evitati s-sustanzi attivi l-aktar perikolużi, dispożizzjonijiet biex jitnaqqas l-ittestjar fuq l-annimali u għal kondiviżjoni obbligatorja tad-dejta , u dwar oġġetti trattati bi prodotti bijoċidali.

### 1. Punti prinċipali tas-sena

Matul dan il-perjodu, l-ECHA ser timmira li tiżgura żvilupp effettiv u effiċjenti ta' operazzjonijiet taħt ir-Regolament il-ġdid dwar il-Prodotti Bijoċidali. L-ECHA ser tkompli tikkoordina mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri bl-iskop li tiżgura viżjoni komuni u kooperazzjoni mingħajr intoppi fl-implimentazzjoni tal-BPR. Dan jinkludi l-aħjar użu possibbli ta' IT ġdida (R4BP 3 u IUCLID) ipprovduta mill-Aġenzija. Dan ser jirriżulta f'li jittieħdu deċiżjonijiet ta' kwalità għolja; li tkun ipprovduta funzjoni effettiva ta' koordinazzjoni għall-implimentazzjoni tar-regolament, u sostenn adegwat għall-Istati Membri u l-Kummissjoni.

Sfida speċifika u importanti ħafna ser tkun li tieħu fuqha l-programm ta' reviżjoni miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni u li tiżgura żieda konsiderevoli fil-veloċità tal-istima meta pparagunat mal-leġiżlazzjoni preċedenti: il-mira annwali għall-2014 hija li tiġi finalizzata l-valutazzjoni ta' 50 sustanza attiva, li hija ħames darbiet aktar mill-medja annwali fl-imgħoddi. Biex tintlaħaq din il-mira ambizzjuża ħafna, ser ikollhom jiġu sodisfatti żewġ kondizzjonijiet: l-MSCAs għandhom ikunu jistgħu jikkonsenjaw il-kwantità mistennija ta' rapporti ta' valutazzjoni ta' kwalità tajba fil-ħin u l-proċess ta' reviżjoni tal-pari għandu jsir ħafna aktar effiċjenti milli kien s'issa. L-ECHA ser tikkontribwixxi b'ġestjoni stretta tal-proċess, ġestjoni effettiva tal-laqgħat, il-kontribuzzjoni xjentifika tagħha lejn soluzzjoni għal kwistjonijiet u l-interazzjoni upstream tagħha mal-awtoritajiet kompetenti ta' valutazzjoni biex jiġu żgurati l-kwalità u l-konsistenza tal-valutazzjonijiet.

Minħabba li l-ECHA ma setgħetx tiffinalizza l-preparazzjonijiet kollha għal kompiti u sfidi ġodda taħt il-BPR, ser ikollha tiffinalizzahom fl-2014 biex ikunu possibbli t-tipi kollha ta' preżentazzjonijiet, u l-proċessi regolatorji kollha li jibqa' jiġu dokumentati u sostnuti b'istruzzjonijiet. Pereżempju, il-proċessi biex tiġi trattata kwalunkwe sustanza attiva li hija kandidata għal sostituzzjoni jeħtieġ li jkunu jeżistu u joperaw. Wara li tkun ipproċessat l-ewwel applikazzjonijiet għal Awtorizzazzjoni mill-Unjoni, l-Aġenzija ser tkun tista' wkoll tirfina dawn il-proċessi.

Fl-2014, l-ECHA ser tissimplifika wkoll l-ekwivalenza teknika u l-proċeduri ta' provviżjoni tad-dejta kif ukoll it-trattament ta' disputazzjonijiet dwar il-kondiviżjoni tad-dejta għal bijoċidi. L-għadd ta' applikazzjonijiet għal ekwivalenza teknika hu mistenni jikber malajr fl-2014 bi sfida speċifika għall-ECHA minħabba l-iskadenza legali qasira għall-ħruġ tad-deċiżjonijiet neċessarji. Barraminnhekk, fuq talba ta' diversi awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, biex jiġu indirizzati l-ħtiġiet tal-industrija għall-valutazzjoni tas-similarità kimika bejn sorsi differenti ta' sustanza attiva għadha mhux approvata, l-ECHA tipprevedi l-provviżjoni ta' servizz soġġett għal ħlas amministrattiv. Dan is-servizz huwa maħsub għal applikanti potenzjali taħt l-Artikolu 95 li jistgħu ikunu jixtiequ jistabbilixxu similarità qabel ma jibdew negozjati dwar il-kondiviżjoni tad-dejta.

Barraminnhekk, l-ECHA teħtieġ li tibni l-kapaċità biex issostni l-valutazzjoni tal-konformità ta' applikazzjonijiet minn fornituri alternattivi ta' sustanzi attivi. Grupp ta' Koordinazzjoni jkun jeħtieġ li jibda jaħdem b'rutina u li jsib soluzzjonijiet għal kwalunkwe disputazzjoni li tkun tirrigwarda l-proċedura ta' rikonoxximent reċiproku, iżda wkoll li jaħdem b'mod li jgħin biex jiġi pprevenut diżgwid upstream. L-ECHA ser tipprovdi s-Segretarjat għall-Grupp ta' Koordinazzjoni.

L-ECHA ser ikollha wkoll tipparteċipa u tikkontribwixxi għall-attivitajiet Ewropej kontinwi biex tiżgura l-konsistenza u l-koordinazzjoni bejn il-valutazzjonijiet tal-istess sustanza kimika taħt ambiti leġiżlattivi differenti (eż. prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, addittivi alimentari, kożmetiċi).

## 2. Miri u indikaturi

Miri

1. Id-dossiers u t-talbiet kollha huma pproċessati skont il-proċeduri standard addottati mill-ECHA u fi żmien l-iskadenzi legali jew il-miri stabbiliti.

2. L-ECHA għandha kapaċità tajba li ssostni xjentifikament u teknikament ix-xogħol ta' valutazzjoni imwettaq mill-MSCAs.

Indikaturi u miri ta' prestazzjoni

| Indikatur | Mira fl-2014 | Mezzi u frekwenza tal-verifika |
|---|---|---|
| Perċentwal ta' dossiers trattati skont il-proċeduri standard u l-iskadenzi legali. | 100 % | Monitoraġġ kull kwart (mill-1 ta' Settembru 2013) |
| Livell ta' soddisfazzjon bil-kwalità tas-sostenn xjentifiku, tekniku u amministrattiv ipprovdut lill-membri tal-BPC, CG, lill-Kummissjoni, l-MSCA's u l-industrija. | Għolja | Inkjesta kull sena |

## 3. Riżultati prinċipali

- Sostenn xjentifiku, tekniku, legali u amministrattiv għall-valutazzjoni ta' applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni mill-Unjoni u valutazzjoni tas-sustanzi attivi mwettqa mill-MSCAs.
- Valutazzjoni tal-applikazzjonijiet tal-fornituri ta' sustanzi attivi u manutenzjoni tal-lista ta' fornituri approvati: sa 300 deċiżjoni.
- Valutazzjoni tal-applikazzjonijiet ta' ekwivalenza teknika: sa 50 deċiżjoni.
- Valutazzjoni tas-similarità kimika ta' sustanzi attivi: sa 100 każ.
- Flussi ta' ħidma u proċessi għat-trattament ta' dossiers li jidħlu ttestjati għall-utilità tagħhom u żviluppati aktar meta neċessarju.
- Parteċipazzjoni u kontribuzzjoni għal avvenimenti xjentifiċi u workshops biex jitjieb

l-għarfien dwar il-valutazzjoni tal-bijoċidi (sustanzi attivi u prodotti bijoċidali).

- Kooperazzjoni u proċeduri ta' ħidma prinċipali stabbiliti mal-EFSA, l-EMA u servizzi rilevanti tal-Kummissjoni biex tiġi żgurata konsistenza fil-valutazzjonijiet għal sustanzi tul leġiżlazzjonijiet differenti.

## 1.6. PIC (Attività 17)

Ir-Regolament dwar il-Kunsens Infurmat minn Qabel (PIC, Regolament (UE) 649/2012) jamministra l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' ċerti sustanzi kimiċi perikolużi u jqiegħed obbligi fuq il-kumpaniji li jixtiequ jesportaw dawn is-sustanzi kimiċi lejn pajjiżi mhux tal-UE. Jimmira li jippromwovi responsabbiltà aktar kondiviża u kooperazzjoni fil-kummerċ internazzjonali ta' sustanzi kimiċi perikolużi, u li jipproteġi s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent billi jipprovdi lil pajjiżi żviluppanti b'informazzjoni dwar kif jaħżnu, jittrasportaw, jużaw u jarmu sustanzi kimiċi perikolużi b'mod sigur. Dan ir-regolament jimplimenta, fi ħdan l-Unjoni Ewropea, il-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-proċedura ta' kunsens infurmat minn qabel għal ċerti sustanzi kimiċi u pestiċidi perikolużi fil-kummerċ internazzjonali.

Ir-regolament ittrasferixxa r-responsabbiltà għal kompiti tekniċi u amministrattivi miċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka (JRC) tal-Kummissjoni lill-ECHA. L-ECHA ser tipprovdi wkoll assistenza kif ukoll gwida teknika u xjentifika lill-industrija, lill-awtoritajiet nazzjonali (DNAs) deżinjati kemm mill-UE kif ukoll minn pajjiżi terzi u l-Kummissjoni Ewropea.

### 1. Punti prinċipali tas-sena

F'Marzu 2014, ir-Regolament riformulat mill-ġdid dwar il-Kunsens Infurmat minn Qabel (PIC) ser jidħol fis-seħħ u l-ECHA ser issir responsabbli għall-implimentazzjoni tar-regolament f'livell Ewropew, f'kollaborazzjoni mad-DĠ għall-Ambjent u d-DNAs rilevanti. L-Aġenzija ser tibda tipproċessa u tibgħat notifikazzjonijiet ta' esportazzjoni lill-pajjiżi li jimportaw barra l-UE, u żżomm id-dejtabejż tan-notifikazzjonijiet u l-kunsensi espliċiti mogħtija mill-pajjiżi li jimportaw billi tuża l-għodda IT eżistenti Edexim.

L-ECHA timmira li tiżgura tranżizzjoni b'suċċess mil-leġiżlazzjoni eżistenti biex tippermetti kontinwazzjoni ħarir tal-attivitajiet ta' kuljum taħt ir-regolament. Fil-prattika, dan jimplika li l-persunal tal-ECHA ikun imħarreġ b'mod komplet biex iwettaq il-kompiti kollha li jirrelataw għar-regolament; li jkun hemm segwitu adegwat għan-notifikazzjonijiet ipproċessati mill-JRC li jistgħu ikunu jeħtieġ azzjonijiet speċifiċi; u li l-ECHA tkun lesta biex tipproċessa notifikazzjonijiet taħt ir-regolament il-ġdid kif ukoll li tipprovdi sostenn xieraq adegwat lill-kumpaniji. L-ECHA ser tiffinalizza wkoll, f'kooperazzjoni mal-partijiet interessati rilevanti, l-iżvilupp tal-għodda l-ġdida tal-IT għall-immaniġġar tan-notifikazzjonijiet PIC u ser tippreżenta dan fis-sajf tal-2014 biex in-notifikazzjonijiet li jaslu fil-ħarifa jużaw l-għodda l-ġdida.

L-ECHA ser tiżgura wkoll li l-kollaborazzjoni kontinwa tajba mad-DNAs tal-UE u mhux tal-UE tkompli fil-faċilitazzjoni tal-implimentazzjoni tar-regolament. L-ECHA hija ppreparata wkoll li tagħti konsulenza u assistenza xjentifika u teknika lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tar-Regolament PIC u l-Konvenzjoni ta' Rotterdam, meta mitluba.

## 2. Miri u indikaturi

Miri

1. Aċċerta ruħek mill-bidu b'suċċess għall-attivitajiet PIC f'Marzu 2014 u mill-ġestjoni effettiva tal-ewwel massa ta' notifikazzjonijiet fl-aħħar tal-2014.

Indikaturi u miri ta' prestazzjoni

| Indikatur | Mira fl-2014 | Mezzi u frekwenza tal-verifika |
|---|---|---|
| Perċentwal ta' notifikazzjonijiet PIC ipproċessati fi ħdan il-qafas ta' żmien legali. | 100 % | Rappurtaġġ kull xahar |
| Livell ta' soddisfazzjon bil-kwalità tas-sostenn xjentifiku, tekniku, u amministrattiv ipprovdut lill-Kummissjoni, lid-DNA's tal-Istati Membri u l-industrija. | Għolja | Inkjesta kull sena |

## 3. Riżultati prinċipali

- Proċeduri u flussi ta' ħidma lesti għall-preżentazzjoni u t-trattament ta' notifikazzjonijiet.
- Kampanja biex titqajjem kuxjenza għad-dħul fis-seħħ tar-riformulazzjoni.
- Sa 4 000 notifikazzjoni pproċessati.

## 1.7. Pariri u assistenza permezz tal-Gwida u l-Uffiċċju tal-Informazzjoni (Attività 5)

L-Uffiċċju tal-Informazzjoni tal-ECHA jagħti pariri lill-kumpaniji li huma ta’ għajnuna fil-preparazzjoni ta’ dossiers, notifikazzjonijiet u rapporti ta’ kwalità għolja; jikkjarifika l-obbligi taħt ir-regolament u jipprovdi sostenn lil utenti tal-għodod xjentifiċi tal-IT tal-ECHA (bħal IUCLID, Chesar, REACH-IT u r-Reġistru għall-Prodotti Bijoċidali (R4BP 3)), inkluża assistenza bil-preżentazzjoni tad-dejta. Is-servizzi tal-Uffiċċju tal-Informazzjoni tal-ECHA iħaddnu wkoll sessjonijiet ta' mistoqsijiet u tweġibiet matul webinars, sessjonijiet wiċċ imb’wiċċ f’workshops u fil-Jum tal-Partijiet Interessati tal-ECHA organizzat kull sena, kif ukoll taħriġ dwar l-għodod xjentifiċi tal-IT.

In-netwerk ta’ uffiċċji nazzjonali tal-informazzjoni REACH, CLP u BPR (HelpNet) jimmira li jrawwem għarfien komuni dwar l-obbligi REACH u CLP (u BPR) fost uffiċċji nazzjonali tal-informazzjoni biex b’hekk jiġu armonizzati t-tweġibiet tagħhom għal mistoqsijiet mill-industrija. Permezz ta’ HelpNet, l-uffiċċji nazzjonali tal-informazzjoni jiżviluppaw aktar l-għarfien tagħhom li hu meħtieġ ikun l-ewwel punt ta’ kuntatt għall-kumpaniji. L-ECHA timmaniġġa l-HelpNet, tippresjedi l-Grupp ta’ Tmexxija tiegħu, tipprovdi uffiċċji nazzjonali tal-informazzjoni bil-Pjattaforma ta’ Skambju tal-Uffiċċju tal-Informazzjoni (HelpEx) u tiffaċilità ftehim dwar mistoqsijiet frekwenti (FAQs) REACH, CLP u BPR li għandhom jiġu ppubblikati fuqil-websajt tal-ECHA.

Ir-regolamenti REACH, CLP, tal-Bijoċidi u PIC kollha jeħtieġu li l-ECHA tipprovdi gwida u għodod tekniċi u xjentifiċi għall-industrija, għall-MSCAs u għall-benefiċċju ta’ partijiet interessati oħra.

### 1. Punti prinċipali tas-sena

***L-Uffiċċju tal-Informazzjoni tal-ECHA u HelpNet***

Fl-2014, mistoqsijiet dwar il-BPR ser ikomplu jkunu ġodda għall-Uffiċċju tal-Informazzjoni ECHA kif ukoll għall-uffiċċji nazzjonali tal-informazzjoni dwar il-bijoċidi. Dan ser jippreżenta sfidi għas-servizzi, li mill-bqija huma stabbiliti tajjeb, kemm tal-ECHA kif ukoll tal-Istati Membri. Il-preparazzjonijiet tal-industrija għall-iskadenza ta’ reġistrazzjoni REACH tal-2018 ser tmexxi s-sostenn tal-ECHA fl-2014, b’enfasi partikolari fuq l-adattament tas-servizzi u l-għodod ta’ sostenn għall-ħtiġiet ta’ kumpaniji b’inqas esperjenza b’kont meħud tal-input ottenut minn partijiet interessati, inklużi rappreżentanti tal-SMEs (ara l-Attività 1). Dan ser jinvolvi b’mod partikolari lill-Uffiċċji nazzjonali tal-informazzjoni REACH bħala l-ewwel punt ta’ kuntatt għal reġistranti żgħar u ta’ daqs medju. L-Uffiċċju tal-Informazzjoni tal-ECHA ser ikun ukoll ta’ sostenn għall-atturi kollha fil-katina tal-provvista, u jgħin b’mod partikolari lill-utenti downstream biex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom b’enfasi fuq xenarji tal-espożizzjoni. Dan is-sostenn ser jara probabbilment diversi SMEs fost il-klijenti rispettivi tal-ECHA.

Fl-2014, l-Uffiċċju tal-Informazzjoni tal-ECHA ser jindirizza ħtiġiet ta’ sostenn li jirriżultaw mill-ewwel applikazzjonijiet tal-awtorizzazzjoni fl-2013 u fl-2014, u jikkunsidra wkoll l-użu ta’ REACH-IT biex jittellgħu l-applikazzjonijiet. L-utenti downstream ser ikunu jeħtieġu wkoll parir dwar l-awtorizzazzjoni minħabba li huma wkoll jistgħu ikunu jeħtieġu li japplikaw għal awtorizzazzjoni. L-uffiċċju tal-Informazzjoni tal-ECHA ser jieħu sehem fil-preparazzjonijiet għall-iskadenza ta’ Ġunju 2015 għall-klassifikazzjoni u l-ittikkettar ta’ taħlitiet, kif ukoll fl-isforzi biex l-industrija tiġi nkoraġġita tagħmel użu ottimali mill-inventarju u mill-pjattaforma C&L biex taqbel dwar il-klassifikazzjonijiet.

***Gwida***

L-iskadenza tar-reġistrazzjoni REACH li jmiss (l-1 ta' Ġunju 2018) tikkonċerna sustanzi f'firxa ta' tunnellaġġ sa 100 darba iktar baxxa mill-iskadenza tar-reġistrazzjoni tal-2013 (jiġifieri tunnellata metrika waħda sa 100 tunnellata metrika, minflok 100 sa 1000 tunnellata metrika). Għaldaqstant, ir-reġistranti għall-2018 ser ikunu probabbilment jinkludu proporzjon iktar għoli ta' kumpaniji b'inqas esperjenza kif ukoll ta' kumpaniji iżgħar milli għall-iskadenza tal-2013. Minħabba li dan il-grupp ser ikun immirat tul il-perjodu sħiħ mill-2014 sal-2017, fl-2014 l-ECHA ser iżżid l-għadd ta' dokumenti ta' spjegazzjoni iktar sempliċi li jikkumplimentaw il-gwida, bħal dokumenti ta' Gwida fil-Qosor u Gwidi Prattiċi. L-ECHA għandha l-ħsieb li tkompli ssostni lil SMEs billi tipprovdi traduzzjonijiet ta' dokumenti xierqa mill-Ingliż għal 22 lingwa uffiċjali ulterjuri tal-UE.

Wara l-iskadenza tar-reġistrazzjoni tal-2013, il-fornituri tas-sustanzi kimiċi huma obbligati jtejbu l-iskedi ta' dejta ta' sigurtà li huma jipprovdu lill-klijenti tagħhom. Dan ser iżid ħafna t-titjib tal-istruzzjonijiet ta' sigurtà tul il-ktajjen ta' provvista fl-industrija kollha ta' manifattura fl-Ewropa. Li l-Gwida għal utenti downstream u l-Gwida dwar il-kompilazzjoni tal-iskedi ta' dejta ta' sigurtà jkunu aġġornati u magħmula disponibbli fil-lingwi kollha tal-UE huwa element ċentrali speċifiku, identifikat għall-2014 u l-2015, rispettivament. Aġġornament ulterjuri tal-Gwida dwar il-preparazzjoni ta' dossiers għal klassifikazzjoni u ttikkettar armonizzati ("gwida CLH") ser jindirizza l-punt kruċjali tal-2014 ta' "kampanja ulterjuri biex tiżdied kuxjenza u biex tiġi infurzata l-armonizzazzjoni ta' klassifikazzjonijiet awtonomi" (u fl-2015 it-"Tnaqqis tal-medja taż-żmien tal-ipproċessar ta' proposta C&L b' 20%") billi tikkjarifika l-istennijiet tal-EHCA u tal-awtoritajiet kompetenti f'dan ir-rigward. Il-preparazzjoni u l-finalizzazzjoni ta' dawn il-kompiti ser jikkaratterizzaw il-ħidma rispettiva tal-ECHA fl-2014.

Gwida eżistenti dwar ir-regolamenti REACH u CLP ser tkompli tiġi aġġornata biex tinżamm allinejata mal-iżviluppi ġodda dwar nanomaterjali u l-adattamenti possibbli għall-progress tekniku jew aġġornamenti rilevanti oħra f'metodoloġija disponibbli. Ser tingħata attenzjoni partikolari lil din l-attività fejn l-informazzjoni ġdida disponibbli tirriżulta potenzjalment fi ħtieġa mnaqqsa għal ittestjar fuq l-annimali u/jew tnaqqis fl-għadd ta' annimali meħtieġa għal testijiet.

Wara li tkun iffinalizzat l-ewwel sett ta' dokumenti ta' gwida għal bijoċidi malajr wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali fl-1 ta' Settembru 2013, l-ECHA għandha l-iskop li tespandi l-gwida disponibbli dwar ir-Regolament tal-Prodotti Bijoċidali biex tinkludi aktar żvilupp f'aspetti proċedurali u xjentifiċi fl-2014. Id-dħul fis-seħħ tal-formulazzjoni mill-ġdid tar-Regolament PIC (Kunsens Infurmat minn Qabel) huwa skedat għall-1 ta' Marzu 2014. Bħala parti mir-responsabbiltajiet ġodda tagħha, l-ECHA għandha l-ħsieb li tipprovdi gwida ta' sostenn matul l-2014.

Barraminnhekk, l-ECHA ser tkompli ttejjeb l-aċċessibbiltà ta' gwidi għall-partijiet kollha interessati billi tipproduċi u żżomm dokumentazzjoni u paġni web ta' sostenn (pari ta' mistoqsijiet u tweġibiet, dokumenti simplifikati ta' "Gwida fil-qosor", paġni web għal proċessi speċifiċi REACH u CLP, l-għodda tan-Navigatur REACH, u d-dejtabejż ta' terminoloġija REACH (ECHA-term) fi 23 lingwa tal-UE.

## 2. Miri u indikaturi

Miri

1. L-industrija (dawk fid-dmir) tirċievi sostenn f'waqtu u effiċjenti mill-Uffiċċju tal-Informazzjoni tal-ECHA, u permezz ta' dokumenti ta' gwida ta' kwalità għolja, biex tissodisfa l-obbligi tagħha taħt REACH, CLP, BPR u PIC.

Indikaturi u miri ta' prestazzjoni

| Indikatur | Mira fl-2014 | Mezzi u frekwenza tal-verifika |
|---|---|---|
| Perċentwal ta' mistoqsijiet tal-Uffiċċju tal-Informazzjoni tal-ECHA mogħtija tweġiba fil-qafas ta' żmien stabbilit (15-il jum utli). | 90 % (REACH/CLP) 70% (BPR) | Rapport dwar l-Oġġett Kummerċjali kull xahar |
| Livell ta' sodisfazzjon tal-utenti bil-kwalità tas-servizzi tal-Uffiċċju tal-Informazzjoni tal-ECHA. | Għolja | Inkjesti għall-klijent |
| Livell ta' soddisfazzjon espress f'feedback mill-utenti ta' gwida. | Għolja | Inkjesta għall-klijent kull sena |

## 3. Riżultati Prinċipali

L-Uffiċċju tal-Informazzjoni tal-ECHA

- Tweġibiet għall-mistoqsijiet kollha riċevuti (Formola ta' kuntatt tal-Uffiċċju tal-Informazzjoni tal-ECHA, sessjonijiet wiċċ imb'wiċċ u sessjonijiet webinar Q&A).
- Għall-inqas laqgħa waħda tal-Grupp ta' Tmexxija HelpNet, tliet aġġornamenti ta' FAQs (wieħed kull wieħed għal REACH, CLP u BPR), avvenimenti ta' taħriġ għal uffiċċji nazzjonali tal-informazzjoni REACH, CLP u BPR (b'diversi mezzi).

Gwida

- Il-finalizzazzjoni ta' attivitajiet ta' gwida mibdija fl-2013 (l-aġġornamenti kollha sakemm ma jiġux indikati bħala "ġodda")
    - o Gwida dwar il-preparazzjoni ta' dossiers CLH (speċifikazzjonijiet għal dawk li jippreżentaw dossiers lill-industrija);
    - o Gwida dwar PIC (ġdida);
    - o Gwida dwar PPORD (biex tkopri wkoll l-integrazzjoni ta' REACH f' R&D u proċessi ta' innovazzjoni);
    - o Gwida dwar rekwiżiti għal kondizzjonijiet tal-użu simili għal awtorizzazzjonijiet mill-Unjoni ta' prodotti bijoċidali.

- Proġetti ta' gwida li għandhom jinbdew u li għandhom jipprovdu abbozzi ta' dokumenti ta' konsultazzjoni matul l-2014 (l-aġġornamenti kollha, sakemm mhux indikati bħala "ġodda"):
    - o Gwida dwar ir-rekwiżiti tal-informazzjoni u valutazzjoni dwar is-sigurtà kimika Kapitolu R.6: Relazzjonijiet Struttura-Attività (Kwantitattiva) (QSARs) u r-raggruppament ta' sustanzi kimiċi;
    - o Gwida dwar ir-Rekwiżiti tal-Informazzjoni u l-valutazzjoni dwar is-Sigurtà Kimika skont l-eżistu mill-istudju tal-ambiti mibdi fl-2013;
    - o Gwida dwar l-identifikazzjoni tas-sustanzi;
    - o Gwida dwar bijoċidi għal sustanzi attivi u prodotti bijoċidali (ġdida);
        - o Parti B Stima;
        - o Parti C Valutazzjoni;
        - o Gwida dwar it-tossiċità tat-taħlitiet.

## 1.8. Għodod xjentifiċi tal-IT (Attività 6)

L-ECHA tiżviluppa, żżomm u ssostni sistemi u għodod tal-IT li jippermettu lill-Aġenzija u lill-partijiet interessati tagħha biex jissodisfaw l-obbligi regolatorji tagħhom taħt ir-regolamenti rilevanti b'mod effiċjenti u effettiv.

### 1. Punti prinċipali tas-sena

Verżoni maġġuri ġdida, teknikament riveduta ta' IUCLID ser tiġi żviluppata matul l-2014. L-iżvilupp ser jiġi finalizzat fl-2014 u ttestjat intensivament mal-persunal intern u l-partijiet interessati esterni tal-ECHA matul is-sena. Meta IUCLID 6 jiġi rilaxxat lill-pubbliku kmieni fl-2015, ser ikun tejjeb is-sostenn għall-ħtiġiet ta' tipi u daqsijiet differenti ta' organizzazzjonijiet, tejjeb ħafna l-kapaċità li jintegra ma' applikazzjonijiet oħra, prestazzjoni ogħla, u mudell ta' sigurtà aħjar.

F'koordinazzjoni mill-qrib mal-iżvilupp IUCLID, Chesar ser jiġi żviluppat aħjar skont il-prijoritajiet stabbiliti fil-Programm ta' Żvilupp tas-CSA (ara aktar dettall fl-Attività 1).

Bħala parti mill-pjan direzzjonali għall-preparazzjoni tal-iskadenza tar-reġistrazzjoni tal-2018 (ara l-Attività 1), jibda sforz ta' żvilupp konsiderevoli ta' REACH-IT biex tintuża l-possibbiltà li jiġu kondiviżi komponenti funzjonali u soluzzjonijiet tekniċi magħżula, inizjalment introdotti fl-applikazzjonijiet ġodda R4BP 3 u PIC. Bl-iskop li REACH-IT jiġi addattat ukoll għall-ħtiġiet differenti li jirriżultaw mill-iskadenza tal-2018, is-soluzzjonijiet tekniċi għat-titjib tal-utilità u l-multi-lingwaliżmu ta' REACH-IT ser jiġu analizzati wkoll.

Fl-2013, l-ECHA introduċiet l-applikazzjoni ta' R4BP 3 riveduta (Reġistru għal Prodotti Bijoċidali) għas-sostenn tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali. Fir-rilaxx inizjali, għadhom mhumiex sostnuti l-proċessi kollha BPR u fl-2014 l-ECHA ser tkompli tiżviluppa l-R4BP 3 biex jiġu koperti l-proċessi li jibqa', jingħataw funzjonalitajiet ġodda u mtejjba u biex jiżdied il-livell ta' awtomatizzazzjoni għal utenti tal-awtorità fuq il-bażi tal-esperjenza ottenuta bis-sistema u l-proċessi ġodda. Ser jiġi pprovdut ukoll f'waqtu taħriġ lill-utent.

Għas-sostenn tar-Regolament PIC, ser tingħata sistema ġdida matul is-sena biex in-notifikazzjonijiet kollha għall-2015 ikunu jistgħu jiġu pproċessati f'din is-sistema ġdida filwaqt li s-sistema EDEXIM preżenti tintuża biex tipproċessa notifikazzjonijiet għall-2014. Is-sistema ġdida ser tutilizza funzjonalità kondiviża u arkitettura teknika mal-applikazzjoni R4BP u meta pparagunata mas-sistema preżenti, ser tintroduċi aktar sostenn għal proċessi, komunikazzjoni aħjar u każijiet segwiti aħjar, kif ukoll aktar sigurtà.

Fuq il-bażi tar-riżultati tal-istudju ta' involviment tal-partijiet interessati u l-eżitu minn reviżjoni tal-arkitettura, l-ECHA bdiet tiżviluppa s-sistema ta' tqassim tal-ġenerazzjoni li jmiss tagħha fl-2013. Dan l-iżvilupp ser ikompli sal-2015 u t-titjib ser jiġi introdott dejjem aktar. Il-portal ta' tqassim ser jutilizza l-aċċess għad-dejta u l-funzjonalità żviluppata taħt l-inizjattiva tal-integrazzjoni tad-dejta u d-daxxbord tal-portal.

L-inizjattiva tal-integrazzjoni tad-dejta ser tagħti r-riżultati finali tal-fażi ta' implimentazzjoni li bdiet fl-2013. Il-pjattaforma l-ġdida ser tipprovdi mezzi armonizzati, integrati, konsistenti u teknikament simplifikati biex tivvaluta dejta fid-dejtabejżis tal-ECHA – ukoll tul regolamenti differenti – u ssostni l-ħtiġiet ta' diversi applikazzjonijiet oħra bħad-daxxbord tal-portal, it-tqassim, ir-rappurtaġġ u l-iskrining.

Id-daxxbord tal-portal huwa żviluppat aħjar fuq il-bażi tal-esperjenza ottenuta mill-

ewwel verżjoni rilaxxata fl-2013 biex jiġi pprovdut aċċess għall-MSCAs għall-informazzjoni kollha rilevanti dwar is-sustanzi fl-ECHA u għas-sostenn tal-attivitajiet tagħhom taħt ir-Regolament REACH.

L-ECHA ser issegwi l-implimentazzjoni tal-Programm ta’ Ġestjoni tal-Kontenut tal-Intrapriża (ECM) biex issostni l-proċessi regolatorji u amministrattivi bi flussi ta’ ħidma tal-IT u sistema ta’ ġestjoni tad-dokumenti. Fuq il-bażi tal-esperjenza ottenuta bl-użu ta’ ECM_DEP (flussi ta’ ħidma dwar il-Valutazzjoni tad-Dossiers), l-applikazzjoni ser titjieb billi toffri integrazzjoni aħjar ma’ sistemi oħra tal-IT. Fl-2013, l-ECHA bdiet proġett ġdid magħruf bħala Każ Dinamiku biex testendi s-soluzzjonijiet ECM imsemmija fuq għall-proċessi REACH u CLP. L-użu tal-Każ Dinamiku f’dawn il-proċessi ser iseħħ fl-2014 u ser t-ttitjib ser jiġi ntrodott dejjem aktar.

L-ECHA ser tkompli ttejjeb u tevolvi s-sistema ta' sostenn tad-deċiżjonijiet Odyssey biex ittejjeb aħjar il-prestazzjoni u l-effiċjenza tal-valutazzjoni tad-dossiers u l-valutazzjoni ta’ dossiers b’domandi. Il-punt fokali fl-2014 ser ikun fuq l-integrazzjoni tal-Odyssey ma’ sistemi oħra tal-IT tal-ECHA. Titjib addizzjonali tal-applikazzjoni 2014 ser jinvolvi s-sostenn tal-Identità tas-Sustanza għall-proċess PPORD u titjib ulterjuri tal-mudell ta’ sigurtà ta’ Odyssey.

## 2. Miri u indikaturi

Miri

1. L-ECHA tipprovi għodod u servizzi relatati tal-IT speċjalizzati li jsostnu b’mod effiċjenti lill-MSCAs u lill-partijiet interessati industrijali fil-preparazzjoni u l-preżentazzjoni ta’ dossiers lill-ECHA.

2. Għodod tal-IT li jiffunzjonaw tajjeb jippermettu lill-ECHA tirċievi u tipproċessa tajjeb il-preżentazzjonijiet, twettaq valutazzjonijiet u attivitajiet ta’ stima tar-riskji kif ukoll li tqassam l-informazzjoni pubblika, skont il-leġiżlazzjoni rilevanti.

Indikaturi u miri ta’ prestazzjoni

| Indikatur | Mira fl-2014 | Mezzi u frekwenza tal-verifika |
|---|---|---|
| Livell ta’ sodisfazzjon ta’ utenti esterni bl-għodod tal-IT (IUCLID, REACH-IT, R4BP 3, CHESAR u Tqassim). | Għolja | Inkjesta kull sena |

## 3. Riżultati Prinċipali

- Il-ġenerazzjoni li jmiss IUCLID hija żviluppata u ttestjata mal-partijiet interessati biex tiġi rilaxxata lill-pubbliku fl-2015.
- Verżjonijiet ġodda ta’ R4BP 3 ser jiġu rilaxxati biex ikopru funzjonalitajiet addizzjonali u proċessi li fadal
- Tiġi żviluppata sistema biex tqassam informazzjoni dwar sustanzi bijoċidali u dwar il-prodotti, u deċiżjonijiet relatati.

- Sistema ġdida li ssostni r-Regolament PIC hija rilaxxata u hija lesta biex timmaniġġa n-notifikazzjonijiet għall-2015.
- Huwa żviluppat aktar portal tal-informazzjoni għall-MSCAs REACH.
- Żvilupp ulterjuri ta' Chesar ibbażat fuq ir-riżultati mill-istudju tal-involviment tal-partijiet interessati.
- Il-pjattaforma tal-integrazzjoni tad-dejta tagħti r-riżultati finali tagħha u taġixxi bħala punt ċentrali għal informazzjoni ewlenija dwar is-sustanzi.
- Il-Każ Dinamiku jimplimenta funzjonalitajiet komuni għas-sostenn tal-ħafna flussi ta' ħidma fl-ECHA.

## 1.9. Attivitajiet xjentifiċi u konsulenza teknika lill-Istituzzjonijiet u l-Korpi tal-UE (Attività 7)

Hija l-mira strateġija tal-ECHA li ssir ċentru għall-bini tal-għarfien xjentifiku u regolatorju tal-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u atturi oħra, u li tuża dan l-għarfien ġdid biex ittejjeb l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi.

### 1. Punti prinċipali tal-2014

L-ECHA tibda timplimenta approċċ sistematiku biex issir ċentru għall-bini tal-kapaċità xjentifika u regolatorja tal-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u atturi oħra. Din il-kapaċità hija meħtieġa biex tipprovdi sostenn b'għarfien aġġornat kemm għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni kif ukoll għall-iżvilupp ulterjuri tagħha. Biex tilħaq dan l-ECHA tkun teħtieġ li:

- tagħmel progress konsiderevoli fl-iżvilupp ta' qafas ta' ġestjoni ta' għarfien sistematiku biex tkun tista' tallineja l-kapaċità xjentifika u regolatorja tagħha skont il-ħtiġiet u l-isfidi li jevolvu;
- tintensifika l-attivitajiet regolari tagħha f'kooperazzjoni mal-imsieħba tagħha għall-bini tal-kapaċità fix-xjenza regolatorja, u tagħti attenzjoni partikolari lill-bini ta' sħubija strateġika maċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka;
- tiżviluppa l-approċċ tagħha għal interazzjoni bidirezzjonali mal-komunità xjentifika – biex tmexxi l-iżvilupp xjentifiku għall-aħjar rilevanza regolatorja, u biex titrasferixxi l-għarfien xjentifiku l-aktar riċenti lill-ħidma regolatorja.

L-ECHA ser tkompli tippromwovi l-iżvilupp u l-użu ta' metodi u approċċi alternattivi biex tevita l-ittestjar mhux neċessarju fuq l-annimali. L-ECHA ser twettaq it-tieni valutazzjoni u tfassal ir-rapport taħt l-Artikolu 117(3) ta' REACH dwar l-użu ta' metodi ta' ttestjar mhux fuq l-annimali u strateġiji ta' ttestjar biex tiġi ġġenerata informazzjoni dwar karatteristiċi intrinsiċi u għal stima tar-riskji.

L-ECHA ser tintensifika wkoll sostenn għall-iżvilupp internazzjonali ta' metodi ta' ttestjar, inklużi metodi ta' ttestjar alternattivi u strateġiji ta' ttestjar integrati, biex ittejjeb id-disponibbiltà tal-metodi l-aktar aġġornati għal reġistranti meta jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-informazzjoni fil-leġiżlazzjoni. Dan ser ikun strumentali għat-tielet skadenza ta' reġistrazzjoni fl-2018, fejn hu mistenni li l-użu ta' adattamenti mhux ta' ttestjar jew ta' ttestjar *in vitro* ser jiżdiedu. L-ECHA qiegħda tipprepara għal dan ix-xift billi tavvanza l-għarfien u l-għodod f'kooperazzjoni mal-partijiet interessati. L-ECHA tixtieq ukoll tiżgura li r-rilevanza regolatorja hija kkunsidrata sewwa u kmieni biżżejjed fil-preparazzjoni ta' linji gwida ta' ttestjar u metodi alternattivi.

L-ECHA twettaq għadd ta' attivitajiet biex tippromwovi l-użu ta' alternattivi u biex jiġi evitat ittestjar mhux neċessarju (fuq l-annimali). Flimkien mal-iżvilupp ulterjuri u l-promozzjoni tal-metodoloġija QSAR, il-punt fokali speċifiku ser jibqa' fuq il-promozzjoni ta' approċċi ta' read-across u ta' kategorija. Fil-qasam ta' metodi mhux ta' ttestjar, tingħata attenzjoni partikolari, f'kooperazzjoni mal-OECD, lill-potenzjal ta' Possibiltajiet b'Riżultati Ħżiena (AOPs), li huma sostnuti ħafna fuq bażi internazzjonali.

L-ECHA ser tkompli l-isforzi tagħha biex tidentifika b'mod effiċjenti sustanzi simili għal PBT u dawk li jħarbtu l-endokrina taħt REACH, CLP, u l-BPR, bl-għajnuna tal-grupp espert PBT u l-grupp espert ta' konsulenza dwar sustanzi li jħarbtu l-endokrina. Tingħata wkoll attenzjoni lill-konsistenza ta' valutazzjonijiet bejn dawn ir-regolamenti u lill-kriterji previsti mill-Kummissjoni għall-identifikazzjoni ta' sustanzi li jħarbtu l-endokrina.

L-ECHA ser tkompli tindirizza sustanzi fin-nanoforma fl-ambitu ta' REACH, CLP, u l-BPR

bl-għajnuna tal-grupp ta' ħidma dwar in-nanomaterjali. Ser tappoġġa aktar lill-proċessi regolatorji billi twettaq valutazzjonijiet esperti ta' identifikazzjoni, karatterizzazzjoni, perikoli, espożizzjoni u riskji li jinkludu l-immaniġġjar tar-riskji u miżuri ta' mitigazzjoni relatati għal sustanzi fin-nanoforma. Fl-istess ħin, l-ECHA ser tkompli tipprovdi gwida u konsulenza lil reġistranti. L-ECHA tistenna lill-Kummissjoni tipproċedi bil-modifikazzjoni tal-annessi REACH fir-rigward ta' sustanzi fin-nanoforma u ser tkompli tikkontribwixxi għal dan il-proċess. L-ECHA tippjana li taġġorna l-gwida u l-manwali IT tagħha. Barraminnhekk, l-ECHA ser titgħallem mill-ewwel kontrolli ta' konformità u valutazzjonijiet tas-sustanzi fuq nanoformi f'reġistrazzjonijiet. Ukoll, l-ECHA ser tistimola aktar id-diskussjoni ġenerali dwar is-sigurtà tan-nanomaterjali billi taġixxi bħala faċilitatur fost l-awtoritajiet regolatorji fl-UE u tikkontribwixxi għal attivitajiet internazzjonali bl-iskop li tarmonizza l-ittestjar, il-metodi ta' valutazzjoni u l-istrateġiji ta' ttestjar.

L-ECHA ser tipprovdi kapaċità xjentifika u regolatorja lill-Kummissjoni fl-iżvilupp ulterjuri tagħha ta' REACH u leġiżlazzjonijiet oħra dwar is-sustanzi kimiċi, b'mod partikolari bħala segwitu għar-reviżjoni ta' REACH tal-2012. Dan hu mistenni li jkopri, jiġifieri kontribuzzjonijiet biex tiġi determinata s-similarità tas-sustanzi, possibilment permezz tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni, ir-reviżjoni tar-rekwiżiti tar-reġistrazzjoni għal sustanzi b'tunnellaġġ baxx u r-reviżjoni tal-ħtieġa li jiġu rreġistrati ċerti tipi ta' polimeri.

## 2. Miri u indikaturi

Miri

1. L-ECHA tagħti fuq talba konsulenza ta' kwalità xjentifika u teknika għolja dwar is-sigurtà tas-sustanzi kimiċi, inklużi nanomaterjali u sustanzi li jħarbtu l-endokrina, sustanzi simili għal PBT, tossiċità tat-taħlitiet, stima tal-espożizzjoni, metodi ta' ttestjar u l-użu ta' metodi alternattivi.
2. L-ECHA kapaċi tħaddan żviluppi xjentifiċi u ħtiġiet emerġenti għax-xjenza regolatorja

Indikaturi u miri ta' prestazzjoni

| Indikatur | Mira fl-2014 | Mezzi u frekwenza tal-verifika |
|---|---|---|
| Livell ta' sodisfazzjon bil-kwalità tas-sostenn xjentifiku, tekniku u amministrattiv ipprovdut lill-Kummissjoni u lill-MSCAs. | Għolja | Inkjesta kull sena |

## 3. Riżultati prinċpali

- Jiġi żviluppat qafas ta' ġestjoni tal-għarfien biex isostni l-iżvilupp sistematiku u kontinwu tal-kapaċità xjentifika u regolatorja tal-ECHA.
- Sa żewġ workshops xjentifiċi u topiċi.
- It-tieni rapport tal-ECHA taħt l-Artikolu 117(3) huwa ppubblikat sal-1 ta' Ġunju 2014.
- Pjan aġġornat ta' ħidma ta' sentejn, tal-ECHA, dwar nanomaterjali.

- Żewġ laqgħat tal-grupp ta' ħidma tal-ECHA dwar in-nanomaterjali.
- Parteċipazzjoni u/jew kontribuzzjoni għal proġetti ta' riċerka internazzjonali fil-qasam tal-karatterizzazzjoni, il-perikolu, l-espożizzjoni u r-riskju ta' nanomaterjali.
- Kontribuzzjonijiet ipprovduti għall-iżvilupp ta' linji gwida ta' ttestjar OECD u strateġiji ta' ttestjar speċjalment fl-oqsma ta' irritazzjoni/korrożjoni tal-ġilda u tal-għajnejn, is-sensitizzazzjoni tal-ġilda, il-ġenotossiċità, sustanzi li jħarbtu l-endokrina, tossiċità riproduttiva u ekotossiċità akkwatika u terrestri.
- Laqgħa ta' segwitu biex isir aġġornament tal-iżvilupp ta' "sostituzzjoni kompleta" ta' strateġija ta' ttestjar *in vitro* għal sensitizzazzjoni tal-ġilda, tal-OECD, bl-iskop li tiġi aġġornata l-Gwida.
- L-infurmar lir-reġistranti tal-linji gwida ġodda ta' ttestjar u l-promozzjoni tal-użu tagħhom f'li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-informazzjoni taħt REACH.
- Imkabbra l-gallerija ta' eżempji illustrattivi għall-użu ta' read-across u kategorija.
- Kontribuzzjonijiet għas-segwitu tar-reviżjoni tal-Kummissjoni ta' REACH u tat-tieni reviżjoni regolatorja dwar in-nanomaterjali.
- Kontribuzzjonijiet għal inizjattivi kontinwi tal-Kummissjoni fir-rigward ta' sustanzi li jħarbtu l-endokrina u effetti ta' kombinazzjoni.
- Aġġornati permezz tal-OECD kontribuzzjonijiet għal gwida ġdida dwar il-kategoriji.
- Possibità b'Riżultati Ħżiena: kontribuzzjonijiet permezz tal-OECD u WHO u implimentazzjoni permezz tal-Kaxxa tal-għodda tal-OECD.
- Metodi alternattivi: il-finalizzazzjoni ta' eżempji ta' approċċi alternattivi li jużaw il-Kaxxa tal-għodda QSAR.

# 2. Korpi tal-ECHA u Attivitajiet għal Tnaqqis

## 2.1. Kumitati u Forum (Attività 8)

Il-Kumitati – il-Kumitat tal-Istati Membri (MSC), il-Kumitat għall-Istima tar-Riskji (RAC) u l-Kumitat għall-Analiżi Soċjo-Ekonomika (SEAC) – huma parti integrali tal-ECHA u jiżvolġu rwol essenzjali partikolarment f'li jipprovdu konsulenza xjentifika u teknika (jiġifieri ftehim u opinjonijiet) bħala bażi għat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni u tal-ECHA. Il-Forum għall-Iskambju tal-Informazzjoni dwar l-Infurzar jipprovdi netwerk ta' awtoritajiet tal-Istati Membri responsabbli għall-infurzar tar-regolamenti REACH u CLP, bl-iskop li jiġi armonizzat l-approċċ tagħhom għall-infurzar.

### 1. Punti prinċipali tas-sena

In ġenerali, l-isfida prinċipali fl-2014 hija li jkomplu jiġu pprovduti opinjonijiet u ftehim xjentifiku bħala bażi għall-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-ECHA u tal-Kummissjoni. B'mod partikolari, il-Kumitati u s-Segretarjat tagħhom ser ikollhom jimmaniġġaw tagħbija tax-xogħol qawwija filwaqt li jirrispettaw il-linji ta' żmien legali stretti; iżommu l-kwalità għolja tal-konsulenza xjentifika u teknika pprovduta; jiżguraw li l-opinjonijiet u għajnuniet oħra jiffukaw fuq elementi rilevanti fil-kuntest regolatorju; iżommu komunikazzjoni attiva bejn il-membri u s-Segretarjat, u mal-MSCAs; jipprovdu livell għoli ta' trasparenza, filwaqt li fl-istess ħin, jirrispettaw ir-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità; u jimmaniġġaw b'mod effettiv il-kunflitti potenzjali ta' interessi fil-Kumitati. Minħabba t-tagħbija ta' ħidma dejjem tiżdied, li wieħed ikun membru attiv tal-Kumitati tal-ECHA jeħtieġ li jieħu fuqu r-rwol ta' rapportatur fuq bażi regolari. Biex iżid l-għadd ta' rapportaturi attivi, is-Segretarjat ser ikompli jitlob lill-awtoritajiet kompetenti biex jimpenjaw ruħhom li jiżguraw li l-membri nominati/maħtura tagħhom ikunu jistgħu jaġixxu regolarment bħala rapportatur, u li jipprovdulhom sostenn adegwat. Is-Segretarjat ser ikompli bil-monitoraġġ tal-involviment tal-membri fil-ħidma tal-Kumitati.

#### *Kumitat tal-Istati Membri (MSC)*

Il-proċessi kollha tal-MSC (jiġifieri l-identifikazzjoni tal-SVHC, l-opinjoni dwar l-abbozz tar-rakkmandazzjoni tal-ECHA għall-Anness XIV. il-valutazzjoni tad-dossiers, il-valutazzjoni tas-sustanzi) qegħdin joperaw taħt volum għoli fl-2014. L-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali SVHC 2020 hu mistenni jirriżulta f'numru ogħla ta' proposti SVHC.

L-Istati Membri huma mistennija jipproponu emendi għal proporzjon sinifikanti kemm ta' kontrolli ta' konformità kompleti kif ukoll immirati filwaqt li proporzjon definittivament iktar baxx tad-deċiżjonijiet ta' abbozz dwar kontrolli ta' konformità mmexxija mill-kunċett ta' "oqsma ta' tħassib" huma mistennija jistigaw l-involviment tal-MSC. Il-proposti ta' ttestjar huma indirizzati fuq bażi aktar rutina iżda bi frekwenza aktar baxxa. Hu mistenni li l-MSC jkunu jistgħu, wara sentejn b'sitwazzjoni wieqfa, jilħqu wkoll ftehim dwar l-ittestjar ta' tossiċità riproduttiva wara l-adattament previst tar-rekwiżiti tal-informazzjoni pertinenti,REACH, mill-Kummissjoni Ewropea.

L-MSC ser ikompli jitratta l-kompiti tiegħu li jirrelataw għall-valutazzjoni tas-sustanzi billi jagħti l-opinjoni tiegħu dwar it-tieni aġġornament għall-pjan ta' azzjoni rikorrenti Komunitarju (CoRAP) fl-aħħar ta' Frar 2014 u billi, meta neċessarju, jfittex ftehim dwar id-deċiżjonijiet ta' abbozz billi jitlob aktar informazzjoni għal sustanzi mill-ewwel u mit-tieni lista CoRAP. Id-deċiżonijiet ta' abbozz dwar il-valutazzjoni tas-sustanzi ser isiru

iktar kumplessi meta sustanzi [6] u gruppi ta' sustanzi jiġu indirizzati, li ser iwassal biex każijiet ta' sfida jiġu riferiti lill-MSC.

### *Kumitat għall-Istima tar-Riskji (RAC) u l-Kumitat għal Analiżi Soċjo-Ekonomika (SEAC)*

Il-Kumitati ser jitrattaw numru dejjem jiżdied ta' applikazzjonijiet ta' awtorizzazzjoni filwaqt li l-għadd ta' CLH u proposti ta' restrizzjoni mistenni jibqa' fl-istess livel bħal fl-2013. B'konsegwenza, jkun meħtieġ sostenn dejjem jiżdied ipprovdut mis-Segretarjat lir-rapportaturi. Ser isiru sforzi kontinwi biex jiġu żgurati interazzjoni u kooperazzjoni tajba bejn RAC u SEAC fir-rigward tal-iżvilupp tal-opinjonijiet dwar proposti ta' restrizzjoni u applikazzjonijiet ta' awtorizzazzjoni. Huwa wkoll importanti li jiġi kkunsidrat kif l-aħjar jitqiesu l-pariri tal-Forum abbord, partikolarment fil-fażijiet finali tal-iżvilupp u l-adozzjoni tal-opinjoni.

Il-Kumitati ser ikomplu l-kooperazzjoni ma' Kumitati Xjentifiċi Oħra tal-UE dwar l-Istima tar-Riskji (SCOEL, SCCS, SCHER u SCHENIHR) u l-Kumitat Xjentifiku tal-EFSA u panils biex jiġu evitati u solvuti malajr diverġenzi potenzjali fl-opinjoni.

### *Kumitat dwar il-Prodotti Bijoċidali (BPC)*

L-isfida prinċipali għall-BPC fl-2014 ser tkun li jiġi żgurat żvilupp tal-opinjoni effiċjenti ħafna għas-sustanzi bijoċdali attivi taħt il-programm ta' reviżjoni li hu mistenni jaċċelera konsiderevolment meta l-ECHA tieħdu f'idejha mill-Kummissjoni Ewropea. Fl-istess ħin, il-Kumitat ser ikun jeħtieġ li jipprepara l-bażi biex jitratta l-ewwel applikazzjonijiet għal Awtorizzazzjoni tal-Unjoni u biex jistabbilixxi l-proċeduri biex jitratta sustanzi attivi li huma kandidati għal sostituzzjoni. Minħabba t-tagħbiija tax-xogħol għolja mistennija fis-snin fil-ġejjieni, is-Segretarjat ser ikompli jsostni lill-BPC billi jistabbilixxi u jmexxi proċeduri simplifikati ħafna kemm għal-laqgħat plenarji kif ukoll għall-gruppi ta' ħidma. Dan ser ikun jinkludi wkoll il-ħolqien ta' rutini għall-parteċipazzjoni xierqa ta' osservaturi tal-partijiet interessati u ta' applikanti fil-proċessi.

### *Forum għall-Iskambju ta' Informazzjoni dwar l-Infurzar*

Il-Forum għall-Iskambju ta' Informazzjoni dwar l-Infurzar jikkoordina netwerk ta' awtoritajiet tal-Istati Membri responsabbli għall-infurzar tar-regolamenti REACH, CLP u PIC, bl-iskop li jarmonizza l-approċċ tagħhom għall-infurzar. Is-Segretarjat tal-Forum tal-ECHA għandu rwol katalitiku fis-sostenn tal-Forum fil-koordinazzjoni tal-attivitajiet tal-infurzar.

Sal-2014, ammont dejjem jiżdied ta' interkonnessjonijiet bejn l-ECHA, l-MSCAs u l-NEAs (awtoritajiet tal-infurzar nazzjonali) ser ikun operazzjonali u b'hekk dan ser itejjeb l-infurzar ta-deċiżjonijiet tal-ECHA. Is-Segretarjat tal-Forum tal-ECHA ser ikompli jipprovdi sostenn tekniku, xjentifiku u amministrattiv lill-Forum fl-organizzazzjoni tal-laqgħat tiegħu tal-Grupp ta' Ħidma, fil-workshop tal-partijiet interessati annwali tiegħu u fil-laqgħat plenarji tiegħu.

Fl-2014, il-Forum ser jipprovdi avvenimenti ta' taħriġ għal dawk li jinfurzaw. Il-komunikazzjoni bejn l-ECHA u l-NEAs dwar każijiet konkreti ta' infurzar permezz ta' punti fokali dedikati ser tikkontribwixxi għall-istrateġija tal-ECHA. Il-punt fokali tal-ECHA fis-Segretarjat tal-Forum jibgħat informazzjoni, inklużi traduzzjonijiet ta' deċiżjonijiet fuq talba, bejn l-Aġenzija u l-punti fokali NEA biex jopera d-deċiżjonijiet tal-ECHA u jiżgura l-fluss tal-informazzjoni bejn atturi kif identifikat fl-inventarju tal-Interkonnessjonijiet, u b'hekk juża l-Portal tal-Informazzjoni REACH għall-Infurzar (RIPE) għal komunikazzjoni

---

[6] Sustanzi ta' kompożizzjoni mhux magħrufa jew varjabbli, prodotti ta' reazzjoni kumplessa jew materjali bijoloġiċi.

sigura. L-ECHA ser tiġbor rapporti regolari ta' status mill-MSCAs u l-NEAs fir-rigward tal-infurzar tagħhom ta' deċiżjonijiet tal-ECHA ipprovduti permezz tal-punt fokali tal-ECHA.

L-ECHA ser tkompli tiżviluppa u ttejjeb lil RIPE biex jaddatta għall-ħtiġiet dejjem jevolvu tal-ispetturi. RIPE ser jibqa' soluzzjoni interim għal sistema ta' skambju ta' informazzjoni elettronika (EIES) li fl-aħħar mill-aħħar tipprovdi komunikazzjoni sigura bejn l-awtoritajiet tal-infurzar fl-Istati Membri differenti. Sal-2014, il-Forum ikun ħa d-deċiżjoni dwar jekk jaddottax is-sistema ICSMS fil-proprjetà tal-Kummissjoni bħala s-sistema EIES permanenti u jaddattaha għall-ispetturi REACH u CLP.

Fl-2014, il-Forum ser jiffinalizza t-tielet proġett koordinat ta' infurzar REACH tiegħu – REF-3 – dwar obbligi tar-reġistrazzjoni, il-verifika tar-reġistrazzjonijiet minn rappreżentanti uniċi, u l-kooperazzjoni mal-awtoritajiet doganali.

Ser jiġi stabbilit Forum ta' grupp ta' ħidma permanenti ġdid dwar il-prijoritizzazzjoni ta' proġetti ta' infurzar armonizzati biex jiżgura ċiklu regolari ta' proġetti-REF. Billi juża metodoloġija armonizzata biex jagħżel, jipprijoritizza, imexxi u jivvaluta proġetti koordinati tal-Forum, il-Forum ser jaqbel dwar ir-raba' proġett tal-Forum fl-2014.

Soġġett għal fondi permezz tal-Kummissjoni jew baġits nazzjonali, iż-żjajjar ta' studju kif ukoll l-attendenza ta' programmi ta' taħriġ tal-Istati Membri għal ispetturi ser jitkompla, biex tiġi kondiviża l-aħjar prattika. Il-kooperazzjoni bejn l-ECHA u l-NEAs ser titjieb permezz ta' matriċi komuni ta' infurzar u workshops speċifiċi immirati.

Il-Forum ser ikompli jippromwovi infurzar armonizzat permezz tal-espansjoni kontinwa tal-Manwal ta' Konklużjonijiet tiegħu. Jiġbor fil-qosor il-konklużjonijiet tal-Forum dwar każijiet prattiċi ta' infurzar u jagħmilhom disponibbli għall-ispetturi kollha.

Il-Forum ser ikompli jipprovdi konsulenza dwar l-infurzabbiltà ta' restrizzjonijiet proposti fuq is-sustanzi. Dan jeħtieġ koordinazzjoni tajba meta jiġu trattati proposti ta' restrizzjoni, b'kont meħud tad-djalogi mal-membri tal-Kumitat u l-mistoqsijiet u l-opinjonijiet ta' RAC u SEAC. Barraminnhekk, il-Forum jiġi mitlub jibda bl-implimentazzjoni tal-proġett pilota dwar l-awtorizzazzjoni li bdew il-preparazzjonijiet għalih fl-aħħar tal-2013.

Il-Forum ser ikompli jikkoordina mal-partijiet interessati akkreditati billi jistedinhom għal-laqgħat plenarji miftuħa tal-Forum darba kull sena. Barraminnhekk, il-Forum ser jipproponi l-eżekuzzjoni tal-proġett ta' infurzar armonizzat li jmiss lill-Istati Membri fuq il-bażi ta' proposti ppreżentati mill-membri tal-Forum, mill-ECHA, mill-Kummissjoni u minn organizzazzjonijiet tal-partijiet interessati.

Il-Forum kif ukoll is-Segretarjat tal-Forum ser ikunu rappreżentati fil-kumitat ta' tmexxija li jirrigwarda l-istudju tal-Kummissjoni "L-iżvilupp ta' indikaturi tal-infurzar għal REACH u CLP", biex ir-riżultat tiegħu jindirizza kif dovut il-ħtiġiet tal-Aġenzija.

Fl-aħħar, il-Forum ser jindirizza wkoll kwalunkwe ħtieġa li tirriżulta għall-koordinazzjoni ta' netwerk tal-awtoritajiet tal-Istati Membri responsabbli għall-infurzar tar-Regolament PIC.

## 2. Miri u Indikaturi

<u>Miri</u>

1. Is-Segretarjat ser isostni u jiffaċilita x-xogħol tal-Kumitati b'effiċjenza u effettività biex il-Kumitati jkunu jistgħu:
    - jirrispettaw il-linji ta' żmien mogħtija fil-leġiżlazzjoni, u

- jagħtu konsulenza xjentifika u teknika ta' kwalità għolja, opinjonijiet u ftehim li jsostnu t-teħid regolatorju tad-deċiżjonijiet b'mod trasparenti filwaqt li tiġi żgurata l-kunfidenzjalità neċessarja.

2. Is-Segretarjat ser isostni u jiffaċilita l-ħidma tal-Forum b'mod effiċjenti u effettiv biex ikun jista':
   - jsaħħaħ u jarmonizza aktar l-infurzar effettiv tar-regolamenti REACH u CLP fl-Istati Membri tal-UE/ŻEE, filwaqt li tiġi żgurata l-kunfidenzjalità neċessarja, u
   - jippromwovi infurzar armonizzat tar-regolamenti REACH, CLP u PIC.

3. Kunflitti tal-opinjoni mal-kumitati xjentifiċi ta' korpi oħra tal-UE huma pprevenuti u solvuti permezz tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni u l-koordinazzjoni ta' attivitajiet ta' interess reċiproku.

Indikaturi u miri ta' prestazzjoni

| Indikatur | Mira fl-2014 | Mezzi u frekwenza tal-verifika |
|---|---|---|
| Perċentaġġ ta' opinjonijiet/ftehim mogħti fil-qafas ta' żmien legali. | 100 % | Rapport intern kull sena |
| Perċentaġġ ta' ftehim unanimu MSC. | 80 % | Rapport intern kull sena |
| Perċentwal ta' opinjonijiet tal-Kumitat addottati b'konsensus. | 80 % | Rapport intern kull sena |
| Grad ta' opinjonijiet tal-Kumitat meqjusa fid-deċiżjoni finali tal-Kummissjoni. | Għolja | Rapport intern kull sena |
| Livell ta' soddisfazzjon tal-membri u parteċipanti oħra bil-funzjonament tal-Kumitati (eż. sostenn, inkluż it-taħriġ u l-presidenza pprovduti mill-ECHA, trasparenza ġenerali, il-pubblikazzjoni tal-eżiti tal-proċessi tal-Kumitat) u l-Forum. | Għolja | Inkjesta, kull sentejn[7] |
| Kunflitti ta' opinjonijiet li jseħħu mal-kumitati xjentifiċi ta' korpi oħra tal-UE. | F'każijiet ġustifikati tajjeb biss | Rapport intern kull sena |

## 3. Riżultati prinċipali

Kumitat tal-Istati Membri

[7] Membri u parteċipanti oħra tal-Kumitati: il-valutazzjoni tal-indikatur issir fl-2015.

- Ftehim MSC (jew opinjonijiet) dwar sa 30 proposta għall-identifikazzjoni ta' sustanzi ta' tħassib serju ħafna (SVHCs).
- Sa 300 ftehim tal-MSC dwar deċiżjonijiet ta' abbozz dwar proposti ta' ttestjar u kontrolli ta' konformità.
- Preparazzjoni ta' sa 40 ftehim dwar abbozzi ta' deċiżjonijiet dwar il-valutazzjoni tas-sustanzi.
- Opinjoni dwar ir-rakkmandazzjoni ta' abbozz tal-ECHA għall-Anness XIV.
- Opinjoni dwar it-tieni abbozz tal-aġġornament tal-CoRAP.
- Aġġornamenti għall-Manwal tad-Deċiżjonijiet.
- Sitt laqgħat plenarji MSC.

Kumitat għall-Valutazzjoni tar-Riskji

- Sa 55 opinjoni RAC dwar dossiers CLH.
- Sa tmien opinjonijiet RAC dwar proposti tar-restrizzjoni.
- Sa 20 opinjoni RAC dwar applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni.
- Jitratta talbiet mid-Direttur Eżekuttiv (Artikolu 77(3)c ta' REACH).
- Manutenzjoni tal-Manwal ta' Konklużjonijiet u Rakkmandazzjonijiet RAC.
- Erba' laqgħat plenarji RAC.

Kumitat għall-Analiżi Soċjo-Ekonomika

- Sa tmien opinjonijiet SEAC dwar proposti ta' restrizzjoni.
- Sa 20 opinjoni SEAC dwar applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni.
- Jitratta talbiet mid-Direttur Eżekuttiv (Artikolu 77(3)c ta' REACH).
- Manutenzjoni tal-Manwal ta' Konklużjonijiet u Rakkmandazzjonijiet SEAC.
- Erba' laqgħat plenarji SEAC.

Kumitat dwar il-Prodotti Bijoċidali

- Sa 50 opinjoni dwar sustanzi attivi.
- Sa 30 opinjoni dwar kwistjonijiet tekniċi u xjentifiċi li jirrelataw għall-proċess ta' rikonoxximent reċiproku.
- Ħames laqgħat plenarji BPC u sa ħames laqgħat ta' kull grupp ta' ħidma permanenti.

Forum

- Rapport finali dwar it-tielet proġett koordinat ta’ infurzar, jekk ikun previst l-ipprolongar.
- Prijoritizzazzjoni u għarfien komuni dwar prijoritajiet għal attivitajiet ta’ infurzar konġunti.
- Proposta għal proġett ta’ infurzar ġdid armonizzat.
- Għodod tal-IT imtejba għal ispetturi (RIPE u EIES).
- Komunikazzjoni msaħħa u mmirata permezz tal-“punti fokali” bejn l-ECHA, l-awtoritajiet tal-infurzar nazzjonali u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri maħsuba biex jinfurzaw deċiżjonijiet tal-ECHA, imtejjba aktar permezz ta’ workshop ta’ Forum ta’ Interkonnessjonijiet.
- Għarfien komuni dwar prijoritajiet għal attivitajiet konġunti ta’ infurzar.
- Pariri f’waqthom dwar l-applikabbiltà ta’ restrizzjonijiet proposti fuq sustanzi, f’kooperazzjoni ma’ RAC u SEAC.
- Trasparenza aħjar tal-ħidma tal-Forum, permezz ta’ aktar informazzjoni dwar l-attivitajiet tagħha ppubblikata fuq il-websajt tal-ECHA.
- Avveniment għat-taħriġ ta’ dawk li jħarrġu.
- Stedina lil ASOs għall-aspett miftuħ tal-Laqgħa tal-Forum darba kull sena.
- Kontribuzzjoni għall-iżvilupp ta’ indikaturi tal-infurzar għal REACH u CLP.

## 2.2. Bord ta' Appell (Attività 9)

Il-Bord ta' Appell (BoA) kien stabbilit mir-Regolament REACH biex jipprovdi lil partijiet interessati bil-possibbiltà ta' rimedju legali. Jagħmel dan billi jikkunsidra, u jiddeċiedi dwar, appelli kontra ċerti deċiżjonijiet tal-Aġenzija[8]. Minn Settembru 2013, il-BoA sar ukoll kompetenti biex jikkunsidra appelli kontra ċerti deċiżjonijiet tal-Aġenzija meħuda taħt ir-Regolament il-ġdid dwar Prodotti Bijoċidali (BPR).[9]

### 1. Punti prinċipali tas-sena

L-ewwel appelli li jikkonċernaw il-BPR setgħu diġà jaslu għand il-BoA fl-2014. Id-dmirijiet il-ġodda mqiegħda fuq il-BoA ser ikunu jeħtieġu l-bini tal-kapaċità f'dan il-qasam ġdid ta' kompetenza biex ikun lest biex jagħmel deċiżjonijiet ta' kwalità għolja, f'waqthom, dwar kwalunkwe appell riċevut. Li titqajjem kuxjenza fost partijiet interessati dwar l-ambitu tal-appelli u l-proċess tal-appelli taħt il-BPR ser tkompli wkoll.

It-tieni skadenza tar-reġistrazzjoni, fl-aħħar ta' Mejju 2013 irriżultat f'għadd żgħir ta' rifjuti minħabba l-kontroll tal-kompletezza teknika. Madankollu, l-għadd ta' deċiżjonijiet li jirrevokaw numri tar-reġistrazzjoni minħabba n-nuqqas ta' ħlas tal-pagament korrett tar-reġistrazzjoni żdied. Dawn id-deċiżjonijiet wasslu għal diversi appelli fl-aħħar tal-2013, li ser jiġu trattati mill-BoA fl-2014.

Huwa previst li ser ikun hemm għadd kbir ta' dossiers u deċiżjonijiet dwar il-valutazzjoni tas-sustanzi, li jista' jirriżulta f'appelli kumplessi, kemm xjentifikament kif ukoll legalment. B'mod partikolari, l-ewwel appelli kontra deċiżjonijiet dwar il-valutazzjoni tas-sustanzi huma mistennija fl-2014. Dawn l-appelli jistgħu iġibu sfidi partikolari għall-ħidma tal-BoA. Pereżempju, hemm il-possibbiltà li diversi reġistranti jappellaw kontra l-istess deċiżjoni tal-ECHA, u deċiżjonijiet tal-ECHA li jirrigwardaw mistoqsijiet xjentifiċi jistgħu jiġu kontestati.

Deċiżjonijiet dwar appelli ser jgħinu biex jikkjarifikaw ċerti aspetti tar-Regolament REACH u l-BPR li jistgħu ikunu soġġetti għal interpretazzjonijiet differenti. Dawn id-deċiżjonijiet jistgħu għaldaqstant jgħinu biex itejjbu l-kwalità tad-dejta ppreżentata mill-industrija għal skopijiet tar-reġistrazzjoni billi jiġu kkjarifikati ċerti kwistjonijiet ta' interpretazzjoni.

Il-BoA ser ikompli jippubblika d-deċiżjonijiet finali tiegħu, tħabbir ta' appelli, u deċiżjonijiet dwar klejms ta' kunfidenzjalità u applikazzjonijiet għal interventi. Barraminnhekk, ser ikompli l-involviment tiegħu mal-partijiet interessati biex jispjega l-proċess tal-appelli u l-ħidma tal-BoA. Permezz ta' dawn il-miżuri, il-BoA ser jipprova jiżgura li l-partijiet interessati kollha jikkunsidrawh kemm bħala indipendenti kif ukoll imparzjali.

Waqt li t-tagħbija tax-xogħol tal-BoA ma tkunx fil-kontroll tiegħu, f'termini tal-għadd ta' appelli li jirċievi, għandu jkun flessibbli u kreattiv biżżejjed biex jiżgura li jista' jirreaġixxi għad-domandi mqiegħda fuqu filwaqt li kien għadu qiegħed jieħu deċiżjonijiet ta' kwalità għolja mingħajr dewmien mhux dovut. Il-BoA għaldaqstant ikun jeħtieġ li jirrevedi l-metodi ta' ħidma tiegħu biex jiżgura li dawn jirriflettu d-domandi dejjem jinbidlu mqiegħda fuqu.

---

[8] REACH Artikolu 91.

[9] BPR Artikolu 77.

## 2. Miri u indikaturi

Miri

1. Deċiżjonijiet ta' kwalità għolja addottati mill-BoA mingħajr dewmien mhux dovut.

2. Ġestjoni effiċjenti tal-proċess ta' appelli u komunikazzjonijiet relatati.

Indikaturi u miri ta' prestazzjoni

| Indikatur | Mira fl-2014 | Mezzi u frekwenza tal-verifika |
|---|---|---|
| Perċentwal ta' deċiżjonijiet finali magħmula fi żmien 90 jum utli mill-egħluq tal-proċedura orali jew bil-miktub. | 90 % | Rapport tal-BoA kull sena |

## 3. Riżultati prinċipali

- Sa 15-il deċiżjoni finali addottata.
- Deċiżjonijiet proċedurali, kif meħtieġa, addottati.
- Korp robust ta' deċiżjonijiet ta' kwalità għolja ippubblikat onlajn.
- Komunikazzjoni effettiva (jiġifieri ċara, preċiża u f'waqtha) mal-partijiet (potenzjali) fir-rigward ta' proċeduri ta' appell.

## 2.3. Komunikazzjonijiet (Attività 10)

Li tinżamm ir-reputazzjoni tajba tal-Aġenzija billi tiġi pprovduta informazzjoni preċiża u f'waqtha lil dawk fid-dmir u l-pubbliku ġenerali kif ukoll li tiġi żgurata preżentazzjoni bilanċjata tax-xogħol tal-Aġenzija fil-medja speċjalizzata u ġenerali hija mira kruċjali tal-attivitajiet ta' komunikazzjoni tal-ECHA. Il-komunikazzjoni esterna hija kkumplimentata mill-komunikazzjonijiet interni tal-ECHA, permezz tal-ECHAnet (l-intranet tal-ECHA) u avvenimenti speċjali ta' informazzjoni tal-persunal. Li l-persunal jinżamm kompletament infurmat u involut huwa essenzjali għat-tmexxija b'suċċess ta' aġenzija regolatorja tal-UE u tad-daqs tal-ECHA.

### 1. Punti prinċipali tas-sena

Fl-2014, l-ECHA għandha l-ħsieb li tibni għall-ġejjieni billi ttejjeb aktar xi wħud mill-vetturi prinċipali tal-komunikazjzoni – il-websajt u l-intranet pereżempju – u billi tibni l-kapaċità biex tilħaq udjenzi speċifiċi u ġodda u tinfurmahom dwar id-drittijiet, ir-responsabbiltajiet u l-opportunitajiet tagħhom taħt il-leġiżlazzjoni kimika tal-UE. Udjenzi importanti jinkludu l-kumpaniji li jwieġbu għar-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali u r-Regolament PIC riformulat; kumpaniji żgħar li jippreparaw biex iwieġbu għall-iskadenza REACH tal-2018; utenti downstream; konsumaturi; ħaddiema; bejjiegħa bl-imnut u l-komunità xjentifika.

L-ECHA ser tibni wkoll fuq ir-relazzjonijiet li għandha mal-Organizzazzjonijiet Akkreditati tal-Partijiet Interessati biex tiżgura li l-opinjonijiet tagħhom jinstemgħu, il-kapaċità tagħhom tiġi żgurata u li l-Aġenzija taħdem magħhom biex tilħaq lill-udjenzi għal benefiċċju reċiproku.

Sfida ulterjuri tkun li l-informazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi u d-deċiżjonijiet li jitqassmu permezz tal-websajt tal-ECHA ikunu dejjem aktar utli. L-ECHA għaldaqstant ser tkun qed ittejjeb il-mod li bih l-informazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi hija ppreżentata, mfittxija u interrogata – kollha bl-iskop li tkun magħmula aktar aċċessibbli għal aktar nies. Dan huwa proġett fit-tul li ser jibda fl-2014 u ser jirriżulta f'bidliet għall-websajt fl-2015. L-ECHA ser ittejjeb ukoll il-viżibbiltà tad-deċiżjonijiet tagħha fuq il-websajt.
Id-dħul fis-seħħ tar-Regolament PIC u l-introduzzjoni ulterjuri ta' possibiltajiet ġodda ta' preżentazzjoni għal fornituri ta' prodotti bijoċidali jeħtieġu komunikazzjoni mmirata lil dawk fid-dmir.

Minħabba li r-regoli tar-Regolament CLP għall-klassifikazzjoni u l-ittikkettar ser isiru obbligatorji għal taħlitiet mill-1 ta' Ġunju 2015, fl-2014 l-ECHA tippjana li tipprepara attivitajiet immirati biex iqajjmu kuxjenza flimkien mal-organizzazzjonijiet rilevanti tal-partijiet interessati tal-industrija u awtoritajiet imsieħba, li jiffukaw fuq formulaturi ta' taħlitiet u b'mod partikolari SMEs.

L-ECHA ser tippromwovi wkoll attivitajiet konġunti biex iqajjmu kuxjenza, bejn l-industrija u l-Istati Membri biex jagħmlu lill-industrija konxja mid-dmirijiet tagħha tal-utenti downstream biex jikkomunikaw informazzjoni tul il-katina tal-provvista. Dan ser jiġbed fuq esperjenza ottenuta minn skedi ta' dejta ta' sigurtà aġġornati, riċevuti, b'xenarji tal-espożizzjoni għal sustanzi rreġistrati sal-iskadenza tal-2013. Ser jiġbed ukoll fuq il-gwida aġġornata tal-utent downstream u l-ħidma kontinwa assoċjata fi ħdan l-ENES.

## 2. Miri u indikaturi

Miri

1. Il-komunikazzjoni mal-udjenzi esterni tal-ECHA issir b'mod effettiv, fi 23 lingwa tal-UE meta neċessarju, u l-ECHA tibbenefika minn preżenza tal-medja preċiża u proporzjonata.

2. Partijiet interessati akkreditati huma involuti fil-ħidma tal-ECHA u huma sodisfatti li l-opinjonijiet tagħhom jinstemgħu u jitqiesu.

3. Il-persunal tal-ECHA huwa infurmat tajjeb, għandu sens ta' appartenenza u jħossu parti minn attività korporattiva komuni.

Indikaturi u miri ta' prestazzjoni

| Indikatur | Mira fl-2014 | Mezzi u frekwenza tal-verifika |
|---|---|---|
| Livell ta' sodisfazzjon tal-qarrej bir-riżultat mitkub tal-ECHA, inkluża d-disponibbiltà tal-lingwa (websajt, e-aħbarijiet, Dikjarazzjonijiet tal-Istampa, Twissijiet tal-Aħbarijiet). Dan għandu jitqies f'termini ta' ħin addattat, kontenut u utilità. | Għolja | Feedback tal-qarrejja u inkjesti kull sena |
| Livell ta' sodisfazzjon tal-Partijiet Interessati akkreditati bl-informazzjoni li huma jirċievu u l-involviment tagħhom mal-ECHA. | Għolja | Inkjesta kull sena, feedback dwar l-avvenimenti, feedback tal-valutazzjoni tal-applikazzjoni |
| Livell ta' sodisfazzjon tal-persunal bil-komunikazzjonijiet interni. | Għolja | Inkjesta interna dwar il-komunikazzjoni kull sena |

## 3. Riżultati prinċipali

- Sa 100 biċċa ta' komunikazzjoni ppubblikata fi 23 lingwa – dokumenti, paġni web, eċċ.
- Attivitajiet ta' komunikazzjoni koordinati għal gruppi mira speċifiċi – per eżempju kumpaniji żgħar, utenti downstream, konsumaturi, ħaddiema, bejjiegħa bl-imnut u akkademja – biex titqajjem kuxjenza tad-drittijiet, responsabbiltajiet u opportunitajiet tagħhom taħt il-leġiżlazzjoni. Xi wħud minn dawn l-attivitajiet jistgħu isiru konġuntement mal-imsieħba tal-UE, l-Istati Membri u l-Organizzazzjonijiet Akkreditati tal-Partijiet Interessati.
- Promossa aktar l-armonizzazzjoni ta' notifikazzjonijiet CLP.
- Attivitajiet konġunti mal-industrija u l-Istati Membri biex iqajjmu kuxjenza, dwar obbligi tal-utent downstream minn REACH u CLP.
- Kampanja ta' kuxjenza għal dawk inkarigati mid-dmir taħt PIC u informazzjoni ulterjuri mmirata lejn dawk inkarigati bid-dmir fis-settur tal-bijoċidi.
- Sa 25 dikjarazzjoni stampa prodotti u konferenza stampa waħda organizzata għall-medja.

- Prodotti sa 50 twissija tal-aħbarijiet, 50 bullettin ta’ aħbarijiet elettroniċi kull ġimgħa u bullettin kull xahrejn.
- Sa sitt webinars u erba’ vidjows qosra ppubblikati għall-pubbliku ġenerali.
- Organizzati sa Jumejn għall-Partijiet Interessati, workshop wieħed għal Organizzazzjonijiet Akkreditati tal-Partijiet Interessati u avvenimenti tal-partijiet interessati *ad hoc.*
- Aġġornament tal-Partijiet Interessati ppubblikat kull xahrejn għal Organizzazzjonijiet Akkreditati tal-Partijiet Interessati.
- Informazzjoni interna pprovduta kuljum għall-persunal fuq l-intranet u skrins interni tal-informazzjoni. Is-sit intranet korporattiv mibni u miftuħ mill-ġdid.
- Inkjesti biex iqisu s-sodisfazzjon u biex jifhmu l-esperjenza tal-partijiet interessati (eż. inkjesta dwar is-sodisfazzjoni tal-partijiet interessati, inkjesta dwar il-qarrejja, inkjesta dwar l-utenti tal-websajt, inkjesta dwar il-komunikazzjonijiet interni u inkjesta dwar ir-reġistranti).

## 2.4. Kooperazzjoni Internazzjonali (Attività 11)

Fuq it-talba tal-Kummissjoni Ewropea, l-isforzi tal-ECHA f'kooperazzjoni internazzjonali jiffukaw fuq l-armonizzazzjoni tal-għodod u l-approċċi tal-ġestjoni tas-sustanzi kimiċi. Il-kummerċ fis-sustanzi kimiċi huwa min-natura tiegħu globali, għalhekk l-iskambju ma' msieħba internazzjonali ma joħloqx biss sinerġiji għall-awtoritajiet iżda wkoll għall-industrija Ewropea.

Waħda mill-pjattaformi prinċipali tal-Aġenzija għall-kooperazzjoni internazzjonali hija l-OECD u, fuq skala kemmxejn inqas, in-Nazzjonijiet Uniti. Dan jippermetti lill-ECHA twettaq monitoraġġ fuq l-iżvolġiment preżenti u tantiċipal l-bidliet fir-reġimi ta' ġestjoni internazzjonali tas-sustanzi kimiċi u biex tara li l-miri tar-regolamenti REACH, CLP, il-Prodotti Bijoċidali u PIC jiġu kkunsidrati f'kuntest globali. Il-kooperazzjoni f'organizzazzjonijiet internazzjonali tagħti lill-ECHA rwol rikonoxxut fil-qasam tal-ġestjoni tas-sigurtà kimika fuq livell globali, u tagħti lill-Aġenzija opportunità li tikkondividi l-għarfien tagħha mal-imsieħba internazzjonali u li titgħallem minnhom fl-oqsma li fihom huma aktar avvanzati. Il-punt fokali tal-Aġenzija huwa fuq l-iżvilupp ta' gwida armonizzata, linji gwida u għodod għall-istima tal-perikolu u tal-espożizzjoni. L-iżvilupp ta' formati għar-rappurtaġġ u l-iskambju tad-dejta u li tkun magħmula disponibbli onlajn informazzjoni dwar il-karatteristiċi tas-sustanzi kimiċi huma wkoll prijorità.

L-ECHA iżżomm djalogu kostanti mal-aġenziji pari regolatorji prinċipali fl-Awstralja, fil-Kanada, fil-Ġappun u fl-Istati Uniti, taħt il-ftehim ta' kooperazzjoni eżistenti.

### 1. Punti prinċipali tas-sena

Fir-rigward tal-attivitajiet OECD, fl-2014, l-iżvilupp ta' formati u għodod ser ikompli b'mod aktar intensiv. Għal IUCLID, il-ħidma preparatorja għal IUCLID 6 (ara l-Attività 6) tkun tfisser kollaborazzjoni mill-qrib mal-grupp Espert IUCLID tal-OECD. L-attività f'sostenn tal-Matriċi Armonizzati tal-OECD, li tikkostitwixxi l-qalba ta' IUCLID, ser tkompli wkoll bit-titjib u l-iżvilupp ulterjuri ta' matriċi kif propost minn membri tal-OECD.

Għall-kaxxa tal-għodda QSAR tal-OECD, il-punt fokali ser ikun fuq il-preparazzjonijiet għall-fażi li jmiss tal-proġett tal-Kaxxa tal-Għodda li jkun jimmira li jagħmel il-Kaxxa tal-Għodda aktar aċċessibbli għall-utenti billi jtejjeb il-funzjonalitajiet tagħha. Barraminnhekk, l-implimentazzjoni ulterjuri tal-Possibbiltà b'Riżultati Ħżiena tiġi sostnuta mill-proġett.

L-Aġenzija ser tiżviluppa aktar ukoll l-eChemPortal tal-OECD, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-grupp ta' Tmexxija tal-OECD, biż-żieda ta' informazzjoni ġdida dwar is-sustanzi kimiċi, mill-ECHA, speċjalment bijoċidi, kif ukoll mill-pajjiżi membri tal-OECD u permezz tat-titjib tal-aċċess għad-dejta. Qasam ieħor segwit mill-qrib ser ikun ix-xogħol tal-OECD fuq in-nanomaterjali.

Il-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi ser tiffoka fuq ħidma dwar suġġetti ta' interess reċiproku bħall-prijoritizzazzjoni ta' sustanzi kimiċi għall-valutazzjoni u metodoloġiji ta' valutazzjoni, il-kondiviżjoni tal-aħjar prattika u l-indirizzar ta' kwistjonijiet emerġenti ma' awtoritajiet regolatorji msieħba li magħhom l-ECHA stabbiliet ftehim. L-Aġenzija se tipprovdi wkoll sostenn xjentifiku u tekniku lill-Kummissjoni Ewropea fit-twettieq tal-attivitajiet internazzjonali tagħha skont il-pjan ta' ħidma konġunt, maqbul. Fl-2014, il-punt fokali ser ikun il-finalizzazzjoni tat-tieni proġett għall-bini tal-kapaċità għal benefiċjari fil-pajjiżi kandidati tal-UE u l-kandidati potenzjali taħt l-Istrument tal-Assistenza għal Pre-Adeżjoni (IPA). Il-punt fokali ser ikun ukoll fuq li tiġi pprovduta kontribuzzjoni għax-xogħol tekniku fis-subkumitat tan-Nazzjonijiet Uniti dwar is-Sistema Globalment Armonizzata dwar il-klassifikazzjoni u l-ittikkettar tas-sustanzi kimiċi (GHS

tan-NU) li jinkludi, jekk mitluba, il-parteċipazzjoni tal-ħidma tal-gruppi ta' korrispondenza stabbiliti mis-subkumitat. Barraminnhekk, l-Aġenzija ser tkompli tipprovdi preżentazzjonijiet informattivi lil udjenzi f'pajjiżi barra l-Unjoni Ewropea.

Teżisti xi sovvrappożizzjoni tal-attivitajiet deskritti taħt l-Attività 7 u din l-attività minħabba li ħafna mill-iżviluppi xjentifiċi jseħħu fil-fora internazzjonali u speċifikament fi ħdan l-OECD.

## 2. Miri u indikaturi

Miri

1. Il-Kummissjoni tirċievi sostenn xjentifiku u tekniku ta' kwalità għolja għall-attivitajiet internazzjonali tagħha, speċjalment f'korpi multilaterali, u b'mod partikolari, l-ECHA tikkontribwixxi għall-attivitajiet tal-OECD li jirrelataw għal sustanzi kimiċi bl-iskop li tippromwovi l-armonizzazzjoni ta' approċċi, formati u għodod tal-IT biex jiżdiedu s-sinerġiji u jiġi evitat xogħol doppju kull meta possibbli.

2. L-ECHA tibni u żżomm ir-relazzjonijiet bilaterali tagħha għall-kooperazzjoni xjentifika u teknika f'kooperazzjoni ma' aġenziji regolatorji primarji ta' pajjiżi terzi li huma utli għall-implimentazzjoni ta' REACH u CLP, u ssostni lill-pajjiżi kandidati tal-UE u lil kandidati potenzjali fi ħdan il-qafas tal-programm IPA b'mod effettiv u effiċjenti.

Indikaturi u miri ta' prestazzjoni

| Indikatur | Mira fl-2014 | Mezzi u frekwenza tal-verifika |
|---|---|---|
| Livell ta' sodisfazzjon tal-partijiet interessati (inkluża l-Kummissjoni) bl-attivitajiet ta' kooperazzjoni internazzjonali tal-Aġenzija (inkluż is-sostenn xjentifiku u amministrattiv lill-Kummissjoni). | Għolja | Inkjesta kull sena |

## 3. Riżultati prinċipali

- Proġetti OECD: C&L u informazzjoni dwar il-bijoċidi disponibbli fl-eChemPortal. L-ewwel rilaxx tal-verżjoni li jmiss tal-Kaxxa tal-Għodda QSAR tal-OECD mogħtija lill-ECHA u lill-OECD.
- Provvijżjoni ta' sostenn xjentifiku u tekniku lill-Kummissjoni, inkluż dwar il-GHS tan-NU, eż. parteċipazzjoni potenzjali u input fil-laqgħat GHS tan-NU.
- Kooperazzjoni kontinwa mal-aġenziji regolatorji fl-Awstralja, fil-Kanada, fil-Ġappun u fl-Istati Uniti li magħhom l-ECHA ikkonkludiet Memoranda ta' Ftehim.
- Attivitajiet għall-bini tal-kapaċità mmirati lejn il-pajjiżi kandidati tal-UE u kandidati potenzjali taħt it-tieni proġett IPA tal-ECHA u li jistabbilixxu proġett ta' segwitu. Preżentazzjonijiet f'seminars/workshops/konferenzi f'pajjiżi terzi primarji (jew diretti jew permezz ta' vidjow konferenzi) u l-organizzazzjoni ta' żjarat minn rappreżentanti ta' dawn il-pajjiżi.

# 3. It-Tmexxija, l-organizzazzjoni u r-riżorsi

## 3.1. Tmexxija (Attività 12)

L-ECHA hija rregolata minn Bord ta’ Tmexxija ta’ 36-membru, li hu assistit minn Segretarjat ipprovdut mid-Direttur Eżekuttiv. Fuq bażi ta’ kuljum, id-Direttur Eżekuttiv huwa sostnut fil-funzjoni tal-governanza interna tiegħu minn maniġment primarju (diretturi). L-ECHA tutilizza attività u ġestjoni bbażata fuq il-proġetti u sistema ta’ kwalità biex torganizza l-operazzjonijiet tagħha fi struttura ġerarkika jew matriċi. Il-ġestjoni tal- informazzjoni hija bbilanċjata bejn prinċipji ta’ ftuħ u sigurtà.

### 1. Punti prinċipali tas-sena

Is-Segretarjat tal-ECHA ser ikompli jsostni b’effiċjenza l-ħidma tal-Bord ta’ Tmexxija fir-rwol tiegħu bħala korp governattiv tal-Aġenzija. Sostnut mill-gruppi ta’ ħidma tiegħu, il-Bord ta’ Tmexxija jiżvolġi rwol primarju fl-implimentazzjoni tal-erba’ miri strateġiċi, b’mod partikolari billi jiffaċilita l-implimentazzjoni tal-Programm ta’ Ħidma Multi-Annali 2014-2018 permezz tal-adozzjoni tal-programmi ta’ ħidma tagħhom kull sena. Funzjonijiet prinċipali oħra tal-Bord ta’ Tmexxija jinkludu l-adozzjoni tal-baġit u r-rapport annwali, kif ukoll l-adozzjoni u r-reviżjoni ta’ regoli interni tal-Aġenzija. Barraminnhekk, il-Bord ta’ Tmexxija jagħmel monitoraġġ mill-qrib tal-prestazzjoni tal-Aġenzija u l-implimentazzjoni tal-miri strateġiċi tagħha. Għal dan l-iskop, il-Bord jirċievi rapporti kull kwart mid-Direttur Eżekuttiv u rapporti speċifiċi dwar diversi suġġetti mis-Segretarjat.

L-ECHA ser tkompli ssaħħaħ ir-relazzjonijiet mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u istituzzjonijiet nazzjonali inkarigati, u ttejjeb il-komunikazzjoni u l-koordinazzjoni permezz tal-iskambju tal-informazzjoni, żjarat u laqgħat tal-ippjanar kull sena tad-diretturi tal-awtoritajiet kompetenti. Punt fokali speċjali fl-2014 ser ikun fuq it-trawwim tar-relazzjonijiet mal-awtoritajiet responsabbli għall-BPR u r-relazzjonijiet mal-awtoritajiet nazzjonali deżinjati taħt ir-Regolament PIC. L-ECHA ser tħaddan id-djalogu mal-imsieħba istituzzjonali prinċipali inkluża l-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament, u l-Kunsill tal-Ministri u tkompli tikkontribwixxi għall-ħidma tan-Netwerk ta’ Aġenziji tal-UE.

Fl-2014, punt fokali speċjali ser ikun fuq l-iżvilupp tal-effettività u l-effiċjenza tal-Aġenzija permezz ta’ mezzi differenti. It-tlestija tal-preparazzjoni tal-Aġenzija għaċ-ċertifikazzjoni ISO 9001 hija ċentrali biex jiġu żgurati l-effiċjenza u l-adegwatezza tal-proċessi u ser twassal lill-Aġenzija lejn iċ-ċertifikazzjoni aspirata tal-ISO 9001 minn korp indipendenti. L-ECHA ser tenfasizza approċċ ibbażat fuq ir-riskju biex tillimita kontrolli mhux neċessarji. Ser jitwettqu verifiki u konsultazzjonijiet biex jiġu rintraċċati opportunitajiet ta’ titjib u jiġu korretti l-ineffiċjenzi. Iċ-ċiklu tal-ippjanar kull sena ser jinkludi rakkmandazzjonijiet li jirriżultaw minn valutazzjonijiet u verifiki. Ser jieħu kont ukoll tal-feedback mill-partijiet interessati. Il-ġestjoni tal-informazzjoni ser tissaħħaħ aktar biex jiġi simplifikat u integrat il-proċess u biex tkun possibbli r-rintraċċabbiltà. Ser titjieb il-ġestjoni tad-dokumenti biex ikunu żgurati l-aċċess ż-żamma u l-aċċess għal informazzjoni importanti matul is-snin.

L-Aġenzija ser tiżgura l-konformità mar-regolamenti rilevanti u mal-politiki interni, il-proċeduri u l-istruzzjonijiet billi twettaq verifiki ta’ assigurazzjoni, tipproteġi d-dejta personali, iġġesti b’mod effiċjenti d-dikjarazzjonijiet ta' interess tal-persunal, il-Bord ta' Tmexxija u l-membri tal-Kumitat kif ukoll tipproteġi s-sigurtà ta’ informazzjoni personali u tal-industrija kunfidenzjali b’sistema ta’ sigurtà ta’ standard għoli. Barraminnhekk, l-għarfien legali jeħtieġ li jinżamm kontinwament biex jiggarantixxi l-kwalità legali tad-deċiżjonijiet tal-ECHA. L-ECHA ser iżżomm ukoll sistema ta’ kontinwità kummerċjali komprensiva.

## 2. Miri u indikaturi

Miri

1. L-Aġenzija hija rregolata permezz ta' ġestjoni effiċjenti u effettiva, li tiżgura l-ippjanar xieraq tal-attivitajiet, l-allokazzjoni ta' riżorsi, il-valutazzjoni u l-immaniġġjar tar-riskji, is-sigurtà tal-persunal u s-sigurtà ta' assi u informazzjoni, u tipprovdi assigurazzjoni tal-konformità u tal-kwalità tar-riżultati.

Indikaturi u miri ta' prestazzjoni

| Indikatur | Mira fl-2014 | Mezzi u frekwenza tal-verifika |
|---|---|---|
| Grad ta' sodisfazzjon tar-rekwiżiti ISO 9001 għal elementi ta' sistema ta' ġestjoni ta' kwalità. | 95 % | Valutazzjoni tal-Kwalità tal-Ġestitur |
| Perċentwal ta' rakkmandazzjonijiet importanti ħafna ta'verifika, implimentati fi żmien l-iskadenza (IAS). | 100 % | Rapport intern tal-awditur kull sena |

## 3. Riżultati prinċipali

- Erba' laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija u gruppi ta' ħidma korrispondenti jippermettu lill-Bord jieħu d-deċiżjonijiet neċessarji kollha.
- Organizzata għall-inqas laqgħa waħda għal Stati Membri/diretturi tal-MSCA.
- Ipprovdut sostenn legali qawwi biex jiġu abbozzati deċiżjonijiet tal-ECHA u għad-difiża effettiva tagħhom.
- Pjanijiet riveduti ta' kontinwità kummerċjali.
- Rapport tal-Ġestitur ta' Sigurtà dwar l-evoluzzjoni tar-riskji ta' sigurtà tal-Aġenzija li jipproponu pjan ta' azzjoni għall-2014-2018.
- Verifika/analiżi ta' effiċjenza ta' proċess wieħed/żewġ proċessi li l-aktar jikkunsmaw riżorsi.
- Bidu tal-implimentazzjoni ta' EMAS jew standard ambjentali ekwivalenti. Ir-reġistru għall-protezzjoni tad-Dejta jikkontjeni 100% tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar li jinvolvu dejta personali identifikata mill-Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Dejta.
- Organizzata għall-inqas laqgħa waħda tan-Netwerk ta' Uffiċjali ta' Sigurtà.
- 100 aċċess għal deċiżjonijiet dwar dokumenti, li jkopru bejn wieħed u ieħor 700 dokument.
- Rapport ta' qabel il-verifika għaċ-ċertifikazzjoni ta' ISO 9001.
- Prodotti pjanijiet regolatorji u rapporti.

## 3.2. Finanzi, Akkwisti u Kontabilità (Attività 13)

Ir-regoli li jirregolaw il-ġestjoni finanzjarja tal-ECHA huma addottati mill-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea, u għandhom ikunu jikkonformaw mar-regolament dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (Regolament Finanzjajru)[10]. Il-fondi tar-regolamenti REACH, dwar il-Prodotti Bijoċidali u PIC għandhom jiġu sseparati, wkoll fil-kontijiet.

### 1. Punti prinċipali tal-2014

Fl-2014, il-punt fokali ġenerali tal-ġestjoni finanzjarja tal-ECHA ser ikun ukoll fuq li jiġi żgurat l-aħjar użu ta' riżorsi finanzjarji disponibbli in linja mal-prinċipji tal-ekonomija, l-effiċjenza u l-effettività.

Waqt li fl-2013 kellna t-tieni skadenza tar-reġistrazzjoni REACH, jeħtieġ li jsir aktar segwitu fl-2014 għall-proċessi finanzjarji u ta' kontabilità relatati. Dħul proprju għal attivitajiet REACH/CLP fl-2014 ser ikun jinkludi ħlasijiet li jirriżultaw minn applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, appelli, dħul addizzjonali wara verifika tal-istatus SME, piżijiet amministrattivi, u dħul fuq l-imgħaxx. Il-politika stabbilita ta' investiment ta' flus kontanti u s-sitwazzjoni ġenerali ta' likwidità ser isirlhom ukoll monitoraġġ b'attenzjoni fl-2014. Is-sostenibbiltà awtonoma finanzjarja għall-attivitajiet REACH/CLP ser tkompli tiġi żgurata permezz ta' ġestjoni prudenti ta' dħul u kontroll strett fuq l-infiq.

Is-sena 2014 ser tkun l-aħħar waħda li fiha l-attivitajiet REACH ser jiġu kompletament finanzjati awtonomament. F'dan il-kuntest, qegħdin iseħħu preparazzjonijiet biex ifornu reġim b'fondi mħallta għal REACH/CLP fl-2015 meta parti mill-infiq ser ikun kopert minn dħul u l-bqija finanzjat minn sussidju tal-UE.

Li jiġi żgurat li r-regolamenti tal-ħlas REACH, CLP u tal-bijoċidi huma implimentati tajjeb ser tkun prijorità kontinwa. Għal dan l-iskop, il-funzjoni ta' kontroll sistematika li tqiegħdet fis-seħħ biex tikkontrolla l-adegwatezza ta' tnaqqis SME mogħti għal ħlasijiet REACH, u għaldaqstant il-pagamenti mħallsa lill-ECHA, ser ikomplu jiġu eżegwiti bl-istess intensità bħal fl-2013. Fir-rigward tar-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali, l-ECHA ser tivverifika l-kumpaniji li jitolbu tnaqqis fuq il-ħlas ibbażat fuq l-istatus tal-SME u, skont l-għadd ta' talbiet, parti mir-riżorsi ser jiġu allokali għall-verifiki SME relatati għal Bijoċidi. Din l-attività ta' verifika ser tibqa' prijoritizzata fl-allokazzjonijiet ta' riżorsi fi ħdan il-Programm ta' Ħidma 2014.

Filwaqt li l-finanzjament tal-attivitajiet PIC ser ikompli jkun kompletament ibbażat fuq sussidju tal-UE, l-attivitajiet tal-bijoċidi ser jistrieħu dejjem aktar fuq il-finanzjament tal-ħlasijiet. Minħabba l-inċertezza fuq il-livell ta' dħul proprju kemm għal attivitajiet REACH/CLP u tal-Bijoċidi, l-ECHA ser twettaq monitoraġġ fuq id-dħul u l-infiq tagħha previst kull xahar biex tkun tista' tissenjala kwalunkwe nuqqas lill-Kummissjoni għall-azzjoni xierqa biex jiġi bilanċjat il-baġit.

L-Aġenzija ser tkompli tissepara s-sistemi ta' baġit u rappurtaġġ tagħha biex taħseb għall-ħtieġa li jiġu segregati fondi bejn ir-regolamenti REACH, dwar il-Prodotti Bijoċidali u PIC. L-ECHA ser twettaq monitoraġġ ukoll fuq il-fatt li r-riport ikun fi ħdan il-limiti stabbiliti mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (ECA) bl-eċċezzjoni tal-infiq operazzjonali li hu marbut ma' proġetti multiannali.

Fir-rigward ta' akkwisti u kuntratti, l-ECHA ser testernalizza wkoll parti mill-attivitajiet

---

[10] REACH Artikolu 99.

tagħha biex issostni l-implimentazzjoni tal-Programm ta' Ħidma tagħha. L-istabbiliment ta' arranġamenti kontrattwali xierqa għal dan ser ikompli jimponi domandi għal akkwisti effiċjenti. Ser tingħata attenzjoni partikolari biex isir l-użu l-aktar effettiv u ekonomiku tal-għadd kbir ta' kuntratti qafas li l-Aġenzija għandha fis-seħħ. Barraminnhekk, ser ikun mistenni għadd konsiderevoli ta' inizjattivi ġodda ta' akkwisti u kuntratti ġodda għall-2014.

## 2. Miri u indikaturi

Miri

1. L-Aġenzija għandha ġestjoni finanzjarja tajba, soda u effiċjenti filwaqt li hemm konformità ma' regoli u regolamenti finanzjarji applikabbli.

2. Riżervi ta' flus huma ġestiti bi prudenza u b'diliġenza.

3. L-Aġenzija għandha sistemi finanzjarji effettivi biex timmaniġġa u tirrapporta dwar diversi bażijiet legali segregati finanzjarjament.

Indikaturi u miri ta' prestazzjoni

| Indikatur | Mira fl-2014 | Mezzi u frekwenza tal-verifika |
|---|---|---|
| Għadd ta' riżervi fir-rapport annwali dwar kwistjonijiet finanzjarji u ta' kontabilità tal-ECA. | 0 | Rapporti ECA kull sena |
| Rata ta' impenn (ta' allokazzjonijiet ta' impenn fi tmiem is-sena). | 97 % | Rapport kull sena |
| Rata ta' ħlas (ta' allokazzjonijiet ta' ħlas fi tmiem is-sena). | 80% | Rapport kull sena |
| Rata ta' riport (% ta' fondi impenjati riportati fl-2015) | < 20 % | Rapport kull sena |
| Allokazzjonijiet ta' ħlas ta' riport ikkanċellati mill-2013 | < 5 % | Rapport kull sena |
| Konformità ma' gwida MB dwar riżervi ta' flus kontanti (MB/62/2010 finali). | 100 % | Rapport kull sena |

## 3. Riżultati prinċipali

- Ġestjoni rigoruża tal-baġit u tal-likwidità.
- Monitoraġġ u ġestjoni mill-qrib tar-riżervi ta' flus kontanti tal-Aġenzija.
- Segregazzjoni ta' fondi taħt leġiżlazzjonijiet differenti.
- 600 verifika tal-istatus SME tar-reġistranti.
- Rappurtaġġ tal-ispejjeż ibbażat fuq l-attivitajiet.
- Segwitu u eżekuzzjoni tal-baġit biex tintlaħaq ir-rata ta' impenn immirata.

- Kontijiet annwali għall-2013 ippreparati fil-ħin

.

## 3.3. Riżorsi Umani u Servizzi Korporattivi (Attività 14)

L-ECHA għandha twettaq l-attivitajiet tagħha f'konformità mar-Regolamenti tal-Persunal ta' uffiċjali tal-UE u l-kondizzjonijiet tal-impieg ta' ċivili oħra tal-Komunitajiet Ewropej (Regolament tal-Persunal). Il-persunal kollu tal-ECHA għandu jaġixxi wkoll f'konformità mal-kodiċi ta' mġjieba amministrattiva tajba tal-ECHA u b'konsiderazzjoni għall-prinċipji tas-servizz pubbliku għas-servizz ċivili tal-UE maħruġa mill-Ombudsman Ewropew. Il-ġestituri tal-ECHA għandhom ukoll ir-responsabbiltà li jimplimentaw politika soċjali u ta' benessri tal-ECHA u pjanijiet ta' azzjoni annwali relatati, biex jiġi salvagwardat il-benessri tal-persunal.

### 1. Punti prinċipali tal-2014

***Riżorsi Umani***

L-istrateġija tar-riżorsi umani tkompli tevolvi minn punt fokali inizjali ta' tkabbir lejn li jkun possibbli ambjent organizzazzjonali aktar stabbli li hu effettiv, effiċjenti u li jżomm il-flessibbiltà biex jassumi u jintegra kompiti ġodda.

L-ambjent operazzjonali fl-2014 ser ikompli jħoss l-impatt tas-sitwazzjoni ekonomika prevalenti fl-Ewropa u l-impatt tar-riżorsi fuq amministrazzjonijiet nazzjonali u pubbliċi tal-UE u l-ECHA qiegħda tiffaċċja tnaqqis tal-persunal ewlieni tagħha għal REACH u CLP.

Fl-2014, il-politika tal-ECHA dwar ir-riżorsi umani ser tinkludi li jiġu indirizzati l-isfidi involuti f'li jkompli jinbena ambjent ta' ħidma sostenibbli, bi prestazzjoni għolja li jiffaċilita kultura ta' ħidma f'tim, integrazzjoni u addattabbiltà tal-persuni; l-assigurazzjoni tal-allinjament tat-tagħlim, it-taħriġ u attivitajiet għall-iżvilupp professjonali biex tiġi ottimizzata prestazzjoni individwali u organizzazzjonali; aktar żvilupp tal-maniġers u l-mexxejja preżenti, u fil-ġejjieni biex ikun hemm influwenza, motivazzjoni u setgħa proattiva tal-persunal f'li jilħaq il-prijortajiet tal-Aġenzija u jimplimenta l-inizjattivi taż-żamma tal-persunal żviluppati fl-2013.

***Servizzi Korporattivi***

Il-funzjoni tas-Servizzi Korporattivi tkopri l-ġestjoni tal-bini, l-infrastruttura tal-uffiċċju u l-faċilitajiet tal-konferenza tal-Aġenzija; is-sigurtà fiżika, l-organizzazzjoni ta' vvjaġġar u laqgħat; u l-provviżjoni ta' servizzi bħar-reġistrazzjoni tal-posta, forniturі tal-uffiċċju, l-arkivjar, u l-ġestjoni tal-biblijoteka. L-iskop hu li jiġi pprovdut post suffiċjenti, miżmum tajjeb u sigur li joffri ambjent ta' ħidma effiċjenti u sigur u post li jista' jsostni l-ħtiġiet ta' laqgħat u komunikazzjoni għall-korpi u l-partijiet interessati tal-Aġenzija.

L-użu komplet tal-attivitajiet bijoċidi u PIC, ser jirriżulta fl-utilizzazzjoni tal-kapaċità sħiħa tal-bini kif ukoll is-servizzi korporattivi. Meta wieħed isegwi xejriet minn snin reċenti, l-għadd ta' laqgħat kif ukoll servizzi virtwali, bħal telekonferenzi u webinars, ser iżid aktar. Minbarra l-manutenzjoni neċessarja tal-bini mis-sid, huwa previst fl-2014 li l-infrastruttura teknika elettronika ser titjieb. Ser titwettaq valutazzjoni tar-rekwiżiti fit-tul tal-uffiċċju u tal-faċilitajiet fl-2014, bl-iskop li jiġi sostnut it-teħid tad-deċiżjonijiet dwar l-istrateġija tal-post, fil-ġejjieni, tal-ECHA.

## 2. Miri u indikaturi

Miri

1. L-Aġenzija għandha għadd suffiċjenti ta’ persunal imħarreġ biex jiżgura l-implimentazzjoni tal-Pjan ta’ Ħidma u joffri persunal u ambjent ta’ ħidma li jiffunzjona tajjeb.

2. L-Aġenzija għandha post ta’ uffiċċju suffiċjenti, sigur li jipprovdi ambjent ta’ ħidma effiċjenti u sigur għall-persunal, u faċilitajiet tal-laqgħat li jiffunzjonaw tajjeb għall-korpi u viżitaturi esterni tal-Aġenzija.

Indikaturi u miri ta’ prestazzjoni

| Indikatur | Mira fl-2014 | Mezzi u frekwenza tal-verifika |
|---|---|---|
| Perċentwal ta’ inkarigi tal-pjan ta’ stabbiliment mimlija fl-aħħar tas-sena | 95 % | Rapport intern kull sena |
| Turnover ta’ aġenti temporanji. | < 5 % | Rapport intern kull sena |
| Għadd medju ta’ jiem ta' taħriġ u żvilupp għal kull membru tal-persunal.[11] | 10 | Rapport intern kull sena |
| Livell ta’ sodisfazzjon tal-Kumitat, il-Forum, u membri MB bil-funzjonament taċ-ċentru tal-konferenzi. | Għolja | Inkjesta kull sena |
| Livell ta’ sodisfazzjon tal-persuna bis-servizzi korporattivi. | Għolja | Inkjesta kull sena |

## 3. Riżultati prinċipali

Riżorsi Umani

- Rimunerazzjoni għal persunal statutorju u ħlasijiet oħra lill-persunal, esperti nazzjonali mislufa (SNEs) u apprendisti (li jgħoddu bejn wieħed u ieħor madwar 600 persuna).
- L-introduzzjoni ta’ madwar 15-il proċedura ta’ selezzjoni.
- Il-kompletazzjoni ta’ madwar 30 reklutaġġ.
- Medja ta’ 10 jiem ta' taħriġ għal kull membru tal-persunal.
- Valutazzjoni tal-prestazzjoni u eżerċizzju ta’ klassifikazzjoni mill-ġdid għal madwar 550 persunal statutorju.

[11] Inkluż taħriġ fuq-ix-xogħol.

- Konsulenza u assistenza mogħtija lil persunal u l-ġestituri dwar kwistjonijiet HR, b'mod partikolari dwar drittijiet individwali u benessri.
- Riżultati tal-Inkjesta tal-Persunal tal-2013 analizzati, u żviluppati l-pjanijiet ta' segwitu
- Żvilupp attiv tal-persuni u tal-proċessi u l-metodi ta' ġestjoni tal-prestazzjoni.

Servizzi korporattivi

- Xiri f'waqtu ta' tagħmir, materjali u servizzi permezz ta' proċeduri xierqa ta' akkwist.
- Kalkoli u rimborsi f'waqthom ta' rimborsi fuq missjonijiet u vvjaġġar lil parteċipanti f'laqgħat.
- Faċilitajiet tal-uffiċċju siguri.
- Sostenn tajjeb għal laqgħat u konferenzi.
- Tagħmir awdjoviżwali li jiffunzjona tajjeb b'sostenn tekniku tajjeb.
- Servizzi effiċjenti tal-posta.
- Biblijoteka u arkivji ġestiti sewwa u organizzati tajjeb.
- Inventarju aġġornat u korrett ta' assi mhux tal-IT.

## 3.4. Teknoloġija tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni (Attività 15)

Il-funzjoni ICT fl-Aġenzija tkopri firxa wiesgħa ta’ servizzi u ssostni firxa wiesgħa ta’ ħtiġiet kummerċjali. L-iskop hu li jintlaħħqu operazzjonijiet siguri fir-rigward tad-dejta u mingħajr l-użu tal-karti, u li jiġu sodisfatti l-ħtiġiet għal għodod tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni (IT).

### 1. Punti prinċipali tal-2014

Koerenti mal-punt fokali tal-Aġenzija tal-Programm ta’ Ħidma 2014 dwar il-kompletazzjoni tal-fondazzjonijiet ta’ kwalità neċessarji għas-suċċess tal-istrateġija ta’ ħames snin tagħha, l-ICT ser tiffoka fuq l-użu tas-soluzzjonijiet ippreparati fis-sena preċedenti għall-benefiċċju ta’ żieda ta’ effiċjenza f’ħafna mill-proċessi regolatorji REACH u CLP u f'xi proċessi amministrattivi prominenti, notevolment il-ġestjoni tar-Riżorsi Umani. Wara l-kompletazzjoni tal-proċess ta’ akkwist għal Sistema integrata ta’ Ġestjoni tar-Riżorsi Umani (HRMS) fl-2013 u l-bidu tax-xogħol, is-sodisfazzjon prinċipali għall-2014 tkun li tiġi kkonsenjata l-ewwel fażi tal-proġett inklużi l-funzjonijiet amministrattivi prinċipali għall-ġestjoni ta’ dejta tal-persunal, kuntratti, drittijiet individwali u allokazzjoni taż-żmien.

Fl-2014, proġett li nbeda fl-2013 ipprovda lill-ECHA b’Sistema integrata ta’ Ġestjoni ta’ Rekords, pilotata f'għadd limitat ta' proċessi; l-użu ta’ din is-sistema ta’ ġestjoni ta’ rekords ser jiġi estiż aktar għad-dokumenti kollha dikjarati u definiti bħala dokumenti mis-sidien tal-proċess. Fl-istess ħin, is-Sistema ta’ Ġestjoni ta’ Dokumenti wżata ħafna mill-utenti interni tal-ECHA biex jeditjaw, jikkolaboraw, jippubblikaw u jaħżnu d-dokumenti ser tiġi kompletament migrata għal pjattaforma aġġornata, li tindirizza dawk l-aspetti ta’ kontinwità ta’ prestazzjoni u kummerċ li saru problema serja għall-pjattaforma ta’ legat diġà fl-2013.

Id-dipendenza dejjem tiżdied tal-ECHA fuq l-IT teħtieġ assigurazzjoni li hija robusta biżżejjed biex tiflaħ għal inċidenti maġġuri jew tħarbit. Għaldaqstant, l-ECHA ser tkompli tinvesti f’li tagħmel l-infrastruttura tagħha tal-ICT aktar reżiljenti, faċli biex topera u flessibbli. B’mod partikolari, ser jiġu segwiti soluzzjonijiet adegwati ta’ Kontinwità Kummerċjali tal-IT għas-sistemi ġodda li jsostnu l-bijoċidi u l-PIC.

F’termini ta’ operabbiltà u flessibbiltà fil-ġestjoni tal-infrastruttura tal-ICT, l-2014 ser tkun sena ffukata fuq l-ottimizzazzjoni tal-ġestjoni ta’ kapaċità tal-ICT – biex isir użu intelliġenti mill-kuntratt ta’ servizzi ta’ ħowsting esternalizzat – u biex il-pjan direzzjonali jiġi stabbiliti biex l-“infrastruttura” adegwata ssostni l-pjan strateġiku ta’ ħames snin tal-Aġenzija, inklużi l-limiti fuq ir-riżorsi assoċjati miegħu.

Fl-2014, diversi sistemi tal-IT li jikkontjenu informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali ser ikunu aċċessibbli minn distanza, notevolment għal MSCAs: REACH IT, dejtabejżis ċentrali IUCLID, daxxbord ta’ portals għal attivitajiet regolatorji, R4BP 3 u s-sistema ġdida tal-IT għal PIC, ser ikunu kollha aċċessibbli permezz ta’ soluzzjoni unifikata u sigura ta’ konnettività b’distanza. Biex ikollhom aċċess għal dawn is-sistemi, utenti remoti jkollhom jissodisfaw sett unifikat u rivedut ta’ rekwiżiti ta’ sigurtà kif approvat fl-2013 mill-Bord ta’ Tmexxija. Din iż-żieda fl-espożizzjoni għall-Internet ser tkun teħtieġ, min-naħa tal-ECHA, monitoraġġ kostanti tat-theddid u titjib kostanti tal-immaniġġjar tar-riskji ta’ sigurtà tal-IT, li jinkorpora mekkaniżmi biex jilħqu l-aspetti kollha tal-IT li jistgħu potenzjalment jeffettwaw is-sigurtà. Fl-2013, l-ECHA ħadmet lejn is-sistematizzazzjoni ta’ mmaniġġjar tar-riskji tas-sigurtà tal-IT integrata fis-Sistema ta’ Kwalità ta’ Ġestjoni Integrata tagħha (IQMS). Fl-2014, l-integrazzjoni ser tiġi kkompletata u konsolidata.

## 2. Miri u indikaturi

Miri

1. Is-sostenn tal-proċessi amministrattivi u l-ġestjoni tar-rappurtaġġ bl-assistenza ta' għodod tal-IT li jiffunzjonaw tajjeb. L-ECHA tagħmel użu effettiv mill-informazzjoni tagħha; dokumenti u rekords riċevuti, ġġenerati u wżati mill-persunal tagħha huma kkontrollati tajjeb.

2. L-infrastruttura teknika tal-ICT tal-Aġenzija hija operata f'livell għoli ta' servizz u kontinwità; l-effiċjenza u s-sigurtà huma massimizzati għall-operazzjonijiet kummerċjali kollha sostnuti.

3. Pjan ta' Kontinwità Kummerċjali tal-IT ikopri b'mod adegwat is-sistemi ta' missjoni essenzjali għal-leġiżlazzjonijiet ġodda li l-ECHA ilha inkarigata minnhom mill-2013: bijoċidi, PIC u pjattaforma aġġornata għal ġestjoni u kollaborazzjoni ta' dokumenti interni.

Indikaturi u Miri ta' prestazzjoni

| Indikatur | Mira fl-2014 | Mezzi u frekwenza tal-verifika |
|---|---|---|
| Disponibbilà ta' sistemi ta' missjoni essenzjali għal klijenti esterni (jiġifieri żmien attiv matul is-sigħat ta' servizz). | Fuq medja 98 % | Statistiċi taċ-ċentru tad-dejta |
| Livell ta' sodisfazzjon ta' utent intern bis-servizzi tal-IT, relattiv għall-proporzjon tal-persunal/ sostenn. | Għolja | Inkjesta tal-klijenti kull sena u feedback *ad hoc* |
| Livell ta' kopertura ta' sistemi ta' missjoni essenzjali fis-soluzzjoni ta' kontinwità kummerċjali li tinvolvi ċentru(i) ta' dejta estern(i). | Estensjoni għal żewġ sistemi ta' missjoni essenzjali: R4BP 3, sistemi tal-IT għal PIC u l-pjattaforma għal ġestjoni u kollaborazzjoni ta' dokumenti interni | Rapport intern kull sena |

## 3. Riżultati prinċipali

- L-ewwel modjul tal-HRMS li jkopri l-karatteristiċi ta' amministrazzjoni prinċipali HRMS.
- Sistema ta' ġestjoni ta' rekords li ssostni l-politika tal-ECHA fuq il-kontroll ta' dokumenti u rekords.
- R4BP 3, is-sistema tal-IT għal PIC u s-sistemi ta' ġestjoni ta' dokumenti interni huma koperti bis-soluzzjonijiet ta' Kontinwità Kummerċjali tal-IT. Il-pjan direzzjonali 'l quddiem biex tiġi żgurata infrastruttura tal-IT adegwata u sostenibbli għall-istrateġija ta' ħames snin tal-Aġenzija tiġi kkonsenjata u l-kompatibilità tagħha mal-perspettiva tar-riżorsi indirizzata kif suppost.
- L-immaniġġjar tar-riskju ta' sigurtà tal-IT hija konsolidata u integrata fl-IQMS tal-Aġenzija

# 4. Riskji tal-Aġenzija

L-ECHA twettaq eżerċizzju ta’ stima tar-riskji kull sena biex tidentifika, tivvaluta u timmaniġġa l-avvenimenti potenzjali li jistgħu iqiegħdu taħt riskju l-miri li jistgħu jintlaħħqu, definiti fil-Programm ta’ Ħidma. Fuq il-bażi ta’ din l-istima, il-ġestituri tal-ECHA identifikaw ir-riskji prinċipali li ġejjin.

Ir-regolamenti dwar il-Prodotti Bijoċidali u PIC iressqu obbligi u kompiti ġodda lill-ECHA. Meta wieħed jikkunsidra l-iskadenzi stretti, il-varjetà u l-kumplessità ta’ kompiti ġodda u r-riżorsi finanzjarji limitati għall-preparazzjoni adegwata tal-operazzjonijiet kollha tal-bijoċidi u PIC, inkluż l-iżvilupp tal-għodod tal-IT, l-ECHA tista’ ma jirnexxielhiex tilħaq il-miri kollha tal-bijoċidi u tista’ tesperjenza diffikultajiet meta jinbdew l-attivitajiet PIC. Biex jiġu mmitigati dawk ir-riskji, l-ECHA tikkunsidra li prioritajiet attribwiti b’attenzjoni ser jiżguraw ġestjoni effettiva tal-ambitu fil-proġetti IT li jirrelataw għall-bijoċidi u PIC. Sostenn lill-MSCAs fil-bini tal-kapaċitajiet huwa wkoll previst. Fir-rigward tar-riżorsi tal-bniedem, l-ECHA ser teħtieġ li tkun flessibbli fir-riallokazzjoni interna, fil-każ li d-dħul tal-ħlas fil-BPR ma jkunx biżżejjed għar-riżorsi reklutati.

Għadd ta’ miri tal-Programm ta’ Ħidma jiddependu ħafna fuq is-sistema governattiva tal-IT u fuq l-infrastruttura tal-IT. Sistemi tal-IT huma marbuta direttament biex jilħqu r-raba’ mira strateġika tal-ECHA “Li tħaddan kompiti leġiżlattivi preżenti u ġodda b’effiċjenza u b’mod effettiv, filwaqt li taddatta għal limiti ġodda fuq ir-riżorsi”. Fl-2014, għadd kbir ta’ proġetti ambizzjużi tal-IT li jsostnu l-flussi ta’ ħidma għandhom jikkonkludu s-sostenn tal-miri ta’ effiċjenza tal-ECHA. Dan l-ippjanar ambizzjuż għall-2013 u l-2014 jinvolvi r-riskju ta' prijoritajiet sovvrapposti li jista' jkollhom impatt fuq il-kwalità u/jew il-konsenja f'waqtha tal-proġetti, li jista’ jkollu impatt negattiv fuq il-pjanijiet ta’ effiċjenza tal-Aġenzija. Biex dawk ir-riskji jiġu mitigati, l-Aġenzija timmira li tiżgura kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet interni u esterni involuti u l-istabbiliment ta’ miri u stennijiet realistiċi permezz tal-qafas governattiv tal-IT. Ġestjoni b’attenzjoni tal-ambitu tal-portfolju tal-IT u r-rinfurzar tal-istabbiliment tal-prijoritajiet f’livell korporattiv huma wkoll previsti bħala parti mill-azzjonijiet għall-mitigazzjoni tar-riskji.

L-implimentazzjoni u l-komunikazzjoni tal-Pjan Direzzjonali SVHC 2020 huma bbażati fuq il-pjanijiet żviluppati mill-ECHA matul l-2013 u maqbul mal-MSCAs u l-Kummissjoni. L-2014 ser tkun sena importanti biex jiġu stabbiliti l-pedamenti għat-tieni mira strateġika tal-ECHA “Li timmobilizza l-awtoritajiet biex jużaw id-dejta b’mod intelliġenti biex jidentifikaw u jindirizzaw sustanzi kimiċi ta’ tħassib”, permezz tal-ftehim li għandu jintlaħaq bejn l-ECHA, il-Kummissjoni u l-Istati Membri dwar il-pjan tal-implimentazzjoni, il-metodi u l-allokazzjoni tal-ħidma biex tintlaħaq il-mira politika tal-Pjan Direzzjonali ambjizzjuż 2020. L-Aġenzija identifikat fatturi tar-riskju esterni li jistgħu potenzjalment ikollhom impatt fuq il-pjanijiet ta’ prijoritizzazzjoni ta’ parti ta’ kooperazzjoni waħda jew aktar, u għaldaqstant jiġi effettwat il-bidu b’suċċess tal-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali. Biex jitnaqqas dan ir-riskju, l-ECHA ser tidħol f’kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet kollha relatati u tiżgura monitoraġġ kostanti tal-punti prinċipali fil-pjan direzzjonali. Madankollu, l-ECHA ma tistax tissostitwixxi għal imsieħba oħra fil-proċess.

Il-fatt li l-Aġenzija taħdem b’volumi għoljin ta’ informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali jagħmilha vulnerabbli għal riskji li jirrelataw għas-sigurtà. Biex jiġu mitigati dawk ir-riskji, l-Aġenzija ħadet fuqha għadd ta’ azzjonijiet, bħal approċċ unifikat biex jiżgura aċċess remot għal sistemi tal-IT, rinforz tas-sigurtà fuq il-pjattaforma ta' kollaborazzjoni, titjib kostanti tal-kontrolli ta' sigurtà interni, partikolarment fir-rigward tal-ġestjoni tal-aċċess u l-formalizzazzjoni ta’ sistema ta’ ġestjoni ta’ sigurtà IT ibbażata fuq approċċ immexxi mir-riskji.

# ANNESS 1: L-Organizzazzjoni tal-ECHA 2014

MB/54/2013
Ħelsinki, 18.12.2013



# ANNESS 2: Assunzjonijiet bażi

| Mexxejja prinċipali ta' attivitajiet REACH u CLP | Stima għall-2014 |
|---|---|
| **Dossiers li jaslu** | |
| Dossiers tar-reġistrazzjoni (inklużi aġġornamenti) | 5 800 |
| Proposti ta' ttestjar | 70 |
| Talbiet għal kunfidenzjalità | 250 |
| Aċċess għal dejta eqdem minn 12-il sena | 270 |
| Notifikazzjonijiet PPORD (inklużi talbiet għal estensjoni) | 300 |
| Domandi | 1 300 |
| Disputazzjonijiet dwar il-kondiviżjoni tad-dejta | 3 |
| Proposti ta' restrizzjoni (Anness XV) | 8 |
| Li minnhom proposti ta' restrizzjoni żviluppati mill-ECHA | 3 |
| Proposti għal klassifikazzjoni u ttikkettar armonizzati (l-Anness VI tar-Regolament CLP) | 70 |
| Proposti għal identifikazzjoni bħala SVHC (Annes XV)[12] | 30 |
| Applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni | 20 |
| Talbiet għal isem alternattiv | 100 |
| Sustanzi fuq il-CoRAP li għandhom jiġu vvalutati fl-2014 mill-Istati Membri | 50 |

[12] In-numru attwali ta' dossiers SVHC li jaslu jkun jiddependi fuq l-għadd ta' analiżi RMO konkluż. L-ECHA ser tikkontribwixxi, fuq talba mill-Kummissjoni, għall-preparazzjoni ta' sa ħames RMOs.

| Mexxejja prinċipali tal-attivitajiet REACH u CLP | Stima għall-2014 |
|---|---|
| **Deċiżjonijiet tal-ECHA** | |
| Deċiżjonijiet dwar il-valutazzjoni tad-dossiers u tas-sustanzi | |
| - Proposti ta' ttestjar | 200 |
| - Kontrolli ta' konformità | 150 |
| - Valutazzjonijiet tas-sustanzi | 35 |
| Deċiżjonijiet dwar il-kondiviżjoni tad-dejta | 3 |
| Deċiżonijiet dwar il-kontroll ta' kompletezza (negattiv, jiġifieri rifjuti) | 190 |
| Deċiżjonijiet dwar talbiet għal kunfidenzjalità (negattivi) | 50 |
| Deċiżjonijiet dwar PPORD | 40 |
| - Talbiet għal informazzjoni ulterjuri | 30 |
| - L-impożizzjoni tal-kondizzjonijiet | 8 |
| - L-għoti tal-estensjonijiet | 20 |
| Deċiżjonjiet dwar aċċess għal talbiet għal dokumenti | 100 |
| Revoki ta' numri tar-reġistrazzjoni | 40 |
| Status ta' rifjuti SME | 300 |

| Mexxejja prinċipali tal-attivitajiet REACH u CLP | Stima għall-2014 |
|---|---|
| **Oħrajn** | |
| Appelli ppreżentati | 20 |
| Deċiżjonijiet dwar l-appelli | 15 |
| CoRAP ta' abbozz għal sustanzi soġġetti għal valutazzjoni | 1 |
| Rakkmandazzjonijiet lill-Kummissjoni għal-lista tal-Awtorizzazzjoni | 1 |
| | |
| Mistoqsijiet li għandha tingħatalhom tweġiba (REACH, CLP, BPR u PIC kif ukoll għodod rispettivi IT) | 6 000 |
| Eżaminazzjonijiet tas-segwitu għal valutazzjonijiet tad-dossiers | 300 |
| Kontrolli tal-istatus SME | 600 |
| Laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija | 4 |
| Laqgħat MSC | 6 |
| Laqgħat RAC | 4 |
| Laqgħat SEAC | 4 |

| | |
|---|---|
| Laqgħat tal-forum | 3 |
| Domandi ġenerali bit-telefon jew bl-email | 600 |
| Domandi tal-istampa | 600 |
| Stqarrijiet tal-stampa u twissijiet tal-aħbarijiet | 75 |
| Reklutaġġ dovut għal turnover | 25 |

| Mexxejja prinċipali tal-bijoċidi u tal-attivitajiet PIC | Stima għall-2014 |
|---|---|
| L-għadd ta' sustanzi attivi li għandhom jiġu vvalutati taħt il-Programm ta' Reviżjoni | 50 |
| L-għadd ta' sustanzi attivi ġodda li għandhom jiġu vvalutati għal applikazzjonijiet magħmula qabel id-dħul fis-seħħ | 10 |
| Applikazzjonijiet għall-approvazzjoni ta' sustanzi attivi ġodda | 5 |
| Applikazzjonijiet għal tiġdid jew reviżjoni ta' sustanzi attivi | 3 |
| Applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni tal-Unjoni | 20 |
| Applikazzjonijiet għal fornituri ta' sustanzi attivi (Artikolu 95) | 300 |
| Applikazzjonijiet għal ekwivalenza teknika | 50 |
| Applikazzjonijiet għal similarità kimika | 100 |
| Għadd ġenerali ta' applikazzjonijiet ipproċessati | 3 000 |
| Kontrolli ta' status SME | 30 |
| Appelli | 3 |
| Laqgħat BPC | 5 |
| Laqgħat WG tal-BPC | 26 |
| Notifikazzjonijiet PIC | 4 000 |
| Karigi ġodda TA/CA li għandhom jimtlew għall-Bijoċidi | 2 |
| Karigi ġodda TA/CA li għandhom jimtlew għall-PIC | 1 |

# ANNESS 3: Riżorsi stmati għall-2014

MB/54/2013
Ħelsinki, 18.12.2013

Anness 3: Attivitajiet u riżorsi stmati tal-ECHA tal- 2014*

| | REACH Riżorsi tal-Persunal 2014 | | | | REACH Baġit 2014 | BIJOĊIDI Riżorsi tal-Persunal 2014 | | | | BIJOĊIDI Baġit 2014 | PIC Riżorsi tal-Persunal 2014 | | | | PIC Baġit 2014 | ECHA (Total) Riżorsi tal-Persunal 2014 | | | | ECHA (Total) Baġit 2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-enumerazzjoni hawn taħt tirreferi għall-WP 2012, mhux għall-enumerazzjoni fil-baġit | AD | AST | CA | Total | Total | AD | AST | CA | Total | Total | AD | AST | CA | Total | Total | AD | AST | CA | Total | Total |
| **Implimentazzjoni tal-Proċessi Regolatorji (Baġit Operazzjonali)** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **Attività 1: Reġistrazzjoni, Kondiviżjoni tad-Dejta u Tqassim** | 37 | 9 | 13 | 59 | 9 812 517 | 4 | 1 | 4 | 9 | 1 114 913 | | | | 0 | 0 | 41 | 10 | 17 | 68 | 10 927 429 |
| **Attività 2: Valutazzjoni** | 75 | 13 | 5 | 93 | 16 965 628 | | | | 0 | 0 | | | | 0 | 0 | 75 | 13 | 5 | 93 | 16 965 628 |
| **Attività 3: L-Immaniġġjar tar-Riskji** | 35 | 5 | 5 | 45 | 7 763 826 | | | | 0 | 0 | | | | 0 | 0 | 35 | 5 | 5 | 45 | 7 763 826 |
| **Attività 4: Klassifikazzjoni u Ttikkettar** | 14 | 2 | 2 | 18 | 2 834 611 | | | | 0 | 0 | | | | 0 | 0 | 14 | 2 | 2 | 18 | 2 834 611 |
| **Attività 5: Konsulenza u Assistenza permezz tal-Gwida u l-Uffiċċju tal-Informazzjoni** | 20 | 8 | 5 | 33 | 5 261 671 | 1 | | 1 | 2 | 341 448 | | | | 0 | 13 790 | 21 | 8 | 6 | 35 | 5 616 909 |
| **Attività 6: Sostenn tal-IT għall-Operazzjonijiet** | 29 | 11 | 4 | 44 | 19 533 296 | 1 | 1 | 1 | 3 | 696 538 | 1 | 1 | | 2 | 565 979 | 31 | 13 | 5 | 49 | 20 795 812 |
| **Attività 7: Attivitajiet Xjentifiċi u Konsulenza Teknika lill-istituzzjonijiet u l-Kopri tal-UE** | 9 | 0 | 1 | 10 | 1 953 329 | | | | 0 | 0 | | | | 0 | 0 | 9 | 0 | 1 | 10 | 1 953 329 |
| **Korpi tal-ECHA u attivitajiet ta' sostenn** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **Attività 8: Kumitati u Forum** | 22 | 7 | 5 | 34 | 6 740 746 | 3 | 2 | | 5 | 1 180 131 | | | | | 17 100 | 25 | 9 | 5 | 39 | 7 937 977 |
| **Attività 9: Bord tal-Appell** | 6 | 3 | 3 | 12 | 1 974 240 | 1 | | | 1 | 138 879 | | | | | 0 | 7 | 3 | 3 | 13 | 2 113 120 |
| **Attività 10: Komunikazzjonijiet** | 9 | 8 | 7 | 24 | 6 876 981 | | 1 | 1 | 2 | 599 693 | | | | | 45 509 | 9 | 9 | 8 | 26 | 7 522 183 |
| **Attività 11: Kooperazzjoni Internazzjonali** | 3 | | | 3 | 856 435 | | | | 0 | 0 | | | | | 0 | 3 | 0 | 0 | 3 | 856 435 |
| **Ġestjoni, Organizzazzjoni u Riżorsi** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **Attività 12: Ġestjoni** | 26 | 16 | 6 | 48 | 9 667 896 | 1 | | | 1 | 374 464 | | | | | 0 | 27 | 16 | 6 | 49 | 10 042 361 |
| **Attivitajiet 13-15: Organizzazzjoni u Riżorsi (Titolu II: Infrastruttura)** | 28 | 46 | 42 | 116 | 17 648 823 | 2 | 1 | 4 | 7 | 867 154 | | 1 | | 1 | 108 589 | 30 | 48 | 46 | 124 | 18 624 567 |
| **Spiża tal-Persunal - REACH / CLP (għall-2012 biss)** | | | | | 0 | | | | 0 | | | | | | | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| **Attività 16: Bijoċidi** | | | | | | 26 | 3 | 3 | 32 | 4 078 974 | | | | | | 26 | 3 | 3 | 32 | 4 078 974 |
| **Attività 17: PIC** | | | | | | | | | | | | 3 | 1 | 4 | 546 257 | 0 | 3 | 1 | 4 | 546 257 |
| **Total** | **313** | **128** | **98** | **539** | **107 890 000** | **39** | **9** | **14** | **62** | **9 392 194** | **1** | **5** | **1** | **7** | **1 297 224** | **353** | **142** | **113** | **608** | **118 579 418** |

* Din it-tabella mhijiex direttament paragunabbli mat-tabella korrispondenti tal-programm ta' ħidma 2013 tal-Aġenzija minħabba bidla fil-konvenzjonijiet għall-allokazzjoni tal-persunal lill-attivitajiet differenti. Din il-bidla kienet maħsuba biex tirrifletti aħjar is-sitwazzjoni fattwali. Speċifikament għall-valutazzjoni, ir-riżorsi f'termini ta' persunal xjentifiku ma jonqsux.

# ANNESS 4: Pjan ta’ Akkwisti

MB/54/2013
Ħelsinki, 18.12.2013

| Attività WP | Subattività (meta applikabbli) | Suġġett tal-Kuntratt | Baġit stmat f’EUR | Kanal tentattiv ta’ akkwisti | Data prevista għall-introduzzjoni tal-akkwisti | Data prevista għall-firma tal-kuntratt |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1.0: Reġistrazzjoni, kondiviżjoni tad-dejta u tqassim | 1.2. Domanda | Dejtabejż spettrali tad-dejta – konsulenza tal-IT | 10 000.00 | FWC ECHA/2011/103 | Q2 | Q2 |
| 1.0: Reġistrazzjoni, kondiviżjoni tad-dejta u tqassim | 1.8. Att. 1 Attivitajiet speċifiċi | Rapporti dwar suġġetti xjentifiċi SID | 80 000.00 | FWC ECHA/2011/01 | Q2 | Q2 |
| 1. Reġistrazzjoni, kondiviżjoni tad-dejta u tqassim | 1.9. Programm CSA | CSA għal każijiet diffiċli | 300 000.00 | Open call | Q2 | Q4 |
| 2. Valutazzjoni | 2.1 Valutazzjoni tad-dossier | Talbiet ta’ servizz/ servizzi xjentifiċi li jimmiraw mistoqsijiet speċifiċi fid-Dossier tal-Valutazzjoni (jiġifieri koordinati mill-for a ta’ valutazzjoni u/jew relatati għal kwistjonijiet ta’ saħħa ambjentali u tal-bniedem) | 100 000.00 | FWC ECHA/2011/01 jew proċeduri negozjati ta’ valur baxx | Q2 | Q2-Q3 |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 3. L-immaniġġjar tar-riskji | 3.1. Preparazzjoni għall-Immaniġġar tar-Riskji | Servizzi għas-sostenn ta' xogħol speċifiku għas-sustanzi | 50 000.00 | FWC ECHA/2011/01 | Q2 | Q3-Q4 |
| 3. L-immaniġġjar tar-riskji | 3.1. Preparazzjoni għall-Immaniġġar tar-Riskji | Skrining ta' sustanzi għall-ħtiġiet tal-immaniġġjar tar-riskji | 100 000.00 | FWC ECHA/2011/01 | Q2 | Q4 |
| 3. L-immaniġġjar tar-riskji | 3.4. Applikazzjonijiet ta' awtorizzazzjoni | Funzjonijiet ta' tweġiba għad-doża | 50 000.00 | FWC ECHA/2011/01 | Q1 | Q4 |
| 3. L-immaniġġjar tar-riskji | 3.5 Restrizzjonijiet | Servizzi biex isostnu lill-Kummissjoni | 80 000.00 | FWC ECHA/2011/01 | Q2 | Q1-Q4 |
| 3. L-immaniġġjar tar-riskji | 3.6 Attivitajiet orizzonatali tal-immaniġġjar tar-riskji | Riżultati għas-saħħa ta' sustanzi kimiċi li jużaw snin ta' ħajja aġġustata fir-rigward tal-kwalità | 50 000.00 | FWC ECHA/2011/01 jew Proċedura Negozjata b'valur baxx | Q2 | Q2 |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 3. L-immaniġġjar tar-riskji | 3.6. Attivitajiet orizzontali tal-immaniġġjar tar-riskji | Proġetti tal-materjali | 80 000.00 | FWC ECHA/2011/01 | Q2 | Q4 |
| 3. L-immaniġġjar tar-riskji | 3.6. Attivitajiet orizzontali tal-immaniġġjar tar-riskji | Proġett dwar l-istima tal-piż amministrattiv | 40 000.00 | FWC ECHA/2011/01 | Q2 | Q3 |
| 3. L-immaniġġjar tar-riskji | 3.6 Attivitajiet orizzontali tal-immaniġġjar tar-riskji | Proġett dwar l-ispejjeż tas-sostituzzjoni | 80 000.00 | FWC ECHA/2011/01 | Q1 | Q3 |
| 6. Sostenn tal-IT għall-operazzjonijiet | 6.1. Proġetti IT | Servizzi SharePoint | 6 000 000 - 8 000 000 | Sejħa miftuħa | Q2 | Q4 |
| 6. Sostenn tal-IT għall-operazzjonijiet | 6.1. Proġetti IT | Konsultazzjonijiet fuq il-post dwar magażżinaġġ tad-dejta | 2 500 000 - 3 000 000 | HANSEL | Q2 | Q4 |
| 6. Sostenn tal-IT għall-operazzjonijiet | 6.1. Proġetti IT | Provviżjoni ta' servizzi IT għall-applikazzjonijiet tal-ECHA | 8 000 000 - 12 000 000 | Sejħa miftuħa | Q2 | Q4 |
| 6. Sostenn tal-IT għall-operazzjonijiet | 6.1. Proġetti IT | REACH-IT , IUCLID, CHESAR, Tqassim, C&L, DIP, RIPE, Odyssey, ECM. Bijoċidi, PIC. | 9 650 000.00 € | FWC ECHA/2011/103, FWC ECHA/2012/150 | Q1-Q3 | Q1-Q4 |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 6. Sostenn tal-IT għall-operazzjonijiet | 6.2 Servizz ta' softwer | SciSoft, Rimedju, SharePoint, ittestjar tal-IT | 2 495 000.00 € | SACHA II FWC, HANSEL, FWC ECHA/2011/103 | Q1-Q3 | Q1-Q4 |
| 6. Sostenn tal-IT għall-operazzjonijiet | 6.3 Inġinerija tas-softwer | Servizzi ta' ħowsting | 1 447 000.00 | FWC ECHA/2010/95N | Q1-Q3 | Q1-Q4 |
| 10. Komunikazzjoni | | Manutenzjoni u żvilupp tal-websajt tal-ECHA | 271 200.00 | FWC ECHA/2010/124 | Q1 | Q1 |
| 10. Komunikazzjoni | | Żvilupp u manutenzjoni tal-Intranet | 54 240.00 | FWC ECHA/2010/124 | Q1 | Q1 |
| 10. Komunikazzjoni | | Produzzjoni ta' 3 vidjows | 150 000.00 | FWC ECHA/2011/111 | Q1-Q3 | Q1-Q4 |
| 10. Komunikazzjoni | | Servizzi ta' stampar | 100 000.00 | FWC ECHA/2011/183 | Q1-Q4 | Q1-Q4 |
| 10. Komunikazzjoni | | Materjal promozzjonali | 30 000.00 | ECHA/2010/66 | Q1 | Q4 |
| 10. Komunikazzjoni | | Il-Jum tal-Partijiet Interessati, Workshop ASO, Jum Schuman | 100 000.00 | Proċeduri negozjati b'valur baxx | Q1 | Q2 |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 10. Komunikazzjoni | | Monitoraġġ tal-medja | 76 000.00 | FWC ECHA/2011/278 | Q2 | Q3 |
| 10. Komunikazzjoni | | Inkjesti | 55 000.00 | Proċeduri negozjati b'valur baxx | Q2 | Q3 |
| 11. Kooperazzjoni Internazzjonali | 11.1 Koordinazzjoni ta' relazzjonijiet internazzjonali | Ġenerazzjoni ta' strutturi għal sustanzi kumplessi (UVCB) u biex jiġu korretti iskrizzjonijiet ħżiena f'dejtabejżis li jirrelataw għall-kaxxa tal-għodda QSAR | 100 000.00 | FWC ECHA/2011/01 | Q2 | Q3 |
| 11. Kooperazzjoni Internazzjonali | 11.1 Koordinazzjoni ta' relazzjonijiet internazzjonali | Kaxxa tal-għodda 2 QSAR | 300 000.00 | FWC ECHA/2013/109 | Q1 | Q1 |
| 11. Kooperazzjoni Internazzjonali | 11.1 Koordinazzjoni ta' relazzjonijiet internazzjonali | Portal E-chem – manutenzjoni progressiva | 100 000.00 | FWC ECHA/2011/103 | Q1 | Q1 |
| 11. Kooperazzjoni Internazzjonali | 11.1 Koordinazzjoni ta' relazzjonijiet | Portal E-chem – manutenzjoni progressiva | 100 000.00 | FWC ECHA/2011/103 | Q4 | Q1/2015 |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | internazzjonali | | | | | |
| 12. Ġestjoni | 12.1 L-ippjanar tal-istrateġija tal-Aġenzija | Konsulenza speċifika għall-ippjanar u l-monitoraġġ tal-operazzjonijiet u r-riżorsi tal-ECHA (l-1 fażi)(inkluża l-ispeċifikazzjoni ta' sistema PM) (REACH u Bijoċidi) | 85 000.00 | FWC ECHA/2011/93 | Q1 | Q1 |
| 12. Ġestjoni | 12.3 Il-provvediment ta' ġestjoni eżekuttiva | Konsulenza speċifika IQMS (REACH u Bijoċidi) | 495 000.00 | FWC ECHA/2010/93 | Q1 | Q1 |
| 12. Ġestjoni | 12.3 Il-provvediment ta' ġestjoni eżekuttiva | Għodod ta' kollaborazzjoni siguri esterni u interni (Fabasoft, Groupcamp) | 85 000.00 | SACHA II (DI-6820) | Q1 | Q1 |
| 12. Ġestjoni | 12.3 Il-provvediment ta' ġestjoni eżekuttiva | Bdil fil-ġestjoni ta' konsulenza u sostenn (REACH u Bijoċidi) | 20 000.00 | Proċedura negozjata b'valur baxx | Q1 | Q1 |
| 12. Ġestjoni | 12.3 Il-provvediment ta' ġestjoni eżekuttiva | Konsulenza għat-titjib ta' għodod ta' ġestjoni ta' Informazzjoni u Tagħrif (Punt ta' | 400 000.00 | ECHA/2011/103 | Q1 | Q1 |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Kondiviżjoni) | | | | |
| 12. Ġestjoni | 12.3 Il-provvediment ta' ġestjoni eżekuttiva | Konsulenza għal effiċjenza (REACH u Bijoċidi) | 140 000.00 | FWC ABC3 (DIGIT) Lot 2 | Q1 | Q2 |
| 12. Ġestjoni | 12.5 Monitoraġġ, titjib, ġestjoni u rappurtaġġ | Konsulenza ta' verifika interna (Sigurtà tal-IT) | 55 000.00 | FWC ECHA/2010/93. Lot 4 | Q2 | Q3 |
| 12. Ġestjoni | 12.5 Monitoraġġ, titjib, ġestjoni u rappurtaġġ | Ċertifikazzjoni ISO 1001 – pre-verifika u verifika | 60 000.00 | Proċeduri negozjati b'valur baxx | Q1 | Q1 |
| | | **Somma totali** | **40 388 440.00 €** | | | |
| **Il-pjan ta' akkwisti jinkludi infiq operazzjonali ta' aktar minn EUR 10 000 permezz tal-akkwist tal-Aġenzija previst għall-2014** | | | | | | |

**KIF TIKSEB PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE**

**Pubblikazzjonijiet mingħajr ħlas:**

- permezz tal-Librerija tal-UE (http://bookshop.europa.eu);
- mar-rappreżentanti jew id-delegazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea. Tista’ tottjeni d-dettalji ta’ kuntatt tagħhom fuq l-Internet (http://ec.europa.eu) jew billi tibgħat fax lil +352 2929-42758.

**Pubblikazzjonijiet bi ħlas:**

- permezz tal-Librerija tal-UE (http://bookshop.europa.eu).

**Abbonamenti bi ħlas (eż. serje annwali tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u rapporti ta’ każijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea):**

- permezz ta’ waħda mill-aġenti tal-bejgħ tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (http://publications.europa.eu/others/agents/index_en.htm).

L-AĠENZIJA EWROPEA GĦAS-SUSTANZI KIMIĊI
ANNANKATU 18, KAXXA POSTALI 400,
FI-00121 ĦELSINKI, FINLANDJA
ECHA.EUROPA.EU

ED-AH-13-101-MT-N- **ISBN 978-92-9244-423-5- ISSN: 1831-7413-** doi: 10.2823/81531

Publications Office